IL-KELMA TAR-RAGHAJ

I-E.T. Mons. Nikol G. Cauchi

Isqof ta' Ghawdex

EDIZZJONI
"LUMEN CHRISTI"
1981

IL-KELMA TAR-RAGHAJ

Gabra ta' ittri pastorali,
cirkulari, u atti ohra tal-
E.T. Mons. Nikol G. Cauchi
Isqof t'Ghawdex

Vol. III

DAĦLA

Fil-bidu tas-sena 1977, kien ġie ippubblikat it-tieni volum tal-ktieb "Il-Kelma tar-Raġħaj" li fih kien hemm ġabra ta' ittri pastorali, u siltiet miċ-ċirkulari u minn xi diskorsi tiegħi.

Minn dak inhar sal-lum, inġabar materjal biżżejjed sabiex jiġi ppubblikat volum ieħor, li nispera li jkun milqugħ tajjeb bħattnejn ta' qablu.

Pubblikazzjoni ta' din ix-xorta tista' tkun ta' utilità għall-qarrejja, għax għad li l-ittri pastorali u ċ-ċirkulari jiġu stampati ta' kull darba u jidhru fl-Atti tal-Kurja, iżda dejjem aħjar li jkunu miġburin flimkien fi ktieb wieħed. Barra minn hekk, il-parti l-kbira tassiltiet mid-diskorsi kienu għadhom ma ġewx ippubblikati mkien.

Dan il-volum iżomm l-istess taqsim bħall-volumi li ħarġu s'issa; jiġifieri fl-ewwel parti hemm miġbura l-ittri pastorali; fit-tieni parti siltiet miċ-ċirkulari, u t-tielet parti siltiet mit-taħdidiet. Il-materjal kollu mbagħad hu mqassam b'ordni kronoloġiku.

Il-volum ma fih ebda wieħed mid-dokumenti u l-istqarrijiet tal-Konferenza Episkopali Maltija, peress li huwa ttamat li dawn 'il quddiem għad jiġu ppubblikati fi ktieb għalihom.

Nixtieq fl-aħħarnett infisser ir-rikonoxxenza tiegħi lejn dawk li taw l-għajnuna

tagħhom fit-thejjija fl-istampa u fit-tixrid ta' dawn il-volumi.

† **Nikol Ġ. Cauchi,**
Isqof ta' Għawdex.
12 - 2 - 1981.

1. IL-VALURI FUNDAMENTALI

Kien hemm żmien li fih il-bliet u l-irħula kienu kważi iżolati u maqtugħa għalihom weħidhom. F'ambjenti bħal dawn, ħlief f'xi eċċezzjoni żgħira, kulħadd kien jaħsibha l-istess dwar l-imġieba tal-bnedmin, dwar dak li hu tajjeb u dak li hu ħażin, dwar dak li għandhom jagħmlu jew jevitaw. Ir-regola tal-ħajja kienet aċċettata minn kulħadd u minn ġenerazzjoni għall-oħra, baqgħet dejjem l-istess għal bosta snin; hekk li saret tradizzjoni u ħafna kienu jaħsbu li qatt ma tista' jew għandha tinbidel.

Ħassib dwar il-valuri morali

Illum, però, is-soċjetà li fiha qegħdin ngħixu hija miftuħa għal kull għamla ta'

influwenzi kulturali ta' pajjiżi oħra. Qegħdin f'kuntatt kontinwu u immedjat ma' nies ta' ċiviltà u reliġjonijiet differenti minn tagħna, minħabba l-fatt li ta' sikwit narawhom fostna bħala turisti, kif ukoll għaliex bil-mezzi tal-kommunikazzjoni soċjali nisimgħu fuqhom u fuq il-mod kif jaħsbuha. Xi whud minnhom ma jsegwux ir-regoli tal-imġieba morali li konna nsegwu aħna. Għaldaqstant, hija ħaġa naturali li f'moħħ in-nies tagħna, speċjalment dawk li huma l-iktar intelliġenti fost il-kbar u ż-żgħażagħ, tinbet il-mistoqsija: Min għandu raġun, huma jew aħna; liema huwa l-aħjar sistema etiku, tagħhom jew tagħna; liema huma l-valuri morali li jgħoddu għal żmienna, dawk li kellna sal-lum, jew dawk li sirna nafu bihom issa? F'soċjetà pluralistika bħal tagħna, mistoqsija bħal din mhux biss hija leġittima iżda wkoll doveruża, jiġifieri mhux biss nistgħu iżda għandna wkoll id-dmir li nagħmluha.

Però, qabel ma tingħata tweġiba sodisfaċenti għad-dubbji li semmejna, jeħtieġ li aħna l-insara, fid-dawl tal-fidi u tar-raġuni, nagħmlu riflessjoni iktar profonda u nsibu soluzzjoni għall-problema li tinkwieta mhux biss lilna iżda wkoll lil bnedmin oħra li ftit jew wisq għandhom rieda tajba bħal tagħna u sens ta' responsabbilità.

Fit-tibdil mgħaġġel tas-soċjetà tal-lum u quddiem il-perikli gravi li qed iheddu lill-bnedmin, xi whud qed jitħassbu dwar is-sopravivenza tal-umanità, jiġifieri jekk il-bniedem hux ser jisfa vittma tal-invenzjonijiet tiegħu stess; jekk bil-progress teknoloġiku tiegħu kollu wasalx fi stadju li ser jeqred lilu nnifsu u s-soċjetà ta' madwaru. Dan it-tħassib ikompli jikber, meta wieħed jiftakar fiużu dejjem ikbar tal-enerġija nuklejari bil-possibilità li jkun hemm tinġis radjuattiv. Hu allarmanti wkoll il-fatt li f'ħafna pajjiżi daħlet il-manija ta' kotra ta' żgħażagħ li jgħixu fuq id-droga biex jevadu r-responsabilitajiet tagħhom.

Kristu u l-Problemi umani

Bir-raġun għalhekk, li ħafna qegħdin jistaqsu: Liema għamla ta' bniedem jeħtieġ li jkun hemm fis-soċjetà tal-lum u fuq kollox fis-soċjetà ta' għada? Liema kwalitajiet għandhom jiġu żviluppati fil-personalità tat-tfal u taż-żgħażagħ sabiex isibu tabilħaqq ilhena ta' qalbhom u jġibu l-paċi fis-soċjetà? Liema għandhom ikunu l-idejali, ix-xewqat u l-għemejjel tagħhom? Liema għandha tkun il-mentalità u l-imġieba morali tagħhom? X'viżjoni jeħtieġ li jkollhom tal-ħajja u taddinja li qed igħixu fiha?

Għal min għandu l-istess twemmin tagħna, it-tweġiba għal dawn il-mistoqsijiet mhix diffiċli għall-inqas fuq livell tejoretiku; iddiffikultà tinqala' meta wieħed jiġi biex jikkonvinċi ruħu tabilħaqq u jqiegħed fil-prattika dak li tindikalu l-fidi tiegħu nisranija.

Biex inkunu nafu liema valuri għandna

influwenzi kulturali ta' pajjiżi oħra. Qegħdin f'kuntatt kontinwu u immedjat ma' nies ta' ċiviltà u reliġjonijiet differenti minn tagħna, minħabba l-fatt li ta' sikwit narawhom fostna bħala turisti, kif ukoll għaliex bil-mezzi tal-kommunikazzjoni soċjali nisimgħu fuqhom u fuq il-mod kif jaħsbuha. Xi whud minnhom ma jsegwux ir-regoli tal-imġieba morali li konna nsegwu aħna. Għaldaqstant, hija ħaġa naturali li f'moħħ in-nies tagħna, speċjalment dawk li huma l-iktar intelliġenti fost il-kbar u ż-żgħażagħ, tinbet il-mistoqsija: Min għandu raġun, huma jew aħna; liema huwa l-aħjar sistema etiku, tagħhom jew tagħna; liema huma l-valuri morali li jgħoddu għal żmienna, dawk li kellna sal-lum, jew dawk li sirna nafu bihom issa? F'soċjetà pluralistika bħal tagħna, mistoqsija bħal din mhux biss hija leġittima iżda wkoll doveruża, jiġifieri mhux biss nistgħu iżda għandna wkoll id-dmir li nagħmluha.

Però, qabel ma tingħata tweġiba sodisfaċenti għad-dubbji li semmejna, jeħtieġ li aħna l-insara, fid-dawl tal-fidi u tar-raġuni, nagħmlu riflessjoni iktar profonda u nsibu soluzzjoni għall-problema li tinkwieta mhux biss lilna iżda wkoll lil bnedmin oħra li ftit jew wisq għandhom rieda tajba bħal tagħna u sens ta' responsabbilità.

Fit-tibdil mgħaġġel tas-soċjetà tal-lum u quddiem il-perikli gravi li qed iheddu lill-bnedmin, xi whud qed jitħassbu dwar is-sopravivenza tal-umanità, jiġifieri jekk il-bniedem hux ser jisfa vittma tal-invenzjonijiet tiegħu stess; jekk bil-progress teknoloġiku tiegħu kollu wasalx fi stadju li ser jeqred lilu nnifsu u s-soċjetà ta' madwaru. Dan it-tħassib ikompli jikber, meta wieħed jiftakar fl-użu dejjem ikbar tal-enerġija nuklejari bil-possibilità li jkun hemm tinġis radjuattiv. Hu allarmanti wkoll il-fatt li f'ħafna pajjiżi daħlet il-manija ta' kotra ta' żgħażagħ li jgħixu fuq id-droga biex jevadu r-responsabilitajiet tagħhom.

Kristu u l-Problemi umani

Bir-raġun għalhekk, li ħafna qegħdin jistaqsu: Liema għamla ta' bniedem jeħtieġ li jkun hemm fis-soċjetà tal-lum u fuq kollox fis-soċjetà ta' għada? Liema kwalitajiet għandhom jiġu żviluppati fil-personalità tat-tfal u taż-żgħażagħ sabiex isibu tabilħaqq il-hena ta' qalbhom u jġibu l-paċi fis-soċjetà? Liema għandhom ikunu l-idejali, ix-xewqat u l-għemejjel tagħhom? Liema għandha tkun il-mentalità u l-imġieba morali tagħhom? X'viżjoni jeħtieġ li jkollhom tal-ħajja u taddinja li qed igħixu fiha?

Għal min għandu l-istess twemmin tagħna, it-tweġiba għal dawn il-mistoqsijiet mhix diffiċli għall-inqas fuq livell tejoretiku; iddiffikultà tinqala' meta wieħed jiġi biex jikkonvinċi ruħu tabilħaqq u jqiegħed fil-prattika dak li tindikalu l-fidi tiegħu nisranija.

Biex inkunu nafu liema valuri għandna

ngħożżu u liema għandna nqisu bħala valuri fundamentali, biżżejjed inżommu quddiem għajnejna lil Kristu u nagħmlu ħilitna biex nifhmu l-messaġġ Tiegħu. Huwa x-xempju ta' dak kollu li hemm u jista' jkun hemm tajjeb fil-ħajja tagħna. Jekk inħarsu lejn Kristu u nisimgħuh, insiru nafu x'inhu l-bniedem, l-oriġini u d-destin tiegħu, mnejn ġej u fejn għandu jmur. Fi Kristu, xbieha sublimi tal-Missier tagħna tas-sema, aħna naraw mhux biss lil Alla li waħdu hu għal kollox perfett, iżda naraw ukoll is-sura tal-bniedem ġdid. Bit-tagħlim u l-għemejjel tiegħu, Kristu jikxef id-difetti li hemm fil-bniedem, speċjalment l-egojiżmu li minnu ġej kull nuqqas ieħor. Kristu jurina wkoll li meta l-bniedem, għall-imħabba t'Alla, jiċħad lilu nnifsu u jagħti ruħu għas-servizz tal-proxxmu, ħajtu tieħu tifsira ġdida u qalbu ssib tabilħaqq il-mistrieħ tagħha. Fi Kristu, il-bniedem jitgħallem f'dawl ġdid, kif għandha tkun l-imġieba tiegħu ma' Alla, ma' għajru u mal-ħleqjaq kollha. Mhux biss fil-ħajja tiegħu privata, iżda wkoll fir-relazzjonijiet tiegħu ma' l-oħrajn, mhux biss bħala individwu, iżda wkoll bħala membru tas-soċjetà, il-bniedem li jimxi wara Kristu, ma jistax jimxi fid-dlam. (1) Għall-bnedmin ta' kull żmien u ta' kull art, Kristu kien u jibqa' "it-triq, il-verità u l-ħajja." (2)

Minn dak li qal u għamel Kristu, aħna nistgħu nsibu liema huma l-valuri li aħna, bħala nsara, jeħtieġ inqegħdu bħala sisien ta' ħajjitna u li ma għandna qatt niċċaħħdu

minnhom, ikunu x'ikunu l-opinjonijiet u d-drawwiet tal-oħrajn. Jeħtieġ fuq kollox, li nemmnu li hemm Alla, li ruħna tibqa' ħajja għal dejjem, li dak li huwa spiritwali jiswa' iżjed mill-ħwejjeġ materjali, u li jeżisti ordni morali fejn it-tajjeb jista' jingħażel mill-ħażin.

L-eżistenza t'Alla

Huwa evidenti li mhux il-bnedmin kollha għandhom l-istess fehma tagħna dwar Alla. Hemm xi whud li jaħsbu li l-bniedem, bl-intelliġenza u l-ħila tiegħu biss, kapaċi jfassal għalih innifsu ħajja hienja u etikament tajba. Hemm oħrajn li jidhrilhom li Alla ma jeżistix u li t-twemmin f'Alla jagħmel ħsara lill-bniedem għaliex jaljenah u jfixklu fil-mixja tiegħu lejn il-ħlusija u l-progress. Ma jonqsux dawk li jistqarru li sinċerament qegħdin ifittxu lil Alla, iżda s'issa għadhom ma sabuhx. "Bla dubju, dawk li apposta jippruvaw ibiegħdu 'l Alla minn qalbhom u jaħirbu l-problemi reliġjużi m'humiex qegħdin jimxu fuq il-kelma tal-kuxjenza tagħhom u għalhekk ma humiex eżenti mill-ħtija." (3)

Iżda Alla ma jitlaqx il-bniedem waħdu imma jagħtih l-għajnuna biex dan jista' jsibu u jiltaqa' miegħu. Alla ta ħjiel tal-kobor tiegħu fi-ordni tal-ħolqien, hekk li l-bniedem, imżejjen bir-raġuni, ma jistax ikun li ma jintebaħx li hemm xi qawwa wisq akbar minnu li tmexxi l-ħlejjaq kollha u li minnha kellhom bidu. Kif igħallem l-Appostlu Missierna

San Pawl, il-bnedmin jistgħu jintebħu bleżistenza t'Alla għaliex "il-kobor tiegħu li ma jidhirx, jiġifieri s-setgħa tiegħu ta' dejjem, u d-divinità tiegħu, huma setgħu jagħrfuh sa mill-ħolqien tad-dinja, permezz tal-ħlejjaq, u għalhekk ma għandhom ebda skuża." (4)

Il-kotba tal-Iskrittura Mqaddsa jagħtu xhieda kif Alla għażel għalih il-popu maħtur tiegħu u ndaħal bosta drabi biex imexxih u jħarsu. Alla tkellem ukoll bil-fomm tal-profeti tiegħu, li wasslu l-messaġġi li kien jafdalhom. Iżda l-aqwa għemil li bih Alla ndaħal fl-istorja tal-umanità kienet il-fidwa talbniedem, imwettqa minn Kristu, l-istess Iben Tiegħu. L-aqwa kelma li biha Alla kellem liddinja, kien il-Mulej tagħna Ġesù. Għalhekk, fl-Ittra lil-Lhud, naqraw: "Alla fl-imgħoddi kellem lil missirijietna ħafna drabi u b'ħafna manjieri permezz tal-profeti. Issa f'dan l-aħħar żmien, huwa kellimna permezz ta' Ibnu, li hu għamlu werriet ta' kollox u li bih ukoll għamel il-ħolqien." (5)

Kristu huwa msejjaħ "il-milja tar-rivelazzjoni kollha kemm hi" (6), għaliex huwa rrivelalna lill-Missier: "Lil Alla għadu ħadd ma rah, imma għarrafhulna l-Iben il-waħdieni ta' Alla, li hu fi ħdan il-Missier." (7) Kristu mhux biss qalilna li hemm Alla, iżda wkoll uriena min hu. Il-għarfien t'Alla ġie mogħti lilna l-bnedmin, fuq kollox, permezz ta' Ġesù Kristu, "ix-xbieha ta' Alla li ma jidhirx" (8), għax fi Kristu hemm "tgħammar il-milja sħiħa, tad-divinità fil-ġisem", (9) u

miegħu "feġġet it-tjieba ta' Alla, Salvatur tagħna u l-imħabba tiegħu għall-bnedmin". (10)

Dawk li lil Alla għadhom ma sabuhx, jistgħu huma wkoll, bħal Filippu, bl-umiltà u s-sinċerità, jersqu lejn Kristu u jitolbuh: "Mulej, urina l-Missier, u jkun biżżejjed għalina." It-tweġiba li tah Kristu għandha tissodisfa lilhom ukoll: "Min ra lili, ra lill-Missier." (11) Kristu huwa t-triq ewlenija li twassal il-bnedmin biex isibu lil Alla.

Ir-ruħ ma tmut qatt

Tendenza komuni fi żminijietna hija l-opinjoni ta' dawk li jaħsbu li l-eżistenza talbniedem tasal biss sal-mewt u li ma għandhom l-ebda tama ta' ħajja oħra li tibqa' għal dejjem. Il-ħajja f'din id-dinja hija kollox għalihom u l-mewt jarawha bħala qabża f'baħħ mudlam. Għalhekk huma jikkonċentraw l-attenzjoni u l-enerġiji tagħhom fuq il-ħajja ta' din l-art u jipprovaw jiksbu minnha dak kollu li tista' toffrilhom. Huma jaħtfu kull okkażjoni biex jitpaxxew u jissodisfaw il-ġibdiet tagħhom għax jidhrilhom li wara l-mewt ma jibqa' xejn. It-tfittxija talpjaċiri hija għal bosta minnhom l-uniku idejal u skop ta' ħajjithom.

Ħafna drabi, ma humiex kuntenti li jżommu għalihom din il-viżjoni limitata talħajja, iżda jaslu wkoll biex ilumu lil min jittama f'ħajja eterna. Skond kliemhom, min

hu ħsiebu fl-eternità, ma jħabrikx biżżejjed biex itejjeb il-qagħda tiegħu u ta' sħabu f'din id-dinja. Min igħix bit-tama tal-premju ta' Alla fil-ġenna, igħidulna dawn it-talin, jissaporti faċilment l-inġustizzji li jsiru kontra tiegħu u ta' sħabu u ma jitqanqalx biex jeħles lilu nnifsu u lis-soċjetà mill-ktajjen taljasar u tal-oppressjoni. Huma jaslu għall-konklużjoni li t-twemmin jew it-tama f'ħajja oħra jfixklu l-progress u l-ġid ta' l-umanità f'din id-dinja.

Però wieħed malajr jintebaħ kemm huma foloz dawn l-akkużi. In-nisrani matur, filwaqt li jemmen fil-ħajja ta' dejjem, jaf ukoll li dment li huwa jgħix f'din l-art, għandu jagħti s-sehem tiegħu biex ikun hawn dinja aħjar. Anzi huwa jħoss iktar minn ħaddieħor, ir-responsabilità ta' din il-missjoni tiegħu għaliex jemmen li ta' għemilu kollu jrid jagħti kont lill-Ħallieq u Imħallef tiegħu. "Il-messaġġ nisrani ma jbegħidx il-bnedmin middmir li jibnu d-dinja u lanqas ma jġegħelhom jittraskuraw il-ġid tal-bnedmin l-oħra, imma għall-kuntrarju jorbothom bi dmir li jagħmlu dan." (12)

Iżda l-impenji li għandu f'din id-dinja, serji kemm huma serji, lin-nisrani ma jnissuh qatt id-destin etern tiegħu. Hu jiġih ta' spiss dan il-ħsieb: "Għalfejn qiegħed fid-dinja? Biex ngħix bil-kumditá hawnhekk jew biex inhejji ruħi għal ħajja oħra li tibda wara l-mewt?" Il-ħarsa tiegħu tinfirex iktar il-bogħod mill-qabar għax huwa konvint li l-eżis-

tenza tiegħu fuq l-art hija preludju u thejjija għall-ħajja ta' dejjem. Din il-konvinzjoni timlih bil-kuraġġ, "mhux bħall-oħrajn li ma għandhomx tama." (13)

In-nisrani jibni dan it-twemmin tiegħu fuq il-kelmiet ta' Kristu: "Tibżgħux minn dawk li joqtlu l-ġisem bla ma jistgħu joqtlu r-ruħ." (14) "Fil-qawmien ta' l-imwiet, innies la jżewġu u lanqas jiżżewġu, imma jkunu bħall-anġli ta' Alla fis-sema." (15) "Tgeddsux għalikom teżori f'din id-dinja fejn kollox jitmermer bil-kamla u s-sadid, u fejn il-ħallelin jinfdu u jisirqu. Iżda ġemmgħu għalikom teżori fis-sema, fejn xejn ma jitmermer u la bil-kamla u lanqas bis-sadid, u fejn ma hemmx ħallelin jinfdu u jisirqu." (16)

Il-bniedem imut, iżda mhux għal kollox; xi ħaġa mill-bniedem tibqa' tgħix għal dejjem; mhux il-ġisem li jsir kadavru u jitmermer fit-trab, iżda r-ruħ li hija ċ-ċentru talħajja umana, ma tmut qatt. Il-mewt allura mhix it-tmiem tal-eżistenza tagħna, iżda ġġib bidla fil-mod kif tgħix ir-ruħ. Għan-nisrani, li tmut ifisser li tinħall mir-rbit tal-ġisem u tgħix ma' Kristu. (17)

Il-ġisem ukoll għad ikollu sehem f'din il-ħajja ġdida, għax għad jirxoxta biex jerġa' jingħaqad mar-ruħ fl-aħħar jum, meta "dan il-ġisem li jitħassar jilbes in-nuqqas ta' taħsir ..... dan il-ġisem li jmut jilbes l-immortalità" (18) sabiex il-bnedmin kollha jaraw is-sebħ ta' Kristu fit-tieni miġja tiegħu, minnu mħabbra fil-Vanġelu Mqaddes. (19)

Kull bniedem huwa ddestinat li jgħix għal dejjem. Dan id-destin etern tal-bniedem huwa waħda mir-raġunijiet għaliex kull persuna umana, kull bniedem, żagħżugħ jew xiħ, f'saħħtu jew marid, għandu jiġi ttrattat bl-akbar rispett, anke meta s-soċjetà tqisu bħala inutli u bla siwi.

Il-ġid spiritwali, l-ewwel u qabel kollox

Minn dan li għidna, nintebħu bi żball ieħor komuni fi żminijietna. Xi whud iqisu l-bniedem mhux għal dak li hu fih innifsu, iżda għal dak li għandu jew jista' jkollu. Għalhekk huma japprezzaw wisq iżjed il-ġid materjali li jġib vantaġġi li jidhru u jaf bihom kulħadd, milli japprezzaw il-ġid spiritwali li bosta drabi jkun moħbi u jaf bih Alla waħdu.

Fejn teżisti din il-mentalità tibda tellieqa biex jinkiseb il-ġid tal-art fid-diversi għamliet tiegħu. Tingħata aktar importanza lill-produzzjoni tal-oġġetti materjali u l-qliegħ ta' flus milli tingħata lill-iżvilupp u lill-promozzjoni tal-bniedem bil-jeddijiet tiegħu bħala persuna umana. Huwa meqjus iktar bħala annimal produttiv li biex jaħdem irid jiekol, milli bħala kreatura li għandha wkoll ħtiġijiet spiritwali profondi.

Ir-riżultat ta' din it-tellieqa jkun bosta drabi li l-bniedem isib ruħu bħal rota ta' magna, li ddur bla waqfien sakemm titfarrak u tiġi mibdula b'rota oħra, iħoss li huwa element bla leħen u bla setgħa ta' deċiżjoni f'or-

ganizzazzjoni setgħana li tkarkru magħha bħal ma tibna jġorrha l-kurrent tal-ilma. Mingħajr dubju, kundizzjoni bħal din ma tixraq xejn lid-dinjità tal-bniedem, li għandu ruħ spiritwali u libera kif ukoll id-don tal-kreattività. Ikun qed ibaxxi lill-bniedem min jipprova jeqred jew joħnoq fih it-tendenzi tar-ruħ tiegħu, anke jekk jasal biex jipprovdilu ġid materjali bl-abbundanza u elf kumdità għall-ħajja tal-ġisem.

Tabilħaqq li l-valur tal-ġisem uman huwa essenzjali fir-reliġjon nisranija. Is-sura tal-ġisem ma ġietx imfassla minn xi prinċipju ħażin, kif kienu jgħidu l-Manikej, iżda ġiet maħluqa minn Alla. (20) Allura dak kollu li huwa meħtieġ għall-ħajja tal-ġisem, ikel u lbies, sess u familja, dar u mezzi ta' trasport, xogħol u divertiment, kollox għandu postu fil-pjan li Alla hejja għall-bnedmin. In-nisrani obbligat għalhekk, li juża t-talenti tiegħu u japplika ħidmietu biex ikun hemm elevazzjoni jew titjib fil-ħajja materjali tiegħu nnifsu u tal-proxxmu.

Però dan huwa biss l-ewwel pass u n-nisrani ma jistax jieqaf hawn. Jeħtieġ iżda li jieħu bis-serjetà t-twissijiet ta' l-Imgħallem Divin tagħna: "Il-bniedem mhux bil-ħobż biss igħix, iżda b'kull kelma li toħroġ minn fomm Alla." (21) "Fittxu l-ewwel is-Saltna u l-ġustizzja t'Alla." (22) In-nisrani jaf li Alla waħdu jista' jissodisfa "ix-xewqat l-iktar profondi tal-qalb tal-bniedem, li bil-ġid ta' l-art, qatt ma taqta' għal kollox il-ġuħ tagħ-

ha." (23) L-ikbar importanza mela, għandha tingħata lil dawn l-esiġenzi spiritwali u għalhekk, ir-reliġjon tgħallimna li għandna nieħdu ħsieb u nikkoltivaw fina u fl-oħrajn issetgħat tar-ruħ u li nistmaw qabel xejn u fuq kollox dak li huwa ġid spiritwali tagħna u tal-proxxmu.

Il-għażla bejn it-tajjeb u l-ħażin

Opinjoni oħra li tħawwad l-imħuħ hija ta' dawk li jaħsbu li l-morali hija relativa, tista' tiġi mġebbda skond il-każ u li ma għadx hemm linja ċara li timmarka dak li huwa tajjeb minn dak li hu ħażin. Dak li l-ġenerazzjonijiet ta' qabilna kienu jqisuh moralment ħażin, illum ħafna jaċċettawh bħala ħaġa tajba jew għall-inqas indifferenti.

Iżda l-etika fiha nnifisha, ma tistax tkun elastika, għaliex hija mibnija fuq l-ordni morali jew il-pjan li Alla fassal għall-bniedem sa mill-ħolqien tiegħu. Hija tqis u tiżen l-għemejjel tal-bniedem biex tara u tiġġudika jekk jaqblu jew ma jaqblux man-natura umana. Issa ladarba n-natura umana hija dejjem dik li hi, ċerti azzjonijiet li jaqblu magħha jibqgħu dejjem tajbin u ċerti azzjonijiet li ma jixirqulhiex jibqgħu dejjem ħżiena, għad li jkun hemm tibdil fil-gosti, fl-interessi u fid-drawwiet tal-bnedmin.

Iżda għad li l-ordni morali oġġettiv jibqa' dejjem l-istess u ma jinbidilx, il-għarfien tiegħu da parti tal-bniedem jista' jkun iżjed

jew anqas perfett. Tajjeb hawnhekk li wieħed jara d-differenza bejn il-prinċipji ewlenija tal-moralità u l-konsegwenzi li ġejjin minnhom aktar jew anqas mill-qrib. Il-prinċipji ewlenin huma ċari u evidenti u għalhekk min għandu l-użu tar-raġuni ma jistax ikun li ma jkunx jaf bihom. Hekk per eżempju, kulħadd jaf li għandu jagħmel it-tajjeb u jaħrab il-ħażin, li l-qtil ta' bniedem innoċenti huwa għemil ħażin. Però meta niġu għal veritajiet oħra dwar l-ordni morali, li jitnisslu mill-prinċipji li semmejna, mhux dejjem il-bniedem jasal biex jagħrafhom ċar, speċjalment jekk ikun hemm bżonn tar-riflessjoni biex wieħed jara l-konnessjoni tagħhom mal-prinċipji tal-moralità. Hekk biex noqogħdu fuq l-istess eżempju, fiċ-ċirkustanzi konkreti tal-ħajja, mhux kulħadd jaqbel x'inhu t-tajjeb jew xi jfisser bniedem innoċenti.

Tidħol hawnhekk il-kwistjoni tal-kuxjenza, li fil-ħajja tan-nisrani għandha post importanti ħafna. Il-kuxjenza ma toħloqx hi l-ordni morali oġġettiv, iżda tgħin lill-bniedem biex jagħrfu u jimxi fuqu, ma tagħmilx hi l-liġi, iżda tapplika l-liġi magħmula minn Alla għal kull għemil liberu li jwettaq il-bniedem. "Ġol-kuxjenza tiegħu, il-bniedem jara liġi li ma għamilhiex hu, imma għall-kuntrarju, huwa għandu jobdiha." (24)

Ma jkunx jimxi bl-onestà, anzi jkun iqarraq bih innifsu dak il-bniedem li "ftit ikun jimpurtah li jfittex is-sewwa u t-tajjeb,

u meta l-kuxjenza ssir donnha għamja minħabba fid-drawwa tad-dnub." (25)

Iżda meta tkun imdawwla bil-fidi nisranija, il-kuxjenza tagħraf li kull dmir u obbligu tagħha huwa mibni fuq ir-rieda mqaddsa ta' Alla. Quddiemha ma jkollhiex biss liġi iebsa jew prinċipji astratti, iżda lil Alla personali nnifsu li juru mħabbtu anke meta jitlob mill-bniedem xi sagrifiċċji jew jimponilu ċerti dmirijiet.

Ir-reliġjon nisranija tagħti ċertezza dwar il-veritajiet morali essenzjali u ċerti aspetti li jolqtu l-ħajja tagħna. Min iħaddan it-tagħlim ta' Kristu għandu wisq iktar dawl dwar l-imġieba morali milli jista' jkollu wieħed pagan, anke jekk dan ifittex li jgħix onestament. Għaliex Kristu ma qalilniex biss "agħmlu t-tajjeb" iżda fissrilna wkoll x'inhu t-tajjeb: "Jekk int trid tidħol fil-ħajja, ħares il-kmandamenti." (26) "Jekk ma tindmux, il-koll tintilfu xorta waħda." (27) "Itolbu u jingħatalkom." (28) Kristu ma qalilniex biss biex naħarbu l-ħażen, iżda wriena wkoll liema huwa dan il-ħażen: "Kull min iħares lejn mara u jixtieqha, ikun ġà għamel adulterju magħha f'qalbu." (29) "Kull min jaqbad issejf, bis-sejf jinqered." (30) eċċ.

Madankollu, ir-reliġjon nisranija mhux dejjem toffri lill-kuxjenza risposta pronta għal kull diffikultà tal-ħajja li tista' tinqala'. Għalhekk, kif igħallimna l-Konċilju, "meta jkunu fidili lejn il-kuxjenza, l-insara jin-

għaqdu mal-bnedmin l-oħra biex ifittxu l-verità u biex iħollu skond il-verità ħafna problemi morali, li jinbtu fil-ħajja ta' kull wieħed u fil-ħajja soċjali." (31)

Barra minn hekk, in-nisrani jsib dawl għall-problemi diffiċili ta' żmienna fit-tagħlim ta' dawk li minn Kristu rċivew is-setgħa li jgħallmu u jmexxu l-erwieħ, jiġifieri fil-Maġisteru tal-Knisja. In-nisrani għalhekk, li jrid jifforma sewwa l-kuxjenza tiegħu, ma jistax u m'għandux jitfa' wara spallejh dan it-tagħlim.

Jekk in-nisrani mbagħad ikollu x-xorti li jkun jagħmel parti minn kommunità nisranija, kbira jew żgħira, bħal ma hi l-familja jew għaqda reliġjuża, fejn ikun hemm spirtu mħeġġeġ ta' fidi u ta' karità, huwa jsib ukoll għajnuna kbira mill-eżempju tajjeb li l-membri ta' din il-kommunità jagħtu lil xulxin.

Il-morali tar-responsabilità personali

Iżda li tkun nisrani responsabbli ma jfissirx biss li taħrab id-dnub u li ma tagħmilx din il-ħaġa jew l-oħra għax tmur kontra l-liġi t'Alla. Nisrani responsabbli jfisser ukoll dak il-bniedem li jifli, jagħraf u japprova dak kollu li hemm tajjeb fil-ħolqien u fil-bnedmin l-oħra. Il-persuna umana mhix bħala ħaġa bla ħajja li teżisti biss, iżda jeħtieġ li tikber, tirrejalizza lilha nfisha, u tistagħna spiritwalment billi tħaddan it-tajjeb

kollu li skond il-pjan t'Alla, igħodd għaliha, "bħal siġra mħawwla ħdejn nixxigħat ta' l-ilma li tagħmel il-frott fi żmienha, u l-weraq tagħha ma jitbielx." (32)

Għalhekk, biex jilħaq il-maturità tiegħu, in-nisrani għandu japprezza l-valuri umani kollha bħal ma huma l-ħbiberija sinċiera, il-lealtà, l-intelliġenza, il-ħidma għalenija, it-tagħlim u l-kreattività artistika, li jsir jaf bihom mill-esperjenza tiegħu u permezz tal-kuntatti li jkollu mas-soċjetà. Il-glorja t'Alla tidher mhux biss fis-sbuħija tal-ħolqien, iżda wkoll f'dak kollu li jaħseb, iħobb u jwettaq tajjeb il-bniedem, kreatura tiegħu.

In-nisrani, allura jħabrek biex jikkoltiva u jsaħħaħ dawn il-valuri fil-ħajja tiegħu u f'dik tal-oħrajn. Fil-fatt, huma dawn il-valuri li jiġbdu l-bnedmin u jqanqluhom ħalli bi sforzi u sagrifiċċji, jaħdmu bla waqfien għall-iżvilupp integrali tal-persuna tagħhom u għall-progress fis-soċjetà li jgħixu fiha. L-Appostlu Missierna jfissrilna din il-fehma, meta jgħidilna: "F'dan għandkom taħsbu: f'kull ma hu veru, f'kull ma hu xieraq, f'kull ma hu ġust, f'kull ma hu safi, f'kull ma jiġbed l-imħabba, f'kull ma jistħoqqlu ġieħ, f'kull ma hu virtù, f'kull ma ħaqqu t-tifħir; f'dan kollu aħsbu. " (33)

Dejjem irid joqgħod attent il-bniedem biex ma jingħalaqx fil-qoxra tal-egoiżmu tiegħu, għax din għalih hija tentazzjoni kontinwa. Mhux biżżejjed għalhekk li huwa jfittex li jikseb dawn il-valuri għalih innifsu,

iżda għandu jinteressa ruħu wkoll biex jitwettqu fil-ħajja ta' l-oħrajn. Skond it-tagħlim tal-Vanġelu, wieħed għandu jħobb lil għajru u jixtieqlu l-ġid, kif iħobb lilu nnifsu. Kristu qalilna: "Dak kollu li tridu li l-bnedmin jagħmlu lilkom, agħmlu ukoll intom lilhom." (34)

Huma meħtieġin il-prudenza u dixxerniment, sabiex in-nisrani, waqt li jistma l-valuri kollha, jintebaħ ukoll li fosthom hemm ordni jew ġerarkija, għaliex mhux kollha għandhom l-istess importanza, iżda wieħed jista' jkun meħtieġ aktar mill-ieħor. Hekk in-nisrani ma jsibhiex bi tqila li jissagrifika u jiċċaħħad minn xi valur, meta dan ikun meħtieġ biex isalva valur ieħor aqwa minnu. Dwar din il-ġerarkija tal-valuri, Kristu jgħallimna li s-salvazzjoni tar-ruħ hija l-aqwa ħaġa u li l-ħajja tiswa iżjed minn kull ġid ieħor tal-art: "X'jiswielu l-bniedem li jikseb id-dinja kollha u mbagħad jitlef ruħu jew jinqered?" (35) "Jaqaw il-ħajja m'hijiex aqwa mill-ikel, u l-ġisem aqwa mill-ilbies?" (36) "Xi prezz se jagħti l-bniedem biex isalva ħajtu?" (37)

In-nisrani jeħtieġlu jiddeċiedi wkoll ta' kull darba, liema minn dawn il-valuri huma l-iktar urġenti u liema minnhom għandu jagħżel fil-mumenti determinati tal-ħajja tiegħu. Dwar l-urġenza li xi valur partikulari jista' jkollu iktar minn valuri oħra fiċ-ċirkustanzi li nkunu fihom, insibu twissija fl-Iskrittura Mqaddsa li tgħidilna: "Kollox

għandu ż-żmien tiegħu ... żmien li ġġarraf u żmien li tibni, żmien li tibki u żmien li tidħak ... żmien li tiskot u żmien li titkellem..." (38) Kristu wkoll, qabel ma jwettaq xi għemil importanti, kien jistenna l-waqt preċiż li jkun jaqbel mar-rieda tal-Missier; u ġie li qal: "Għalija għadu ma wasalx iż-żmien." (39)

Fiż-żminijiet tal-lum, mhux biżżejjed għan-nisrani li jipprova jibni l-imġieba morali tiegħu fuq l-ubbidjenza tal-għaxar kmandamenti u tal-liġijiet tal-Knisja, iżda huwa meħtieġ ukoll li jistudja s-sinjali taż-żminijiet, biex b'attenzjoni u bil-ħeffa jintebaħ b'dak li jrid Alla minnu fil-post u fil-waqt determinat tal-eżistenza tiegħu. F'ċerti każijiet, in-nisrani jkollu jagħmel l-għażliet personali tiegħu u jieħu deċiżjonijiet kuraġġjużi biex iħares il-lejalta tiegħu lejn din ir-rieda t'Alla.

Minflok il-morali tal-pressjoni soċjali, l-insara tal-lum għandhom jitgħallmu l-morali tar-responsabilità personali. It-tajjeb għandna nagħmluh u l-ħażin naħirbuh, mhux għax imbuttati minn bnedmin oħra, iżda għaliex inkunu disponibbli li nilqgħu kull mument ta' ħajjitna s-sejħa t'Alla u bil-libertà sħiħa tagħna noqogħdu għal dak li jrid minna.

Issa jekk niflu bir-reqqa l-fenomeni ta' żminijietna, nindunaw li fost l-oħrajn, hemm tliet ħtiġijiet urġenti li l-insara tal-lum għandhom jeħduhom bis-serjetà u jiddeċiedu

x'ser jagħmlu dwarhom minnufih. Dawn huma r-rispett u l-ħarsien tal-ħajja, tal-verità u tal-libertà.

Ir-rispett għall-ħajja

Kwalunkwe ħajja hija ħaġa meraviljuża, anke jekk inqisu biss dik ta' xitla jew annimal. Il-ħajja umana però, għandha valur wisq akbar għaliex il-bniedem, maħluq minn Alla b'ruħ spiritwali, li ma tmut qatt u mżejjen bir-raġuni u l-libertà, għandu dinjità assoluta u għalhekk jistħoqqilha li tiġi rispettata u mħarsa.

Il-ħajja ġiet mogħtija lilna minn Alla bħala rigal l-iktar prezzjuż biex ninqdew biha għas-servizz tiegħu. Ħadd iżda ma hu s-sid tal-ħajja umana ħlief Alla waħdu. Huwa biss għandu d-dritt li jtemmha, fil-waqt li l-bnedmin għandhom id-dritt u d-dmir li jieħdu ħsiebha u jħarsuha.

Il-ħajja tal-bniedem, hu min hu, jixirqilha l-ikbar rispett u għandha tiġi mħarsa mill-bidunett tagħha sat-tmiem. Il-Konċilju Vatikan it-Tieni, mhux ħlief jinterpreta l-liġi tan-natura, imwaqqfa minn Alla, meta jikkundanna: "dak kollu li hu kontra l-istess ħajja, bħal kull xorta ta' qtil ta' bnedmin, il-ġenoċidju, qtil ta' trabi qabel it-twelid (abort), l-ewtanasja u l-istess suwiċidju voluntarju." (40)

Il-vittmi tal-abort huma persuni innoċenti li bl-ebda mod ma jistgħu jiddefendu

lilhom infushom kontra l-vjolenza li ssirilhom minn nies li m'għandhomx il-biża' ta' Alla. Iżda, l-ebda bniedem, la f'isem is-soċjetà u l-anqas f'isem ix-xjenza, ma għandu l-jedd li jagħti jew jesegwixxi s-sentenza talmewt fuq persuna innoċenti, l-anqas meta jidhirlu li b'daqshekk biss ser iħares is-saħħa tal-omm. F'każ bħal dan, huwa dmir gravi tiegħu li jagħmel ħiltu kollha sabiex isalva kemm il-ħajja tal-omm kif ukoll dik imnissla minnha.

Il-liġi t'Alla dwar it-theddid fuq il-ħajja umana, fejn għandu x'jaqsam l-abort, ġiet imfissra bir-reqqa u mxandra bil-kuraġġ kollu mill-Knisja Kattolika fl-istqarrija tas-Sagra Kongregazzjoni tat-Tagħlim tal-Fidi tat-18 ta' Novembru, 1974.

Huwa wkoll qtil li jmur kontra l-kmandament t'Alla "La toqtolx", l-ewtanasja jew it-tneħħija ta' dawk li twieldu immankati gravi jew ta' bnedmin morda serjament bla ebda tama ta' fejqan, anke jekk jiġu eliminati bil-kunsens tagħhom stess. Kull individwu għandu d-dritt u d-dmir li jgħix il-ħajja tiegħu sakemm il-Mulej iżommu ħaj. L-istess eżistenza ta' ċerti bnedmin diżgrazzjati li jġibulek ħasra, fiha valur għoli għaliex tqanqal bnedmin oħra biex bi spirtu ta' karità nisranija jagħmlu għemejjel ta' ħniena, meritorji għall-ħajja ta' dejjem.

Qegħdin jonqsu wkoll mir-rispett għall-ħajja, dawk li mingħajr ħtieġa jesponu l-

ħajja tagħhom u ta' l-oħrajn għall-periklu. U hawnhekk ta' min isemmi l-inċidenti tat-traffiku li kull ma jmur qed jiżdiedu u li xi drabi jħallu warajhom mejtin jew feruti. Issewqan perikoluż, mhux biss ksur tal-liġi tat-traffiku, iżda huwa wkoll abbuż gravi kontra l-jedd li għandu Alla fuq il-ħajja.

Ir-rispett għall-verità

Il-bniedem minnu nnifsu jħossu miġbud li jistaqsi u jfittex il-verità biex jissodisfa x-xewqa tiegħu li jkun jaf u jitgħallem. Huwa kapaċi jifhem u jasal għall-verità, għaliex għandu s-setgħa spiritwali tal-intelliġenza, "li biha għandu sehem mid-dawl tal-menti ta' Alla." (41)

Imma ħafna drabi l-bniedem ma jasalx biex isib din il-verità waħdu, iżda jeħtieġ l-għajnuna ta' bnedmin oħra li jaqsmu miegħu l-esperjenzi tagħhom u jgħaddulu t-tagħlim u l-informazzjoni li huma stess irċivew minn għand haddieħor. Dan il-bdil ta' informazzjoni huwa essenzjali biex il-bnedmin igħixu fiimkien fil-paċi u jkollhom fiduċja f'xulxin. Però meta wieħed iqarraq b'haddieħor, mhux biss ikun qed jitfa' għajb fuqu nnifsu għaliex jonqos mill-onestà, iżda jisfa ta' ħsara u tfixkil għal min jiġi mqarraq minnu, joħloq nuqqas ta' fiduċja u jġib diżordni fis-soċjetà.

Skond il-pjan t'Alla, għalhekk ħadd ma għandu jiġi mfixkel fit-tħabrik tiegħu biex ifittex u jsib il-verità. "Kull esseri uman

għandu l-jedd għar-rispett tal-persuna tiegħu, għal fama tajba, għal-libertà fit-tfittix tal-verità, fil-wiri tal-ħsieb u fix-xandir tiegħu, fil-koltivazzjoni tal-arti, dejjem fil-limiti li jikkonsentu l-ordni morali u l-ġid komuni; għandu wkoll il-jedd li l-informazzjoni mogħtija lilu tkun oġġettiva." (42)

Mis-soċjetà, wieħed jistenna li jsib l-għajnuna meħtieġa biex jista' jikber fit-tagħlim. "Il-bnedmin kollha ta' kull razza, ta' kull klassi, ta' kull età — għax għandhom id-dinjità ta' persuni umani — għandhom id-dritt għall-edukazzjoni li ħadd ma jista' jiċħadulhom." (43)

Iżda għal dawn il-jeddijiet jikkorrispondu xi dmirijiet importanti. Qabel xejn, "il-bnedmin kollha obbligati jfittxu l-verità speċjalment f'dak li għandu x'jaqsam ma' Alla u mal-Knisja Tiegħu, u meta jagħrfu din il-verità, għandhom jaċċettawha u jkunu fidili lejha." (44) "Mad-dritt tal-libertà fit-tfittix tal-verità, huwa marbut id-dmir li wieħed ikompli jistħarreġ dwar il-verità bil-għan li jikseb għarfien aktar wiesgħa u profond." (45)

Iħobb tabilħaqq il-verità, min jirrispetta d-drittijiet tal-oħrajn kif jixtieq li jiġu rispettati drittijietu, u jwettaq sewwa d-dmirijiet li semmejna.

Iżda jkunu qegħdin imorru kontra l-verità, dawk li b'għajnejhom miftuħa, jitkellmu u jaġixxu b'mod kuntrarju għall-konvinzjo-

nijiet personali tal-fidi tagħhom u għar-rieda t'Alla magħrufa biċ-ċar. Huma "dawk kollha li jħobbu l-qerq u jagħmluh" (46), u għalhekk ma jistgħux jidħlu fis-saltna tal-verità u ta' l-imħabba.

Vizzju ieħor li jmur kontra l-verità huwa dak tal-ipokrisija, meta wieħed minn barra juri aspett ta' tjubija u f'qalbu jżomm il-mibegħda u l-ħażen. Kien minħabba dan il-vizzju li Kristu ċanfar lill-Fariżej, meta qalilhom: "Ħażin għalikom, intom il-kittieba u l-Fariżej, uċuh b'oħra! Qiskom oqbra mbajjda, minn barra jidhru sbieħ, u minn ġewwa mimlija għadam tal-mejtin u kull xorta ta' ħmieġ". (47) Jeżisti l-periklu li aħna wkoll niġġarfu fi-istess vizzju jekk ma nkunux koerenti, jekk nistqarru li aħna nsara, fil-waqt li s-sentimenti u l-imġieba tagħna ma jkunux kif iridhom Kristu.

Ħtija oħra kontra l-verità titwettaq meta l-istampa u l-'mass-media' jiddeformaw issewwa u jgħawġu l-fatti. Dawn li suppost ikunu strumenti tal-verità u tal-promozzjoni kulturali, ta' spiss iservu biex jingannaw il-bniedem u joħonqu fih il-leħen tal-kuxjenza.

Rispett għal-libertà

Il-bniedem, peress li huwa kreatura mogħnija bir-raġuni, irċieva wkoll minn għand Alla, il-libertà bħala don l-aktar nobbli tan-natura. Hija setgħa tal-volontà li biha l-bniedem huwa kapaċi jara u jagħżel

dak li huwa veru u dak li m'huwiex, dak li huwa tajjeb u dak li hu ħażin, dak li hu tajjeb u dak li hu aħjar. Minħabba din is-setgħa, il-persuna umana tikseb dinjità l-aktar għolja għaliex b'hekk il-bniedem huwa sid talazzjonijiet tiegħu, u bil-libertà jista' jagħżel il-mezzi xierqa li jwassluh għad-destin etern tiegħu u jagħmel dak li hu sewwa.

Però, il-libertà ma tistax tkun mifruda mir-responsabilità u għalhekk ma tfissirx li l-bniedem jista' jwettaq il-kapriċċi tiegħu kollha, għaliex għad li huwa ħieles iżda jibqa' marbut b'sens ta' dmir personali, jiġifieri bl-obbligu tal-imħabba t'Alla u tal-proxxmu. Il-bniedem għandu jinqeda bil-libertà biex jaqbad it-triq li twasslu għall-ġid u l-feliċità u mhux dik tar-rovina u tat-telfien. San Pietru jwissina: "Għixu bħala nies ħielsa, mhux li tinqdew bil-ħelsien tagħkom biex bħallikieku tgħattu l-ħażen, imma bħala qaddejja t'Alla." (48)

Ir-rieda tal-bniedem bħala konsegwenza tal-ħtija oriġinali, ġarrbet ferita kbira u saret dgħajfa. Iżda Kristu, permezz tal-fidwa tiegħu, fejjaq din il-ferita u saħħaħ il-volontà libera tal-bniedem biex tista' tirbaħ il-ħażen u tagħmel it-tajjeb.

Il-messaġġ ta' Kristu, li l-Knisja xandret u tibqa' xxandar f'kull żmien, huwa l-messaġġ tal-libertà integrali tal-bniedem. Kristu ġie fid-dinja biex jilliberana mid-dnub u jagħtina ħelsien sħiħ bħala wlied Alla. Iżda

Kristu ried jeħlisna wkoll mill-konsegwenzi tad-dnub u tal-egoiżmu bħal ma huma l-injoranza, il-mibegħda, l-inġustizzji u l-istrutturi li jopprimu l-bniedem. Dan il-pjan għandu jitwettaq progressivament bil-qawwa ta' Kristu nnifsu u bl-impenn u s-sagrifiċċji ta' dawk li jimxu warajh.

L-istorja tal-umanità, nistgħu ngħidu, li hija lotta kontinwa għal-libertà, lotta li fiha l-bniedem ħabrek u stinka sabiex jirbaħ ilkondizzjonamenti tan-natura, jiġifieri t-tfixkil li jsib madwaru, kif ukoll biex jikseb iddrittijiet tiegħu u jtemm kull xorta ta' jasar jew oppressjoni li tiġi minn bnedmin oħra.

Iżda forsi xi ħadd jistaqsi: Għad hemm bżonn illum li ninsistu fuq ir-rispett u l-ħarsien tal-libertà, meta qegħdin ngħixu f'soċjetà permissiva li tittollera kull nuqqas u kull żball? Mhux iktar nistgħu ngħidu li hawn libertà żejda milli libertà nieqsa?

Wieħed ma jridx jinsa li l-abbuż tal-libertà minnu nnifsu jwassal fatalment għallqerda tal-libertà. Il-bniedem irid qabel xejn u fuq kollox jikkumbatti kontra l-jasar talvizzji u tal-passjonijiet tiegħu u ħadd ma jista' jiċħad li hawn ħafna fi żmienna li huma lsiera tad-drogi, tas-sokor u tal-istint sesswali.

Barra minn hekk, għad li llum hawn ħafna diskors fuq il-libertà u d-demokrazija, għad li kważi kulħadd jaqbel li l-libertà hija

dimensjoni essenzjali tad-dinjità tal-bniedem, però hemm bżonn nammettu li bosta drabi, il-libertà hija fgata f'ċerti għamliet sottili ta' pressjoni inġusta kif ukoll minħabba l-inġustizzji soċjali u l-vjolenza tal-individwi jew tal-gruppi.

Huwa dmir tal-insara, għalhekk, illi wara li jkunu kisbu ideja eżatta ta' x'inhija l-libertà u tal-jeddijiet konnessi magħha, jimpenjaw ruħhom biex jiddefenduha bil-kliem u bil-fatti. "Id-dinjità tal-bniedem — kif igħallimna l-Konċilju — titlob li huwa fl-għemil tiegħu jimxi skond għażliet magħmulin bil-għaqal u bil-libertà, jiġifieri mġiegħel minn konvinzjonijiet personali u mhux minn xi ġibda interna jew minn xi qawwa esterna." (49)

Iżjed ukoll: "Id-dritt taċ-ċittadini u tal-kommunitajiet reliġjużi għal-libertà reliġjuża għandu jkun rikonoxxut u mwettaq fil-prattika". (50) Din il-libertà reliġjuża għalina tfisser ħlusija mhux biss fi-atti tal-kult, iżda wkoll fit-tixrid tal-messaġġ nisrani, fl-inizjattivi tal-karità u f'kull attività pastorali oħra.

Għeluq

Rajna xi whud mill-valuri l-iktar importanti li għandhom jitqiegħdu bħala sisien tal-imġieba tagħna fid-dinja tal-lum u li għandna noffruhom lil uliedna bħala idejali għall-ħajja tagħhom. Għall-kuntrarju, jekk dawn

it-tfal u ż-żgħażagħ jitilgħu bla prinċipji ta' xejn jew bi prinċipji żbaljati u minn fuq isibu min jagħlifhom l-ikel moqżież tal-pornografija, ir-riżultat ikun li jiżdiedu d-delinkwenza u l-użu tad-drogi u joktru l-atti ta' serq, vandaliżmu u vjolenza ta' kull xorta.

Ħassejna li kien dmir tagħna li nagħmlu din is-sejħa ħerqana lill-ulied spiritwali tagħna u lil kull min għandu rieda tajba sabiex fil-kuxjenza tagħhom jirriflettu dwar il-problemi l-iktar urġenti li għandna quddiemna, problemi li ma jistgħux jinħallu ħlief fid-dawl tal-fidi u bil-koperazzjoni ta' kulħadd.

Għandna kemm temmejna s-Sena Marjana, iżda għal darb'oħra nitfgħu ħarsitna lejn Ommna tas-Smewwiet, taħt il-ħarsien tagħha nqegħdu t-tamiet tagħna għal li ġej, u mit-talb tagħna nistennew li naqilgħu l-għajnuna minn għand Binha Ġesù biex inwettqu kif jixraq dmirijietna ta' nsara.

5 ta' Frar, 1978.

RIFERENZI:

(1) Cfr. Ġwann 8. 12.
(2) Ġwann 14. 16.
(3) Kostituzzjoni "Gaudium et Spes" n. 19.
(4) Lir-Rumani 1. 20.
(5) Lil-Lhud 1. 1-2.
(6) Kostituzzjoni "Dei Verbum" n. 2.
(7) Ġwann 1. 18.
(8) Lill-Koloss. 1. 15.
(9) Lill-Koloss. 2. 9.
(10) Lil Titu 3. 4.
(11) Ġwann 14. 8-9.
(12) Kostituzzjoni "Gaudium et Spes" n. 34.
(13) I Ittra lit-Tessalonkin 4. 12.
(14) Matt. 10. 28.
(15) Matt. 22. 30.
(16) Matt. 6. 19-20. Cfr. Luqa 12. 33.
(17) Cfr. Lil Filip. 1. 23.
(18) I Ittra lill-Korint. 15. 53.
(19) Matt. 24. 29-31; Mark 13. 24-27.
(20) Summa Theologica II, IIae 25. 5.
(21) Matt. 4. 4. Cfr. Luqa 4. 4.
(22) Matt. 6. 33. Cfr. Luqa 12. 31.
(23) Kost. "Gaudium et Spes" n. 41.
(24) Kost. "Gaudium et Spes" n. 16.
(25) Kost. "Gaudium et Spes" n. 16.
(26) Matt. 19. 17.
(27) Luqa 13. 15.
(28) Matt 7. 7. Luqa 11. 9. Mark 11. 24.
(29) Matt. 5. 28.
(30) Matt. 26. 52.
(31) Kost. "Gaudium et Spes" n. 16.
(32) Salm 1. 3.
(33) Lill-Filip. 4. 8.

(34) Matt 7. 12. Cfr. Luqa 6. 31.
(35) Luqa 9. 25.
(36) Matt. 6. 25.
(37) Matt. 16. 26.
(38) Ekkleż. 3. 1-8.
(39) Ġwann 7. 6.
(40) Kost. "Gaudium et Spes" n. 27.
(41) Kost. "Gaudium et Spes" n. 15.
(42) Enċiklika "Pacem in Terris" n. 11.
(43) Degr. "Gravissimum Educ." n. 1.
(44) Degr. "Dignitatis Humanae" n. 1.
(45) Enċiklika "Pacem in Terris" n. 27.
(46) Apok. 22. 15.
(47) Matt. 23. 27.
(48) I Ittra ta' San Pietru 2. 16.
(49) Kost. "Gaudium et Spes" n. 17.
(50) Degr. "Dign. Hum." n. 6.

2. L-EDUKAZZJONI GĦAR-RESPONSABILITA'

Meta jisimgħu l-kelma "responsabilità", xi whud jifhmu minnufih l-obbligu li għandhom li jagħtu kont ta' għemilhom quddiem bnedmin oħra li għandhom xi setgħa fuqhom. Infatti, il-ġid tas-soċjetà jitlob li jkun hemm xi għamla ta' awtorità, li jkun hemm xi ħadd li jmexxi lill-oħrajn; jitlob ukoll li min ikollu s-setgħa mhux biss jagħmel liġijiet tajbin, iżda skond kif ikun meħtieġ, jagħti anke s-sanzjonijiet biex dawk il-liġijiet jiġu mħarsa minn kulħadd. Hekk, min jikser il-liġi, jaf li ħaqqu l-kastig u obbligat iġarrab il-pwieni li jkun hemm konnessi mal-liġi li kiser. Kull ċittadin, immela, għandu din ir-responsabilità legali u jeħtieġlu jirrispondi għall-għemil tiegħu quddiem l-awtoritajiet ċivili.

Ir-Responsabilità Morali

Iżda r-responsabilità legali weħidha mhix biżżejjed biex il-bniedem jimxi dejjem tajjeb. Kif jaf kulħadd, il-bnedmin li għandhom is-setgħa jmexxu lill-oħrajn, mhux dejjem jirnexxilhom jikkontrollaw kull għemil tas-sudditi tagħhom. Xi drabi, anki delitti kbar jibqgħu bla kastig f'din id-dinja, għax min jagħmilhom ma jinqabadx.

Imbagħad, barra mill-atti esterni, li jistgħu jidhru u jiġu ġġudikati mill-oħrajn, kull bniedem għandu wkoll l-atti nterni, bħal ma huma l-ħsibijiet u x-xewqat tiegħu. Dawn ukoll jistgħu ikunu tajbin jew ħżiena, jistħoqqu premju jew kastig. Anzi, xi drabi, huma iktar importanti mill-għemejjel esterni, għax kif igħallimna Kristu, dawn ma humiex ħlief il-konsegwenza ta' dawk: "Mill-qalb joħorġu ħsibijiet ħżiena, qtil, adulterji, żina, serq, xhieda qarrieqa, dagħa. Dawn huma li jtebbgħu lill-bniedem." (1) Issa, dawk l-għemejjel interni jarahom Alla biss. L-awtorità umana ma tistax tidħol fil-qalb tal-bniedem u tiġġudika l-atti nterni tiegħu. Alla waħdu jista' jagħmilha din il-ħaġa. Għalhekk, biex il-bniedem joqgħod attent li ma jiżgarrax, barra mir-responsabilità legali, hija meħtieġa wkoll ir-responsabilità morali. Jiġifieri kull bniedem għandu d-dmir li jagħti kont ta' l-għemejjel u l-omissjonijiet tiegħu mhux biss quddiem il-bnedmin, iżda wkoll u fuq kollox, quddiem Alla u skond il-kuxjenza tiegħu.

In-nisrani jaf u jemmen li għad irid jidher quddiem Alla, imħallef ta' għerf u ġustizzja nfinita li, bl-akbar reqqa, jagħmel ħaqq mill-għemejjel kollha nterni u esterni ta' kull bniedem, imwettqin fil-ħlusija u li jagħti lil kulħadd il-premju jew kastig li jkun ħaqqu. San Pawl Missierna jgħidilna: "Aħna lkoll għad nidhru quddiem it-tribunal ta' Alla. (2) "Jeħtieġ li lkoll kemm aħna nidhru quddiem it-tribunal ta' Kristu, ħalli kulħadd jieħu skond it-tajjeb jew il-ħażin li jkun għamel meta kien għadu ħaj fil-ġisem." (3)

Kollaborazzjoni responsabbli fil-pjan tas-salvazzjoni

Iżda din id-deċiżjoni aħħarija ta' Alla, li minnha tiddependi x-xorti eterna tal-bniedem, u s-salvazzjoni tiegħu ma hix ħlief il-konklużjoni ta' proċess twil li jibda, nistgħu ngħidu, minn meta l-bniedem jidħol fl-użu tar-raġuni. Minn dak inhar, Alla jsejjaħ u jinterpella lill-bniedem u dan jeħtieġlu jwieġeb iva jew le.

Is-salvazzjoni tar-ruħ hija don t'Alla li jiżboq bil-bosta dak li jista' jkollu jedd għalih il-bniedem; iżda Alla dan id-don ma jimponihx bil-fors, ma jisforzax ir-rieda tal-bniedem. Dan jibqa' liberu li jaċċetta jew ma jaċċettax l-istedina tas-salvazzjoni li għamillu Alla. Biex jista' jitwettaq il-pjan salvifiku tal-Mulej għal kull bniedem huwa meħ-

tieġ li dan jagħti s-sehem tiegħu u jaħdem id f'id ma' Alla għall-istess għan. F'dan issens, l-Appostlu Missierna jwissina: "Ħabirku għas-salvazzjoni tagħkom bil-biża' u bittregħid." (4)

Biex nifhmu ftit aħjar kif titwettaq din il-kollaborazzjoni fil-pjan tas-salvazzjoni, nistgħu mmorru iktar 'il quddiem u ngħidu li meta Alla ħalaq il-bniedem u b'differenza mill-ħlejjaq l-oħra ta' l-art, żejjnu bl-intelliġenza u bil-libertà, għamel minnu "esseri teoloġiku", jiġifieri kreatura li kapaċi tirrispondi għall-kelma tal-Ħallieq u tidħol fi djalogu Miegħu. Il-kapaċità li jagħti tweġiba responsabbli lil Alla, mhix sempliċement kwalità aċċidentali fil-bniedem, iżda hija ħaġa waħda man-natura tiegħu. (5)

Hemm ġibda qawwija fil-profondità talqalb tal-bniedem li jekk ma tkunx imfixkla, iġġegħlu jfittex u jsib lil Alla. Kif il-metall jinġibed minn kalamita, hekk fil-bniedem, hemm forza moħbija li biha jħossu jinġibed lejn Alla. Forsi dan li ried ifisser Sant'Wistin meta ħareġ b'dik l-espressjoni famuża: "Għax int, Mulej, għamiltna għalik, u qalbna bla mistrieħ sakemm tistrieħ fik." (6)

L-eżistenza umana hija minsuġa minn dan id-djalogu bejn Alla u l-bniedem, ripetizzjoni ta' mistoqsija u risposta li tibqa' sejra sal-mewt; min-naħa l-waħda, Alla jinterpella lill-bniedem u dan iwieġeb iva jew le bil-għażliet liberi tiegħu billi f'dak li jidde-

ċiedi u jagħmel, joqgħod għar-rieda t'Alla jew imur kontra tagħha. Nistgħu ngħidu li r-reliġjon mhix ħaġa oħra ħlief id-djalogu bejn Alla li jitkellem u l-bniedem li jisma' u jwieġeb bil-lingwaġġ tal-ħajja tiegħu kollha kemm hi.

F'dan id-djalogu personali mal-Mulej, biex il-bniedem jagħraf aħjar min hu l-'partner' jew sieħeb tiegħu, u x'inhu dak li jrid minnu, ma humiex biżżejjed ir-riflessjoni u l-isforz tar-raġuni. Hemm ukoll ir-rivelazzjoni tal-Bibbja, ir-rigal kbir li Alla ta lill-bnedmin meta offrielhom tagħrif hekk siewi fuqu nnifsu u fuq ir-relazzjoni tiegħu mal-kreaturi.

Fost ħwejjeġ oħra, Alla lill-bnedmin irrivelalhom il-Liġi tiegħu, li fir-Rabta l-Qadima kienet imfissra fl-għaxar kmandamenti u fir-Rabta l-Ġdida minn Kristu ġiet miġbura fil-qosor fil-kmandament kbir ta' l-imħabba.

Il-kmandamenti tar-Rabta l-Qadima jipproponu għadd ta' valuri morali, bħal ma huma l-qima lejn Alla, l-imħabba lejn il-ġenituri, ir-rispett għall-ħajja, ir-rażan, is-sinċerità, u l-ġustizzja; valuri li jgħoddu għal kull żmien, kull pajjiż u kull bniedem. Huma jfissru aħjar dak li jistenna Alla bħala tweġiba mill-bnedmin, fid-djalogu li għandu magħhom. Huma kelmiet ta' mħabba li bihom Alla jinterpella lill-bniedem, fil-waqt li jistenna minnu, mhux ubbidjenza ta' bil-fors, iżda tweġiba ta' mħabba mogħtija mill-qalb

u bil-libertà kollha. Kristu li ġie fid-dinja, mhux biex iwaqqa' l-kmandamenti iżda biex iwassalhom għall-perfezzjoni, (7) ta xhieda li l-imħabba lejn Alla u lejn il-proxxmu għandha tkun il-pedament ta' l-aġir tagħna, meta qal: "Dawn iż-żewġ kmandamenti huma l-qofol tal-Liġi kollha u tal-Profeti." (8)

Il-messaġġ tal-Bibbja li bih Alla jinterpella lill-bnedmin u jistieden id-djalogu magħhom, jikkonsisti mhux biss fil-kliem, iżda wkoll f'kull ġest u għemil tiegħu fl-istorja twila tas-salvazzjoni, li bihom wera fiċ-ċar imħabbtu lejna. Il-Konċilju Vatikan II igħidilna: "B'din ir-rivelazzjoni, Alla, li ma jidhirx, fl-imħabba tiegħu kbira, jitkellem mal-bnedmin qishom ħbieb u jagħmilha magħhom biex jistedinhom u jdaħħalhom f'għaqda miegħu. Din il-ħidma tar-rivelazzjoni ssir bi ġrajjiet u kliem magħqudin sewwa flimkien, b'mod li l-ħidmiet li Alla għamel fl-istorja tas-salvazzjoni juru u jsaħħu t-tagħlim u l-ħwejjeġ imfissra mill-kliem, u l-kliem ifisser l-opri u l-misteru moħbi fihom." (9) Alla jurina dak li jogħġbu u dak li ma jogħġbux, mhux biss bil-kelma tal-Kmandamenti, iżda wkoll kull meta, kif naqraw fl-Iskrittura, jagħti tifħir u premju għall-għemejjel tajba u jikkastiga d-dnubiet tal-bnedmin.

It-tweġiba tal-bniedem

Bħala tweġiba għal din ir-rivelazzjoni ta' Alla, il-bniedem għandu jagħtih veneraz-

zjoni, gratitudni u ubbidjenza. Iżda, peress li huwa liberu, il-bniedem jista' wkoll igħid il-"le" tiegħu, jista' jiċħad il-qima u l-ubbidjenza lil Alla jew jibqa' ndifferenti quddiemu. Din l-għażla hija responsabilità tiegħu.

L-ordni tal-ħolqien huwa mqassam b'ċertu mod li, meta l-bniedem jidħol fi djalogu ma' Alla, joqgħod għar-Rieda tal-Mulej u jagħżlu bħala l-għan aħħari tiegħu, huwa jkun qed jirrejalizza lilu nnifsu, jilħaq il-vera perfezzjoni tiegħu u jikseb dak li huwa tabilħaqq ta' ġid għalih personalment. Meta d-djalogu bejn Alla u l-bniedem jirnexxi, Alla ma jikseb xejn għalih innifsu, għaliex Huwa ma għandu bżonn ta' xejn, u kull ma jagħmel mhux ħlief espressjoni ta' mħabbtu. Huwa l-bniedem li għandu bżonn ta' dan id-djalogu u minnu għandu ħafna x'jakkwista, fost l-oħrajn il-paċi tal-qalb tiegħu.

Madankollu, it-tweġiba tal-bniedem għandha tingħata fil-libertà shiħa tiegħu. Għad li huwa maħluq xbieha ta' Alla, u minnatura tiegħu stess, maħluq għal Alla, il-bniedem ħieles fiok, jagħti risposta pożittiva, jista' jieħu deċiżjoni li biha jinfired mill-'partner' divin tiegħu u jdur kontrih; fiok li jgħix b'mohħu u b'qalbu f'Alla, jingħalaq fi-egoiżmu tiegħu, jagħmel kapriċċih u jgħix fi klima ta' dnub.

Biex isalva lill-bniedem mid-dnub, u mill-konsegwenzi tiegħu, Alla bagħat lil Ibnu fid-dinja. Kristu, veru Alla u veru bniedem, reġa'

fetaħ id-djalogu li kien interrott ħtija tad-dnub. Bil-kelma u l-eżempju tiegħu, Kristu għallimna b'mod l-iktar ċar il-pjan kollu mħabba li għandu Alla għall-bnedmin. Bil-mewt u l-qawmien glorjuż tiegħu, hu kisbilna ħajja ġdida, li biha l-bniedem midneb jinbidel u minn għadu ta' Alla, isir ħabibu, anzi iben tiegħu.

Ir-relazzjoni bejn Alla u l-bniedem, fil-persuna u fil-ħajja ta' Kristu, laħqet l-aqwa tagħha. Fi Kristu u bi Kristu, Alla mill-ġdid isejħilna lkoll flimkien u wieħed wieħed biex nidħlu fi djalogu kontinwu miegħu u nwieġbu b'imħabbitna għall-imħabba tiegħu.

Kristu, il-Verb t'Alla li sar bniedem għas-salvazzjoni tal-bnedmin, ikun tabilħaqq is-Salvatur għalina meta aħna nistqarruh bħala Mulej tagħna, nemmnu fih, nirrispondu għas-sejħat tiegħu u nkunu lesti nimxu warajh, jiġifieri nimitaw Lilu. Hu qalilna: "Kull min jistqarr quddiem il-bnedmin li hu miegħi, jien ukoll nistqarr li jiena miegħu quddiem Missieri li hu fis-smewwiet. Iżda min jiċħad lili quddiem il-bnedmin, jien ukoll niċħad lilu quddiem Missieri li hu fis-smewwiet." (10)

Mhux biss fil-ħajja privata tiegħu, iżda wkoll fis-soċjetà tal-bnedmin, in-nisrani għandu jistqarr li huwa ma' Kristu. Din l-istqarrija ma ssirx bil-kliem biss, iżda fuq kollox billi l-imġieba tan-nisrani tkun tixbah lil dik ta' l-Imgħallem tiegħu.

Din ix-xhieda ta' ħajja tajba li biha n-nisrani jistqarr lil Kristu quddiem il-bnedmin, xi drabi toħolqilna diffikultajiet u titlob ukoll sagrifiċċju mhux żgħir. Alla, imma, jagħtina l-għajnuna tiegħu u jinqeda b'ħafna mezzi biex igħarrafna liema għamla ta' xhieda jkun jistenna minna fil-mumenti konkreti ta' l-eżistenza tagħna.

Il-ġrajjiet li jitwettqu matul il-kors ta' l-istorja, iċ-ċirkustanzi favorevoli jew kuntrarji li fihom insibu ruħna, il-persuni li magħhom ngħixu jew naħdmu, l-istess ambjent soċjali li nkunu fih, huma bosta drabi okkażjoni tajba li joffrilna Alla biex inwettqu r-Rieda tiegħu u nagħmlu l-għażliet liberi tagħna, ispirati mill-ideali nsara.

"Il-persuna hija kreatura libera, iżda l-libertà tagħha ma tfissirx indipendenza mis-soċjetà. Il-persuna hija esseri liberu fil-kuntest tal-ħajja soċjali. Tkun tagħmel użu tajjeb tal-libertà tagħha, meta hija ssegwi l-inklinazzjoni għall-ħajja soċjali li hemm fin-natura tagħha stess u tiżviluppa fiha dawk li huma tabilħaqq virtujiet soċjali." (11) Issa, il-ħajja soċjali għandha bħala sisien tagħha l-virtujiet tal-ġustizzja u ta' l-imħabba. Kull bniedem, hu min hu, għandu jqis lil ħutu l-oħra l-bnedmin bħala ugwali għalih f'dawk li huma jeddijiet fundamentali. Allura, kif huwa jippretendi li d-drittijiet tiegħu jiġu mħarsa, hekk ukoll għandu jirrispetta kull-limkien id-drittijiet ta' l-oħrajn. Barra minn hekk, ebda bniedem ma jista' jibqa' insen-

sibbli u qalbu ma thossx għall-ħtiġijiet ta' madwaru, meta l-proxxmu tiegħu jkun iġarrab ġuħ, għatx jew tbatija oħra ta' din ix-xorta, iżda għandha tiġih ħniena u milli jista' jagħti għajnuna f'waqtha. L-esiġenzi tal-ġustizzja u ta' l-imħabba huma indikazzjoni oħra ta' dak li Alla jkun irid minna.

Ir-responsabilità tal-Kattoliċi

Aħna l-kattoliċi, għandna nkunu rikonoxxenti lejn Alla għaliex għandna mezzi oħrajn, barra minn dawk li semmejna, li bihom Huwa jwasslilna s-sejħat tiegħu. Dawn huma l-eżempju tal-kommunità nisranija li tagħha aħna membri u, fuq kollox, il-Maġisteru tal-Knisja.

L-eżempju ta' dawk li jgħixu ħajja tajba fi Kristu, għandu qawwa kbira biex iħajjarna nagħmlu bħalhom. Issa, matul l-elfejn sena ta' l-istorja tagħha, il-Knisja Kattolika wasslet għall-grad għoli ta' perfezzjoni morali qtajja ta' qaddisin. Il-virtujiet tagħhom għandhom iservu bħala xempju biex in-nisrani mhux biss iżomm il-bogħod mid-dnubiet, iżda wkoll jagħmel progress ta' kuljum fit-triq tal-qdusija. Kull wieħed u kull waħda mill-qaddisin, jekk mhux bi kliemhom, iżda bix-xhieda ta' ħajjithom, itennulna l-istess stedina tal-Appostlu Missierna: "Ixbhu lili, bħalma jiena nixbah lil Kristu." (12) Meta n-nisrani jiġi biex jagħżel dak li jogħġob lil Alla minn dak li ma jogħġbux, jista' jsib

dawl qawwi fl-imġieba tal-qaddisin: f'mumenti ta' dubji, in-nisrani rett jista' juża wkoll dan il-kriterju: "Ġib ruħek, kif kienu jġibu ruħhom il-qaddisin."

Leħen ieħor li għandu jiggwidana fid-deċiżjonijiet u l-għażliet tagħna bħala kattoliċi, huwa l-Maġisteru tal-Knisja, jiġifieri t-tagħlim tal-Papa u ta' l-Isqfijiet magħqudin miegħu. In-nisrani għandu japprezza dan it-tagħlim bħala għajnuna siewja fil-ħajja morali tiegħu. Meta joqgħod għal din it-tmexxija tal-Ġerarkija, huwa ma jkunx qed jaħrab mir-responsabilità personali tiegħu, iżda jkun jinqeda b'tagħrif u bi twissijiet għaqlin li jgħinuh biex jieħu deċiżjoni iktar responsabbli u matura. Preċiżament, għaliex l-individwu għandu jħabrek biex jieħu deċiżjonijiet moralment tajbin, huwa ma jistax jiddeċiedi fid-dlam, iżda obbligat, ,fil-kuxjenza tiegħu, li jinforma ruħu u, fuq kollox, li jkun jaf bid-direttivi ta' l-Awtorità Ekkleżjastika. Il-fatt stess li l-kattoliku jkun dispost li jisma' mill-Knisja, huwa sinjal tar-rieda tajba tiegħu, fil-waqt li meta mhux lest li jisma' minnha, dan jagħti lok għas-suspett li fih hemm nuqqas ta' sinċerità. Il-Konċilju Vatikan II ifakkarna li "meta l-Isqfijiet igħallmu f'għaqda mal-Papa, għandhom ikunu mismugħa minn kulħadd b'venerazzjoni bħala xhieda tal-verità divina u kattolika; il-fidili għandhom jaċċettaw il-ġudizzju ta' l-isqof tagħhom mogħti f'isem Kristu f'ħaġa tal-fidi u l-morali u jħarsuh b'rispett reliġjuż." (13)

Leħen il-Kuxjenza

Niġu issa biex nitkellmu dwar dik il-fakultà jew attività tar-ruħ, li biha l-bniedem, kattoliku jew mhux, jista' jħoss is-sejħat ta' Alla, jismagħhom u jirrispondi għalihom, jiġifieri dwar il-kuxjenza. B'din il-kelma, nifhmu qabel xejn, l-att tar-raġuni li bih il-bniedem, fil-mument ta' issa, jintebaħ bit-tajjeb li għandu jagħmel u bil-ħażin li għandu jevita. Barra milli hija att għalih waħdu, il-kuxjenza tfisser ukoll dik id-dispożizzjoni jew setgħa fil-bniedem li biha jiddetermina liema huma d-dmirijiet konkreti tiegħu lejn Alla. Hija bħal gwida li tapplika l-liġi u l-prinċipji morali għall-każijiet partikulari u tmexxi lill-bniedem f'kull azzjoni li huwa jkun ser jagħmel għax tgħidlu jekk dik l-azzjoni hix waħda tajba jew ħażina. Kif igħallimna l-Konċilju Vatikan II: "Ġol-kuxjenza tiegħu, il-bniedem jara liġi li ma għamilhiex hu imma, għall-kuntrarju, huwa għandu jobdiha u li l-vuċi tagħha, li dejjem tgħidlu biex iħobb u jagħmel it-tajjeb u jaħrab il-ħażin, meta jeħtieġ tgħidlu ċar ġo qalbu: agħmel dan, aħrab dan ... Permezz tal-kuxjenza, insiru nafu b'manjiera ta' l-għaġeb dik il-liġi, li għandha l-milja tagħha fl-imħabba t'Alla u tal-proxxmu." (14)

Iżda barra milli taċċetta l-liġi diġà eżistenti u tapplikaha għaċ-ċirkustanzi konkreti li fihom ikun jinsab il-bniedem, kif diġà għidna il-kuxjenza għandha funzjoni oħra. Jiġri xi drabi li l-obbligu morali tal-bniedem

mhux dejjem ikun hekk ċar li wieħed jista' jintebaħ bih mill-ewwel daqqa ta' għajn. Drabijiet oħra, il-bniedem isib ruħu qisu f'salib it-toroq mingħajr ma jaf eżatt liema triq għandu jagħżel; ikollu quddiemu żewġ valuri jew obbligi li ma jistgħux jitwettqu flimkien, imma bil-fors trid issir għażla bejn il-wieħed u l-ieħor. Hemm imbagħad, ċerti deċiżjonijiet li jridu jittieħdu b'urġenza u għalhekk il-bniedem li jeħodhom iħoss ruħu waħdu: hu u r-responsabilità tiegħu.

Il-Papa Ġwanni XXIII jagħtina ħjiel ta' qagħda bħal din meta jgħidilna: "ta' min jinnota kemm huwa diffiċli tagħraf bla żball ir-rabta li hemm bejn l-esiġenzi oġġettivi tal-ġustizzja u s-sitwazzjonijiet konkreti; jiġifieri li wieħed isib dawk il-miżuri u l-għamliet li bihom il-prinċipji u d-direttivi dottrinali jiġu mwettqa fir-realtà. Dan huwa wisq iktar diffiċli fl-epoka tagħna li hija mmarkata b'dinamiżmu qawwi. Għaldaqstant, il-problema kif tqabbel ir-realtà soċjali ma' l-esiġenzi oġġettivi tal-ġustizzja, hija problema li għaliha ma hemmx soluzzjoni mogħtija darba għal dejjem." (15)

Meta jiġri hekk, il-kuxjenza għandha wkoll funzjoni krejattiva, fis-sens li hija għandha tħabrek biex tiskopri, kif tista', il-verità, hekk li l-bniedem ikun jista' jiddeċiedi dwar il-problemi morali tiegħu talmument u jsib soluzzjoni għalihom, għallinqas proviżorja, iżda mingħajr ma jitbiegħed mis-sewwa. Din il-funzjoni tal-kuxjen-

za jaċċenna għaliha l-Konċilju Vatikan II, fejn igħidilna: "Meta jkunu fidili lejn il-kuxjenza, l-insara jingħaqdu mal-bnedmin l-oħra biex ifittxu l-verità u biex iħollu, skond il-verità, ħafna problemi morali li jimbtu filħajja ta' kull wieħed u fil-ħajja soċjali. Għalhekk, aktar ma jagħtu widen lill-kuxjenza retta, aktar il-bnedmin u l-gruppi soċjali jitbiegħdu mill-kapriċċ li ma jara xejn u jisfurzaw li jimxu fuq ir-regoli oġġettivi tal-moralità." (16)

Allura, barra mid-dmir li wieħed jobdi l-kuxjenza tiegħu, hemm ukoll id-dmir li huwa jifformaha tajjeb jew li jeduka ruħu għassens ta' responsabilità. Hawnhekk wieħed ma jridx jinsa li bħall-intelliġenza tal-bniedem, hekk ukoll il-kuxjenza hija suġġetta għallinżbalji. Meta tiżbalja hija, il-bniedem jingħanna ruħu; ħaġa possibbli ħafna peress li l-bniedem għandu ġibda fih li jagħżel iktar dak li huwa ħafif u li jogħġbu minn dak li jiswielu sagrifiċċju u fih it-tbatija. Il-kuxjenza tista' timrad, tiddgħajjef u tiċċajpar hekk li ssir kważi insensibbli u ma tibqax tintebaħ bl-obbligi morali li l-bniedem ikollu quddiemu.

Issa, jekk huwa diġà perikoluż li wieħed jieħu żball f'deċiżjoni morali waħda li jagħmel, huwa wisq iżjed ta' ħsara spiritwali meta l-istess kuxjenza tkun deformata, jiġifieri meta titlef il-kapaċità tagħha li tagħżel ittajjeb mill-ħażin. Dwar dil-ħaġa, il-Konċilju jkompli igħidilna: "Xi drabi jiġri li l-kux-

jenza tkun żbaljata minħabba f'xi injoranza li ma tistax tiġi mirbuħa, mingħajr ma titlef b'daqstant id-dinjità tagħha. Imma dan ma nistgħux ngħiduh meta l-bniedem ftit ikun jimpurtah li jfittex is-sewwa u t-tajjeb, u meta l-kuxjenza ssir donnha għamja minħabba d-drawwa tad-dnub." (17)

Il-bniedem onest, mela, ifittex dejjem is-sewwa u t-tajjeb, jipprova jwieġeb bis-sinċerità u bil-lejaltà kollha għal-leħen ta' Alla li jinqeda b'ħafna mezzi biex jidħol fi djalogu miegħu u hekk jitħarreġ ta' kuljum biex, fil-waqt li jżomm il-kuxjenza tiegħu 'l bogħod mill-għelt, jikber fil-maturità.

Ħtieġa ta' Edukazzjoni Kontinwata

Id-deċiżjonijiet tan-nisrani matur u responsabbli jeħtieġ li jkunu ggwidati mill-prinċipji tar-raġuni u tal-fidi, mill-konvinzjonijiet personali tiegħu, mill-karità u mis-sentimenti ta' ħniena lejn l-oħrajn. Hekk huwa jagħżel f'kull każ dak li jaħseb li jogħġob l-iktar lil Alla u li huwa ta' l-ikbar ġid għall-bnedmin. (18)

Però, dan it-taħriġ, li jinvolvi l-kuxjenza u li jwassal għall-maturità, għandu jibda sa mit-tfulija u jkompli sejjer sal-mewt.

Ħafna drabi, it-tfal jaslu għad-deċiżjonijiet tagħhom, mhux wara riflessjoni serja u bil-libertà sħiħa tagħhom, iżda għax ikunu

mġiegħla mill-istint tagħhom, mill-biża' ta' xi kastig, mill-kapriċċ tal-mument jew mix-xewqa tal-pjaċir. Huma deċiżjonijiet mhux mibnija fuq il-prinċipji tar-raġuni, iżda ħerġin mill-egoiżmu u mqanqla mill-kapriċċ. Deċiżjonijiet bħal dawn juru nuqqas ta' maturità u sens dgħajjef ta' responsabilità.

Iżda dan in-nuqqas ta' maturità, ta' spiss issibu mhux biss fit-tfal, iżda wkoll f'persuni ta' età adulta. Fost dawn, ta' min isemmi dawk l-insara li m'humiex kapaċi jieħdu deċiżjoni weħidhom u li, ta' kull darba, jitolbu u jistennew id-deċiżjoni ta' xi persuni oħra, bħal ma huwa l-konfessur. Ma tkunx tingħatalhom vera għajnuna, meta persuna oħra tiddeċiedi għalihom u tnaqqsilhom is-sehem tagħhom ta' responsabilità, għaliex b'hekk huma jibqgħu dejjem fi stat ta' infantiliżmu spiritwali.

Hemm oħrajn li jippretendu li l-Awtorità Ekkleżjastika tippronunzja ruħha fuq kull kwistjoni li tinqala'. Dawn it-talin juru maturità wisq ikbar kieku jifhu sewwa d-direttivi diġà mogħtija mill-mexxejja spiritwali, direttivi li jinsabu miġbura fid-dokumenti tal-Konċilju, fl-enċikliki tal-Papiet, u fl-ittri pastorali ta' l-isqfijiet u mbagħad, wara li jkunu studjawhom fil-kuntest tagħhom, japplikaw dawn id-direttivi għall-każijiet partikulari li jkunu fihom, b'sens ta' responsabilità personali. "Imiss lil-lajċi" — igħidilna l-Konċilju — "li jieħdu t-tiġdid ta' l-ordni temporali bħala dmir proprju tagħhom u, im-

mexxijin bid-dawl tal-Vanġelu u mill-ħsieb tal-Knisja u mqanqlin mill-karità nisranija, jaħdmu fih direttament u b'mod konkret; bħala ċittadini għandhom jikkoperaw maċ-ċittadini l-oħra skond il-kompetenza speċifika li jkollhom u fuq ir-responsabilità proprja tagħhom, ifittxu kullimkien u f'kull ħaġa, il-ġustizzja tas-saltna t'Alla." (19)

Xi nsara oħra jċaħħdu lilhom infushom mil-libertà u mir-responsabilità tad-deċiżjonijiet u tal-għażliet tagħhom billi jimxu dejjem mal-kurrent li miegħu jintefgħu. Dan il-kurrent jista' jkun drawwa tal-post, moda ta' dik l-epoka, jew xi ideoloġija. Però, min jagħmel hekk, flok ma jirraġuna b'moħħu u jifforma l-konvinzjonijiet personali tiegħu, ikun qed jaħseb b'moħħ ħaddieħor u jaċċetta passivament il-għażliet li jagħmillu ħaddieħor mingħajr ebda garanzija li b'daqshekk ikun qed jimxi fis-sewwa u jwettaq it-tajjeb.

Minn dan li għidna, nikkonkludu li hija tassew kbira l-ħtieġa li tingħata edukazzjoni għar-responsabilità, speċjalment lit-tfal u liż-żgħażagħ. Kif kien qal il-Papa Ġwanni XXIII: "Huwa mportanti ħafna li l-ġenerazzjonijiet il-ġodda jkunu ffurmati b'edukazzjoni kulturali u reliġjuża sewwa, kif inhu dmir u dritt tal-ġenituri, edukazzjoni li tnissel fihom sens profond ta' responsabilità floqsma kollha tal-ħajja; u għalhekk ukoll f'dak li għandu x'jaqsam mat-twaqqif ta' familja ġdida, it-tnissil u t-trobbija ta' l-ulied. Jekk dawn iż-żgħażagħ iridu jieħdu fuq spal-

lejhom id-dmir kbir u tqil li jaħdmu ma' Alla fit-tnissil tal-ħajja u t-trobbija ta' l-ulied. għandha titrawwem fihom fiduċja sħiħa fil-providenza ta' Alla u spirtu qalbieni lest biex jeħodha mat-tbatijiet u s-sagrifiċċji li ħadd ma jista' jeħles minnhom." (20)

Għajnuniet biex niksbu l-maturità

Biex ikun hemm vera edukazzjoni għar-responsabilità, jeħtieġ qabel xejn, li n-nisrani jħabrek biex il-kuxjenza tiegħu tkun retta, imdawwla u ffurmata tajjeb. Huwa għandu jkollu ideja ċara dwar id-dmirijiet tiegħu lejn Alla, lejn il-proxxmu u lejh innifsu. Għalhekk huwa għandu jkollu għal qalbu t-tagħlim nisrani li huwa bħal dawl li jmexxih fit-triq li twassal għas-salvazzjoni. Jekk dan it-tagħlim jiġi traskurat, qajla jkun jista' l-bniedem jafda fil-kuxjenza tiegħu, għax ikun f'periklu kontinwu li jitqarraq fil-ġudizzju li jagħti dwar għemilu. L-injoranza fit-tagħlim nisrani, mhux biss twassal għall-ħajja laxka, iżda toħloq ukoll atmosfera l-iktar addattata fejn tinbet u toktor id-delinkwenza.

Bir-raġun, għalhekk, li l-Konċilju jwissina li: "it-tfal u ż-żgħażagħ għandu jkollhom għajnuna biex japprezzaw, b'kuxjenza retta, il-valuri morali u jaċċettawhom b'konvinzjoni personali; kif ukoll biex jagħrfu aħjar lil Alla u jħobbuh. Għaldaqstant, il-Konċilju jitlob u jirrikkmanda lil dawk li jiggvernaw il-ġnus

jew li jmexxu l-edukazzjoni, biex jieħdu ħsieb li ż-żgħażagħ ma jiġu qatt imċaħħda minn dan il-jedd sagrosant." (21)

Biex l-insara jsiru aktar sensibbli rigward id-dmirijiet tagħhom, jiswa ħafna l-eżami tal-kuxjenza magħmul ta' spiss u bil-għaqal. Dan mhux sempliċement att ta' awtokritika li bih nagħrblu l-iżbalji tagħna, iżda huwa fuq kollox att ta' apertura lejn Alla, li bih naraw x'għad jonqosna biex inkunu nwettqu tassew ir-Rieda Tiegħu. Hekk l-eżami tal-kuxjenza jgħinna biex fl-istess waqt nagħrfu lilna nfusna bid-difetti tagħna u nagħrfu wkoll il-pjan li Alla għandu għalina.

Ħafna drabi, però, Alla jgħarrafna b'dan il-pjan mhux direttament iżda billi jinqeda bi bnedmin oħra, li juruna t-triq li twassal għas-salvazzjoni u għall-qdusija. Għalhekk, wieħed ma għandux jiddisprezza l-għamliet ta' edukazzjoni personali bħal ma hija d-direzzjoni spiritwali. Meta wieħed iħoss il-ħtieġa li jmur għand id-direttur spiritwali u jitolbu l-parir tiegħu, b'daqshekk ma jkunx qed juri nuqqas ta' maturità. Id-direttur spiritwali ma jagħtix ordnijiet li wieħed għandu joqgħod dejjem għalihom b'għajnejh magħluqa u l-anqas ma jerfa' hu r-responsabilità tad-deċiżjonijiet, iżda billi juża l-prudenza tiegħu, igħin lil min jitolbu parir biex dan jilmaħ l-esiġenzi morali li għandu fis-sitwazzjoni konkreta li jkun fiha. In-nisrani, bil-għajnuna tal-direzzjoni spiritwali, ikun jista' jara aħjar hu nnifsu dak li Alla jitlob minnu

jifli l-kuxjenza tiegħu b'mod iktar profond u awtentiku u jevita l-periklu li jinganna ruħu.

Fl-aħħarnett, biex jikber fin-nisrani s-sens ta' responsabilità, jeħtieġ li huwa jkollu, fl-istess waqt, l-umiltà u l-kuraġġ. L-umiltà hemm bżonnha biex wieħed jagħraf il-limiti tiegħu nnifsu, il-ġibda għall-ħażen li jkun hemm fih, u r-realtà li huwa, bħal kull bniedem ieħor, suġġett għall-iżbalji u għad-dnubiet. Iżda biex joħroġ mill-istat perikoluż tal-indeċiżjoni, meħtieġ ukoll il-kuraġġ li mhux mibni fuq il-fiduċja fil-ħila personali tiegħu. Iżda fuq il-fidi li Alla, bħala Missier l-iktar twajjeb, ma jitlaqx weħidhom lil uliedu, meta dawn jieħdu d-deċiżjonijiet tagħhom b'rieda tajba u b'intenzjoni retta.

Fil-ħajja tan-nisrani ma jistgħux jinfirdu minn xulxin l-imġieba tajba u t-talb f'kull għamla tiegħu għax ma nistgħux nagħmlu t-tajjeb, jekk mhux bil-għajnuna t'Alla, li Huwa jridna nitolbuhielu ta' spiss. Fuq kollox, nitolbuh isawwab f'ruħna l-virtù tal-prudenza u d-don tal-kunsill. Inkunu doċili lejn l-Ispirtu s-Santu u dejjem lesti li nilqgħu l-ispirazzjonijiet tiegħu. Huwa għandu mhejjija għalina l-proġetti tiegħu li, xi drabi, jitolbu minna sagrifiċċji għaliex ikunu għal kollox differenti mill-proġetti li nfasslu aħna. Iżda taħt it-tmexxija għaqlija Tiegħu, noqorbu żgur lejn il-Belt ta' dejjem fis-sema, anke jekk it-toroq li jwasslu għaliha jkunu dojoq u mwiegħra.

Speċjalment matul il-perijodu tar-Randan Imqaddes, li din is-sena jibda nhar l-Erbgħa, 28 ta' Frar, nirriflettu iktar bis-serjetà dwar ir-relazzjonijiet tagħna ma' Alla, insaħħu fina s-sens ta' responsabilità u nipprovaw nikbru fi-ispirtu ta' talb.

Illum, 18 ta' Frar, 1979.

RIFERENZI:

(1) Matt 15. 19. (Mk 7. 21).
(2) Lir-Rumani, 14. 10.
(3) 2 Korint. 5. 10.
(4) Filipp. 2 12.
(5) Joseph Endres "Personalismo, Esistenzialismo. Dialogismo", paġ. 104.
(6) Stqarrijiet 1.1.2.
(7) Matt 5. 17.
(8) Matt 22. 40.
(9) Kost. "Dei Verbum" n. 2.
(10) Matt 10. 32-33.
(11) Karol Wojtyla "Educazione all'Amore" Ed. Logos. p. 130.
(12) 1 Korint. 11. 1.
(13) Kost. "Lumen Gentium" n. 25.
(14) Kost. "Gaudium et Spes" n. 16.
(15) Enċiklika "Pacem in Terris" n. 155.
(16) Kost. "Gaudium et Spes" n. 16.
(17) "Gaudium et Spes" n. 16.
(18) Marcelino Iragui "Maturity in Religious Life", pag. 91.
(19) Digriet "Apostolicam Actuositatem" n. 7.
(20) Enċiklika "Mater et Magistra" n. 182.
(21) Digriet "Gravissimum Educationis" n. 1.

3. L-EWKARISTIJA U L-FIDWA TAL-BNEDMIN

Matul dawn l-elfejn sena li ilha wieqfa l-Knisja ta' Kristu, id-dinja għaddiet minn ħafna tibdil u taqlib. Ma setax jonqos li ftit jew wisq, dan it-taqlib ma jolqotx ukoll il-ħajja tal-Knisja. Ladarba taqsam mal-bnedmin, il-ferħ u n-niket tagħhom, it-tamiet u l-biża' li jkollhom, il-Knisja matul din il-medda twila ta' żmien għaddiet minn epoki glorjużi li fihom dehret tiddi fis-sbuħija tagħha, kif ukoll minn epoki oħra li fihom, bħal Kristu, il-fundatur tagħha matul il-passjoni tiegħu, ġarrbet umiljazzjonijiet u rat ma' wiċċha ż-żeblih tal-bnedmin.

L-Ewkaristija: Teżor tal-Knisja Kattolika

Madankollu, kienu x'kienu l-ġrajjiet li

għaddiet minnhom, fil-ferħ u fin-niket, il-Knisja dejjem kienet, għadha u tibqa' tgħożż l-Ewkaristija bħala l-aqwa teżor li għandha u l-għola rigal lilha mogħti mill-għarus divin tagħha, Sidna Ġesù Kristu, bħala tifkira dejjiema tiegħu. Il-kattoliċi ta' kull żmien, kull pajjiż u kull kultura jqisu l-Ewkaristija bħala l-att ewlieni tal-ħajja reliġjuża tagħhom u mdawlin bit-tagħlim ta' Kristu u tal-Knisja tiegħu, akkost ta' kollox, jiċċelebraw il-Quddiesa u jieħdu sehem fiha. Minn kemm ilha teżisti l-Knisja, l-Ewkaristija kienet dejjem il-qalb u l-qofol tagħha; għalhekk ulied il-Knisja, jiltaqgħu flimkien, għall-inqas darba fil-ġimgħa, sabiex jieħdu sehem fis-sagrifiċċju tal-Quddiesa u fl-ikla ewkaristika.

Dawn il-laqgħat tal-insara jafu l-bidu tagħhom lill-aħħar ikla li għamel Kristu flimkien ma' l-Appostli tiegħu awl il-lejl qabel ma miet. Biċ-ċelebrazzjoni ta' l-Ewkaristija fil-Quddiesa, l-insara jobdu l-ordni li ta Kristu stess lid-dixxipli tiegħu, meta fiċ-ċenaklu qalilhom: "Agħmlu dan b'tifkira tiegħi". (1)

Meħtiġin il-fidi u l-grazzja

Mhux il-bnedmin kollha japprezzaw dan ir-rigal li ħallielna Kristu fl-Ewkaristija, iżda biss l-insara li għandhom il-fidi. L-Ewkaristija hija misteru. Matul is-sekli, il-Knisja fittxet li tifhem aħjar daqqa aspett u daqqa aspett ieħor minn dan il-misteru. "Il-Ma-

ġisetru tal-Knisja" — kif igħidilna l-Papa fl-enċiklika 'Redemptor Hominis' — kemm-il darba fisser l-essenza u t-tifsira tal-għaġeb tiegħu. Biss nistgħu ngħidu b'ċertezza li, għalkemm dan it-tagħlim imsaħħaħ mill-intelliġenza kbira tat-teoloġi, u minn nies ta' fidi kbira u ta' ħajja ta' talb, minn axxeti u mistiċi, b'fedeltà shiħa lejn il-misteru Ewkaristiku, xorta waħda dan it-tagħlim għadu ma wasalx ħlief sal-għatba ta' barra, għaliex għadu mhux kapaċi jifhem għal kollox u jfiehem fi kliem, x'inhi l-Ewkaristija fil-milja kollha tagħha, xi tfisser u x'isir fiha. Tassew li l-Ewkaristija hija Sagrament ineffabbli!" (2) Mingħajr id-dawl tal-fidi u l-qawwa tal-grazzja, l-ebda bniedem ma jista' jasal biex jaċċetta l-Ewkaristija u jistagħna bil-ġid spiritwali li jagħti dan is-Sagrament.

Bħall-bnedmin l-oħra, in-nisrani jħoss, jifhem, jirraġuna u itkellem; iżda b'differenza mill-bnedmin l-oħra, hawn jaċċetta bħala verità li ma tista' qatt tiġi nieqsa, il-Kelma ta' Kristu. Anke meta ma jarax ċar u ma jasalx biex jifhem kollox, in-nisrani joqgħod għal dak li għallimna Kristu, l-Imgħallem Divin tagħna. In-nisrani għalhekk, permezz tal-fidi, jaċċetta veritajiet li d-bnedmin l-oħra ma jasulx biex jagħrfuhom, jara iktar fil-fond u fil-bogħod mill-bnedmin l-oħra, għaliex barra mit-tagħrif li jikseb bl-intelliġenza dgħajfa ta' bniedem, għandu wkoll il-viżjoni tal-fidi, it-tagħrif li l-Iben t'Alla tana fuqu nnifsu u fuq il-ħwejjeġ ta' Alla.

Bħall-bnedmin l-oħra, in-nisrani jeżisti,

ighix, jaħdem u jistinka; iżda b'differenza mill-bnedmin l-oħra huwa jemmen li għandu ħajja oħra fir-ruħ tiegħu, il-ħajja talgrazzja, sehem mill-istess ħajja ta' Alla. Hija dik il-kwalità tar-ruħ li semma Kristu meta qal: "Jiena ġejt biex ikollhom il-ħajja u l-ħajja bil-kotra." (3) In-nisrani jemmen ukoll li barra mis-saħħa u mis-setgħat li huwa għandu, l-istess bħall-bnedmin ħutu, iżda jista' jafda wkoll fuq enerġija u qawwa oħra li ma hix ta' dina l-art, hija l-enerġija talgrazzja. Dan il-ħsieb fissru wisq tajjeb, l-Appostlu Missierna San Pawl, bil-kelmiet: "Għal kollox niflaħ, bis-saħħa ta' Dak li jqawwini". (4)

Imdawwlin bil-fidi u mweżnin bil-grazzja ta' Alla, nistgħu nifhmu aħjar x'inhi l-Ewkaristija u nieħdu sehem fiha kif imiss.

It-tifsira ta' l-aħħar Ċena ta' Kristu

Biex iwaqqaf l-Ewkaristija, Kristu nqeda bl-ikla tal-Għid il kienu jagħmlu l-lhud. F'din l-ikla huma kienu jagħtu qima lil Alla u għalhekk kienet tkun imsieħba ma' kant, qari tal-Kotba Mqaddsa u talb. Biha kienu jfakkru l-għemejjel li fl-imgħoddi, il-Mulej wettaq favur il-poplu magħżul tiegħu, speċjalment il-ħelsien mill-jasar ta' l-Eġittu, u ta' dan kollu, kienu jroddu ħajr lil Alla.

L-ikla ta' l-Għid kienet tfakkar ukoll il patt jew rabta li għamel Alla mal-poplu lhudi,

anzi minnhom kienet titqies bħala tiġdid u tisħiħ ta' din ir-rabta. Kristu, fl-aħħar ċena tiegħu, isemmi patt ġdid, li jidħol flok il-patt il-qadim. Waqt li newlilhom il-kalċi, qal lid-dixxipli tiegħu: "Ixorbu lkoll minnu, għax dan huwa demmi, id-demm tal-patt, li jixxerred għall-kotra għall-maħfra tad-dnubiet." (5) Kristu ried li d-dixxipli li ħadu sehem fl-aħħar ċena tiegħu, jidħlu f'allejanza jew patt ġdid ma' Alla u dan il-patt, Kristu kellu jwettqu ftit sigħat wara, bit-tixrid ta' demmu l-għażiż. Wara l-mewt u l-qawmien ta' Kristu, iċ-ċelebrazzjoni li huwa għamel qabel ma miet, tiġi mtennija bħala memorja jew tifkira, li permezz tagħha, dawk li jieħdu sehem fiha, mhux biss jiftakru f'dak li għamel Kristu, iżda wkoll jidħlu fl-allejanza jew fir-rabta ġdida ma' Alla, rabta mwettqa bil-mewt tal-Feddej.

B'tifkira tal-ħelsien mill-Eġittu, il-lhud kienu jieklu l-ħaruf, maqtul u mixwi, fl-ikla tagħhom ta' l-Għid ta' kull sena. Fl-aħħar ċena li għamel mad-dixxipli tiegħu, Ġesù newwlilhom il-ħobż u l-inbid. Iżda fuq dawn l-elementi, Huwa ppronunzja kelmiet tabilħaqq misterjużi: "Dan hu ġismi li jingħata għalikom ... Dan il-kalċi huwa l-Patt ġdid b'demmi, id-demm li jixxerred għalikom." (6) F'din iċ-ċelebrazzjoni ta' l-aħħar ċena, il-ġisem u d-demm ta' Kristu, huma ppreżentati bħal vittma li tiġi sagrifikata għall-ġieħ ta' Alla u għall-ħelsien tal-bnedmin. Dan kollu ġara fl-aħħar ikla ta' Kristu; dan kollu jiġri wkoll f'kull Quddiesa, li tiġi ċċeleb-

rata skond kif ordna Huwa stess u li fiha l-aħħar ikla hija mfakkra u mġedda.

Is-Sagrifiċċju tar-Rabta l-ġdida

Għal din ir-raġuni, sa minn żminijiet l-aktar antiki, l-Quddiesa hija msejħa "is-sagrifiċċju tar-rabta l-ġdida". Minnflok is-sagrifiċċju tal-ħaruf tal-għid li kien isir filliġi l-qadima, mat-twaqqif tal-Ewkaristija, daħal sagrifiċċju ġdid, dak li għamel Kristu meta offra lilu nnifsu lil Alla għas-salvazzjoni tal-bniedem, sagrifiċċju li jiżboq bil-bosta lil dawk li kienu jsiru fit-tempju ta' Ġerusalemm bil-vittmi tal-bhejjem maħruqa, sagrifiċċju li sar darba waħda biss, iżda jibqa għal dejjem. Kristu - jgħidilna l-Appostlu Missierna - "ħabb lilna u ta lilu nnifsu għalina, offerta u sagrifiċċju jfuħu quddiem Alla". (7)

Il-Konċilju Vatikan it-Tieni, dwar dan is-sagrifiċċju tar-rabta l-ġdida jgħidilna: "Il-Feddej tagħna, fl-aħħar ikla tiegħu, fil-lejl li fih ġie merħi f'idejn l-għedewwa, waqqaf is-Sagrifiċċju Ewkaristiku tal-Ġisem u d-Demm tiegħu, biex is-Sagrifiċċju tas-Salib jibqa jiġġedded tul iż-żminijiet, sal-miġja tiegħu, u biex b'hekk iħalli lill-Knisja, l-għarusa maħbuba tiegħu, it-tifkira tal-mewt u tal-qawmien tiegħu mill-mewt: sagrament ta' l-imħabba, għelm ta' għaqda, rabta ta' mħabba, l-ikla tal-Għid li fiha nirċievu lil Kristu, ir-ruħ timtela bil-grazzja, u tingħatalna l-wegħda tal-glorja ġejjiena." (8)

Kristu, realment preżenti fl-Ewkaristija

Il-kelmiet li qal Kristu fl-aħħar ċena, li aħna nilqagħuhom b'fidi shiħa, għandhom ukoll tifsira oħra li tiġbor fiha misteru kbir. Ġesù jidentifika lilhu nnifsu mal-ħobż u l-imbid li Huwa jnewwel lid-dixxipli u li jikkmandahom jieklu u jixorbu b'tifkira tiegħu, bil-kelmiet "Dan hu ġismi...Dan huwa demmi." (9) F'dak il-mument, Ġesù wettaq il-weghdiet li kien għamel lid-dixxipli tiegħu meta qalilhom: "Jiena hu l-ħobż il-ħaj, li niżel mis-sema. Jekk xi ħadd jiekol minn dan il-ħobż igħix għal dejjem. U l-ħobż li jiena nagħti huwa ġismi, li jingħata għall-ħajja tad-dinja...Għax ġismi huwa tassew ikel u demmi hu xorb tassew." (10)

Kristu, Iben t'Alla magħmul bniedem, bil-qawwa omnipotenti tiegħu kellu s-setgħa li jagħmel din il-bidla tal-għaġeb li biha l-ħobż u l-imbid, imbidlu fil-ġisem u d-demm tiegħu. Fil-ħniena bla tarf li għandu lejna, ried li din l-istess setgħa jagħtiha wkoll lis-saċerdoti tal-Liġi l-ġdida, kif jidher millkliem li qal lill-Appostli; "Agħmlu dan b'tifkira tiegħi."

Imqawwijin mill-fidi, aħna naduraw dan il-misteru għażiż u nemmnu li wara l-konsagrazzjoni, l-ħobż mhux iżjed ħobż u l-imbid mhux iżjed imbid, iżda li s-sostanza talħobż u l-imbid bil-qawwa ta' dawk il-kelmiet misterjużi inbidlet fis-sostanza tal-ġisem u tad-demm ta' Kristu. Dak Kristu li qam minn bejn l-imwiet u telgħa s-sema huwa wkoll

realment preżenti taħt ix-xbiehat ewkaristiċi, mhux biss bil-ġisem u d-demm, iżda kollu kemm hu, bir-ruħ u bid-divinità tiegħu wkoll.

"Aħna nemmnu - jgħidilna il-mibki Papa Pawlu VI fl-istqarrija tal-Fidi - li kif il-ħobż u l-inbid ikkonsagrati mill-Mulej flaħħar ċena nbidlu f'Ġismu u f'Demmu li ftit wara kellhom ikunu offerti għalina fuq issalib, bl-istess mod il-ħobż u l-imbid ikkonsagrati mis-saċerdot jinbidlu fil-Ġisem u d-Demm ta' Kristu li jsaltan glorjuż fis-sema; u aħna nemmnu li l-preżenza misterjuża tal-Mulej, taħt ix-xbieha ta' dawk il-ħwejjeġ li jibqgħu jidhru l-istess bħal qabel għas-sensi tagħna, hi preżenza vera, reali u sostanzjali". (11)

Bir-raġun kollu għalhekk li l-Ewkaristija ġiet imsejħa il-kontinwazzjoni tal-misteru tal-inkarnazzjoni, li twettaq meta l-Iben t' Alla sar bniedem fil-ġuf safi tal-Imqaddsa Verġni Marija. Difatti l-istess Kristu, veru Alla u veru bniedem, il-Verb ta' Alla "li sar bniedem u għammar fostna" (12) jibqa magħna u preżenti għalina fl-Ewkaristija.

Is-Sagrifiċċju tal-Kalvarju u s-sagrifiċċju tal-Quddiesa

Imma l-Ewkaristija hija wkoll il-kontinwazzjoni tal-misteru tal-fidwa imwettqa minn Kristu, bil-passjoni, l-mewt u l-qawmien tiegħu. Din kienet il-missjoni li għaliha

ġie fid-dinja, biex isalva l-umanità mill-jasar tad-dnub u jerġa' jħabbeb il-bnedmin ma' Alla. Igħidilna l-Appostlu San Ġwann: "Aħna rajna u nagħtu xhieda li l-Missier bagħat lil Ibnu biex ikun is-Salvatur taddinja". (13) Biex iwettaq din il-missjoni, Kristu refa' fuqu d-dnubiet ta' l-umanità, għall-imħabba tagħna miet fuq is-salib, għalina xerred id-demm prezzjuż tiegħu.

Meta niċċelebraw il-Quddiesa, ma nkunux noffru xi sagrifiċċju ġdid, iżda noffru l-istess sagrifiċċju waħdieni li Kristu offra lill-Missier tiegħu tas-sema u li ġie mitmum fuq is-salib għall-fidwa tal-bnedmin. Meta niċċelebraw il-Quddiesa, waqt li nfakkru dak li Kristu għamel għalina, nerġgħu nressqu quddiem Alla, l-istess għotja tiegħu nnifsu, li Kristu għamel lil Missieru bħala turija ta' mħabba totali.

Ma nistgħux, bl-ebda mod, nifirdu s-sagrifiċċju tal-Quddiesa minn dak tal-Kalvarju. Mingħajr ir-rit ewkaristiku, il-ġrajja tal-Kalvarju kienet tkun għemil kbir u ta' l-għaġeb, iżda kienet tibqa' ġrajja iżolata u mbegħda minna fiż-żmien. Mingħajr il-Kalvarju, ir-rit ewkaristiku kien ikun sinjal bla tifsir u mhux ħlief laqgħa ta' fraternità umana. (14)

Kif igħallimna l-Papa Ġwanni Pawlu t-tieni: "Il-Knisja ma tieqaf qatt li tiftakar u tgħix il-mewt ta' Kristu fuq is-salib u l-qawmien tiegħu mill-mewt, li fihom jagħmlu l-essenza tal-ħajja tagħha ta' kuljum. Huwa, infatti, bi kmand ta' Kristu li l-Knisja tiċċelebra bla waqfien l-Ewkaristija u ssib fiha l-għajn tal-ħajja u l-qdusija, is-sinjal effikaċi tal-grazzja u tar-rikonċiljazzjoni ma' Alla, ir-rahan tal-ħajja ta' dejjem." (15)

Kristu, Liberatur tal-bnedmin

Ladarba, mela, is-sagrifiċċju tas-salib u s-sagrifiċċju tal-Quddiesa huma l-istess sagrifiċċju, Kristu jwettaq il-missjoni tiegħu bħala liberatur tal-bnedmin, mhux biss fuq il-Kalvarju, iżda wkoll fl-Ewkaristija.

Kristu ġie fid-dinja biex lill-bnedmin jagħmillom ħielsa. Però jeħtieġ li nfissru aħjar liema huwa dan il-proċess ta' liberazzjoni mibdi u mwettaq minn Kristu.

Meta ngħidu li xi ħadd ġie liberat jew meħlus, nifhmu li dan il-bniedem kien f'xi gwaj u bil-għajnuna ta' xi ħadd ieħor għadda għal stat aħjar li fih jista' jgawdi xi ġid li qabel kien imċaħħad minnu. Ma nistgħux nifhmu sewwa f'hiex jikkonsisti dan il-ħelsien, jekk ma nkunux nafu x'kien l-gwaj li minnu dik il-persuna ġiet meħlusa u l-ġid li qabel ma kellhiex u issa ġie mogħti lilha.

Għalhekk, meta ngħidu li l-bnedmin ġew salvati jew liberati minn Kristu, jeħtieġ li nistaqsu l-ewwelsett: minn liema gwaj jew stat ħażin ġew salvati?

It-tweġiba hija li Sidna Ġesù Kristu, bis-sagrifiċċju tas-salib, imġedded kontinwament

fil-Quddiesa, fdiena mid-dnub tan-nisel u mid-dnubiet personali li tagħhom kull wieħed minna huwa ħati. Din il-missjoni ta' Ġesù, ġiet imħabbra sa minn qabel twelidu: "Hu jsalva l-poplu tiegħu minn dnubiethom". (16)

Barra minn hekk, Kristu feda l-bnedmin mhux biss mid-dnub iżda wkoll mill-konsegwenzi tad-dnub bħal ma huma l-injoranza, il-miżerja, l-inġustizzji u dak kollu li jfixkel il-bniedem fil-mixja tiegħu biex jirrealizza l-potenzjalità tiegħu bħala kreatura ta' Alla, anzi bħala iben minn Tiegħu.

U fejn twassal din il-ħlusija? Kristu għamilna ħielsa sabiex nistgħu nħobbu l-ewwel-nett lil Alla li minnu jiġi kull ġid tagħna, imbagħad ukoll lil għajrna li fih għandna naraw dejjem ix-xbieha u s-sinjal t'Alla li ma jidhirx. Ir-relazzjonijiet bejn il-bnedmin mifdija minn Kristu u li jgawdu l-ħelsien tiegħu, ma għandhomx ikunu mfasslin minn min jiflaħ l-iżjed jew jippossiedi l-aktar ġid, iżda għandhom ikunu mibnija fuq l-imħabba u l-ħniena lejn xulxin u fuq il-parteċipazzjoni ta' kull wieħed fil-ġid komuni. Għandna eżempju ta' din ix-xirka tal-aħwa mifdija minn Kristu, fil-ħajja ta' l-ewwel kommunitajiet insara, li kif naqraw fl-Atti ta' l-Appostli, kienu "qalb waħda u ruħ waħda". (17)

Din is-salvazzjoni li ġabilna Kristu tilħaq perfettament il-għan tagħha, meta l-bniedem jingħaqad ma' Alla fil-ħajja ta' dejjem. Għalhekk, mhix limitata biss għall-

medda tal-eżistenza temporali u minsuġa għal kollox max-xewqat, tamiet, ħidma u tħabbit temporali, iżda salvazzjoni li tmur 'l hinn minn dawn il-limiti li ssib il-milja tagħha fil-kommunjoni ma' l-Assolut uniku u divin: salvazzjoni traxxendentali u eskatoloġika, li tibda iva, fil-ħajja fuq din l-art, iżda li ssib il-milja tagħha fl-eternità. (18)

Però hija salvazzjoni li tibda mill-ħajja fuq din l-art, għax matul il-ħajja temporali, jitqegħdu s-sisien tal-ħajja ta' dejjem u minn din id-dinja stess, għandhom jibdew jinħassu l-effetti tal-fidwa li Kristu kiseb għalina.

Bit-Tqarbin nieħdu sehem mis-salvazzjoni ta' Kristu

Issa fl-Ewkaristija, Ġesù mhux biss ried jibqa' magħna sa l-aħħar taż-żmien, iżda wkoll tana ġismu u demmu bħal manteniment spiritwali tagħna. Kienet ir-rieda tiegħu li l-insara jersqu ta' spiss jitqarbnu u għalhekk insista: "Tassew, tassew ngħidilkom, jekk ma tiklux il-ġisem ta' Bin il-bniedem u ma tixorbux demmu, ma jkollkomx il-ħajja fikom. Min jiekol ġismi u jixrob demmi għandu l-ħajja ta' dejjem, u jiena nqajmu mill-imwiet fl-aħħar jum." (19) Minn dan naraw kemm jitqarrqu dawk l-insara li joqogħdu l-bogħod mit-Tqarbin Imqaddes, għaliex b'dan il-mod huma jiċċaħħdu minn ġid spiritwali hekk kbir u jkunu jagħmlu bil-maqlub ta' dak li ried Kristu.

Meta l-insara, skond ir-rieda ta' Kristu, jiċċelebraw l-Ewkaristija b'tifkirietu u jitqarbnu bil-ġisem u d-demm għażiż tiegħu, huma jikbru fil-għaqda ta' mħabba miegħu u jkollhom sehem mis-salvazzjoni tiegħu għaliex minnu jirċievu mhux biss il-maħfra tad-dnubiet, iżda wkoll it-tkattir tal-grazzja u l-qdusija.

L-insara li jitqarbnu ta' spiss għandhom bil-mod il-mod jidraw iġħixu skond il-liġi tal-libertà interjuri li hija wieħed mis-sinjali, li minnhom jingħarfu dawk li huma tabilħaqq ulied Alla. Il-libertà interjuri hija t-tweġiba pożitiva għas-sejħa "li l-bniedem iħoss fih għall-konverżjoni tal-qalb, biex iwarrab il-ħsieb li hu ma għandu bżonn ta' ħadd u biex iqiegħed il-fiduċja tiegħu f'Alla, kif ukoll biex jirbaħ l-egoiżmu tiegħu u jagħraf iħobb sinċerament lil għajru. B'dan il-mod jista' jgħid li hu tassew ħieles u jista' jiddedika ruħu għall-ħelsien ta' l-oħrajn". (20)

Iżda sabiex it-Tqarbin ikollu l-effetti li semmejna, jeħtieġ li l-insara jagħtu widen għat-twiddiba tal-Appostlu Missierna u jersqu lejn dan is-Sagrament Imqaddes mingħajr ħtija gravi fuq il-kuxjenza tagħhom: "Kull min jiekol il-ħobż jew jixrob il-kalċi tal-Mulej bla ma jixraqlu, ikun ħati tal-ġisem u d-demm tal-Mulej. Ħa jagħrbel il-bniedem lilu nnifsu, imbagħad jiekol il-ħobż u jixrob il-kalċi. Min jiekol u jixrob bla ma jagħżel minn ikel ieħor il-ġisem tal-Mulej, ikun jiekol u jixrob il-kundanna tiegħu stess." (21)

jidher li minn xi żmien 'l hawn, ċerti nsara qegħdin jersqu lejn it-Tqarbin mingħajr ma jkunu mhejjija kif jixraq, u xi drabi wkoll mingħajr ma jkunu ħasbu biex inaddfu ruħhom kif hemm bżonn li jsir għal-laqgħa ma' Kristu fl-Ewkaristija.

L-Impenji ta' l-insara lejn il-bnedmin ħuthom

Barra minn hekk, kull min jitqarben għandu jħossu mpenjat li jħabrek biex titwettaq fost il-bnedmin is-salvazzjoni ta' Kristu. Il-kommunjoni ma' Kristu tagħtina l-qawwa tal-grazzja biex inkunu nistgħu ngħinu lill-bnedmin l-oħra u tobbligana għal dawn l-għemejjel ta' fejda għal ħutna. Iċ-ċelebrazzjoni tal-Ewkaristija u l-qsim tal-ħobż meħtieġ għall-ħajja ta' dejjem, għandhom iħeġġuna sabiex nitqabdu u nillottaw kontra dawk il-kundizzjonijiet, li minħabba fihom, il-bnedmin fil-ħajja tagħhom fuq l-art, huma mċaħħda mill-ħobż, mill-ġustizzja u mill-paċi.

Fi tmiem il-Quddiesa, iċ-ċelebrant isellem lill-insara bil-kelmiet "Morru fil-paċi ta' Kristu." Din it-tislima tfisser: Ir-rit ewkaristiku ntemm, imma issa tibda għalikom ċelebrazzjoni oħra, li fiha hija impenjata ħajjitkom kollha kemm hi. Morru fit-toroq tad-dinja u kunu fost ħutkom "ix-xhieda tal-mewt u tal-qawmien ta' Kristu", bi kliemkom, bl-għemejjel tagħkom u b'ħajjitkom. (22)

Allura, meta l-Ewkaristija tiġi ċċelebrata kif imiss għandha titwettaq dik is-sintesi jew għaqda bejn il-kult u l-ħajja ta' kuljum, bejn il-fidi u d-dmirijiet tagħna individwali u soċjali. Il-ħin li tieħu ċ-ċelebrazzjoni ewkaristika mhux ħin ta' evażjoni u ħarba mir-responsabiltajiet tagħna, iżda għall-kuntrarju, huwa l-mument li fih, filwaqt li fiimkien ma' Kristu, nagħtu qima lil Alla, nikbru fi-imħabba u fi-għaqda mal-Feddej u mal-proxxmu tagħna, nitħeġġu u nithejjew aħjar sabiex naqdu dmirijietna bħala nsara fis-soċjetà.

Biex l-Ewkaristija tħalli fostna dan il-frott li semmejna, qegħdin niċċelebraw il-Kungress Ewkaristiku Djoċesan, li bl-intercessjoni tal-Imqaddsa Verġni Marija, nittamaw li jkun ta' ġid spiritwali għad-djoċesi tagħna.

J'Alla, Ġesù fl-Ewkaristija jkun għalikom ilkoll dawl u qawwa fil-mixja tagħkom lejn l-Art Imwegħda.

B'dawn ix-xewqat, nitolbu fuqkom il-Barka Barka t'Alla.
14 ta' Settembru 1979

RIFERENZI:

(1) Luqa 22. 19 - I. Korint. 11. 24.
(2) Enċiklika "Redemptor Hominis" n. 20
(3) Ġwann 10. 10.
(4) Filipp. 4. 13.
(5) Mattew 26. 27-28
(6) Luqa 22. 19-20
(7) Efesin 5. 2.
(8) Kost. "Sacrosanctum Concilium" n.47
(9) Mark 14. 22-24
(10) Ġwann 6. 51-55
(11) Papa Pawlu VI "Stqarrija tal-Fidi" 30-6-68.
(12) Ġwann 1. 14.
(13) I. Ġwann 4. 14-15
(14) Mariano Magrassi O.S.B. "Vivere l'Eucaristia" paġ. 29
(15) Enċiklika "Redemptor Hominis" n. 7.
(16) Matt. 1. 21.
(17) Atti 4. 32.
(18) Ittra Apostolika "Evangelii Nuntiandi" n.27
(19) Ġwann 6. 53-54.
(20) "Il-Ġustizzja fid-dinja" Dok. tas-Sinodu tal-Isqfijiet - 1971.
(21) I. Korint 11. 27-29
(22) M. Magrassi Op. Cit. paġ. 22.

4. IL-MISSJONI TAL-MARA NISRANIJA

Din is-sena ser jiġi ċċelebrat l-ewwel ċentinarju mit-twaqqif tal-Ordni tar-Reliġjużi magħrufin bħala "Sorijiet Franġiskani tal-Qalb Imqaddsa ta' Ġesu". Difatti kien il-mibki Mons. Pietru Pace, dak inhar Isqof ta' Għawdex li, fl-1 ta' Settembru 1880, approva uffiċċjalment dan l-Istitut fuq talba mressqa f'isem il-membri tiegħu, mill-Kappillan Dun Ġużepp Djakono, Direttur spiritwali tagħhom. Kienu għadd żgħir ta' xebbiet magħrufa għall-għaqal u l-pjetà tagħhom li kkonsagraw ruħhom lil Alla bil-għan li jiddedikaw ħajjithom għall-ġid tal-proxxmu, bit-tagħlim tat-tfal foqra u b'għemejjel oħra ta' karità. Magħhom daħlet ukoll Virginja Debrincat, li ħabirket bis-sħiħ biex dan l-ordni reliġjuż jegħleb id-diffikultajiet tal-bidu, jikber u jissaħħaħ.

Ħaret ukoll superjura tagħhom, bl-isem ta, Madre Margherita, u damet trieġi din il-kongregazzjoni għal ħamsa u għoxrin sena.

Jixraq li l-Għawdxin jinteressaw ruħhom f'dan iċ-ċentinarju, għaliex ħafna kienu dawk li bbenefikaw mill-ħidma tas-Sorijiet Franġiskani li għandhom fi ġiritna d-dar ġeneralizja tagħhom. Jixraq għalhekk li nroddu ħajr lil Alla li ta din il-kariżma ta' ħajja konsagrata u ta' fundatriċi ta' ordni reliġjuż lil xebba għawdxija.

Iżda fuq kollox din il-ġrajja taċ-ċentinarju għandha ġġegħlna nirriflettu fuq ix-xhieda nisranija ta' dik li kienet strument f'idejn Alla biex jitwaqqaf dan l-ordni reliġjuż u fuq it-tagħlim li nistgħu nisiltu minn ħajjitha għaż-żminijiet tagħna.

Hija kienet xebba prudenti u kuraġġjuża li ma qatgħetx qalbha mill-problemi li kull organizzazzjoni ġdida tiltaqa' magħhom, għax għarfet sewwa d-dinjità tagħha ta' mara nisranija, u dan l-aspett ta' ħajjitha jħajjarna biex nippruvaw nifhmu aħjar il-missjoni tal-mara fid-dinja tal-lum. Bil-ferħ u bil-ġenerożità, hija aċċettat is-sejħa tagħha li tikkonsagra ħajjitha lil Alla u dan il-fatt jixħet dawl fuq is-sbuħija u l-valur tal-vokazzjoni reliġjuża.

Il-jeddijiet tan-nisa

Fi żminijietna, nisimgħu ta' spiss dwar

id-dinjità tal-mara u l-missjoni tagħha fil-familja u fis-soċjetà. F'diversi pajjiżi, moviment qawwija magħrufa bħala "femministi" huma tal-fehma li sal-lum il-mara kienet ittrattata bħala lsira; jeħtieġ iżda li ma tibqax aktar vittma tal-vjolenza tal-oħrajn u għalhekk għandha ssemma' leħinha u tikkumbatti biex tikseb il-jeddijiet tagħha. Huwa mportanti mela li wieħed jifli bir-reqqa dawn l-opinjonijiet biex jara jekk humiex imbegħda mis-sewwa jew kemm fihom verità.

Kull ma jmur qed isir iktar komuni l-prinċipju tal-ugwaljanza bejn in-nisa u l-irġiel fid-dinjità personali tagħhom. Il-Knisja Kattolika fid-dawl tal-Vanġelu Mqaddes sawwret it-tagħlim soċjali tagħha fuq is-sisien sodi tal-persuna umana. Kull bniedem, hu min hu, ġie maħluq minn Alla b'ruħ spiritwali, imżejna bir-raġuni u l-libertà, u msejjaħ biex fi Kristu jsib il-fidwa tiegħu u jasal biex jagħraf u jħobb lil Alla bħala missier twajjeb u ħanin. Igħidilna San Pawl: "Issa ma hemmx iżjed Lhudi u anqas Grieg, ma hemmx ilsir u anqas ħieles, ma hemmx raġel u anqas mara; għax intom ilkoll ħaġa waħda fi Kristu Ġesù". (Gal. 3. 28)

Meta wieħed jaċċetta din ir-realtà tal-persuna umana jasal biex jifhem u jaċċetta wkoll il-jeddijiet fundamentali tal-bniedem, li mingħajrhom il-persuna umana titlef kull dinjità tagħha, ma tibqax iżjed suġġett ta' obbligi u drittijiet, iżda ssir bħal oġġett li jinxtara u jinbiegħ. Xi whud minn dawn il-jeddijiet fun-

damentali huma ċari ħafna u għalhekk kienu magħrufin sa mill-qedem. Hemm oħrajn li huma inqas ċari u l-bnedmin intebħu bihom gradwalment matul l-evoluzzjoni soċjali li twettqet fil-kors tal-istorja. Hekk, per eżempju, il-jedd għall-ħajja huwa iktar ċar u primarju mill-jedd għall-proprjetà. L-anqas nistgħu neskludu li fadal jeddijiet oħra konnessi mal-persuna umana li għad jintebħu bihom il-ġenerazzjonijiet ta' warajna. Issa kull fejn jidħlu jeddijiet fundamentali tal-bniedem, bir-raġun kollu nistgħu nsostnu li għandu jkun hemm ugwaljanza bejn ir-raġel u l-mara, għax din ukoll hija persuna umana u suġġett ta' obbligi u drittijiet.

Għajta oħra li nisimgħu fi żminijietna hija li n-nisa, barra mill-preżenza attiva tagħhom fil-familja, għandu jkollhom ukoll parteċipazzjoni jew sehem ikbar fil-ħajja professjonali, ċivili u soċjali. Jixraq għalhekk li nifhmu aħjar liema hija l-missjoni tal-mara fit-tliet soċjetajiet li tagħhom hija membru, jiġifieri fil-familja, fis-soċjetà ċivili u fis-soċjetà ekkleżjali.

Il-valur edukattiv u soċjali tal-maternità li għandha l-mara fil-familja ma għandu qatt jiġi minsi jew imwarrab fil-ġenb. Dan ma jfissirx li l-mara għandha biss funzjoni bijoloġika ta' riproduzzjoni jew li għandha tkun ikkundannata ħajjitha kollha biex taqdi lil żewġha u lil uliedha. Ifisser iżda, li l-maternità, meta hija msieħba mal-imħabba

awtentika tal-mara lejn żewġha u wliedha, tkun ta' għajnuna kbira għaliha stess biex issaħħaħ il-karattru tagħha, tikkontribwixxi għall-maturità tal-koppja miżżewġa u tiddisponiha sabiex b'sens ta' responsabbilità tkun tista' twettaq id-dmirijiet l-oħra tagħha lejn is-soċjetà.

Għandha tkun apprezzata ħafna wkoll il-funzjoni insostitwibbli li għandha l-omm fl-edukazzjoni ta' wliedha, speċjalment fl-ewwel snin ta' ħajjithom, meta jkunu jitqegħdu s-sisien tal-formazzjoni tal-karattru tagħhom.

Fil-waqt li tiġi salvagwardata din il-funzjoni familjari tal-mara, għandu jitqies ukoll il-kontribut siewi li hija tista' tagħti fil-ħajja soċjali. Dwar ix-xogħol tan-nisa barra middar u s-sehem tagħhom fil-ħajja pubblika, diġà kelli okkażjoni nitkellem fl-ewwel ittra pastorali tiegħi tal-1968 u ħafna milli ntqal fiha dak inhar, għadu jgħodd illum ukoll tnax-il sena wara. Dak inhar, jiena kont iddeplorajt l-isfruttament li jsir mal-ħaddiema nisa li ma jirċevux paga ġusta kif ukoll il-periklu ta' korruzzjoni morali li xi whud minnhom isibu fil-postijiet tax-xogħol. Illum inħoss li ma' dawn iż-żewġ vjolazzjonijiet tad-dinjità tal-mara, jeħtieġ li niddeploraw ukoll il-ħsara fis-saħħa tagħha fiżika jew mentali li tirriżulta f'dawk il-postijiet tax-xogħol fejn tingħata iktar importanza lill-profitt u effiċjenza tal-produzzjoni milli lis-saħħa u lill-ħena tal-ħaddiema.

Meta niġu biex nitkellmu dwar is-sehem tal-mara fil-ħajja tal-Knisja, irridu nibdew qabel xejn billi nirrikonoxxu b'sens ta' gratitudni l-ħidma l-impenn u s-sagrifiċċji moħbija li tant xebbiet u nisa qegħdin jagħmlu sabiex l-Għaqdiet tal-Apostolat tal-Lajċi jwettqu l-attivitajiet kotrana tagħhom.

Iżda barra minn din il-ħidma apostolika, f'din l-epoka post-konċiljari, ħafna qegħdin isemmu l-ministeri ekkleżjali li għandhom jiġu afdati lin-nisa. Huwa veru li skond kif hemm imfisser fl-istqarrija tas-Sagra Kongregazzjoni tad-Duttrina tal-fidi, tal-15 ta' Ottubru, 1976, l-Oġħla Awtorità tal-Knisja Kattolika ddeċidiet li ma għandhiex tiġi mogħtija l-ordinazzjoni saċerdotali lin-nisa. Iżda min-naħa l-oħra, bil-'Motu Proprio' tal-Papa Pawlu VI, "Ministeria Quaedam" u l-ieħor "Ad Pascendum", intemmet id-drawwa l-qadima li fiha ċerti ministeri, bħal ma hu dak tal-lettur, kienu riservati biss għal dawk li kienu ser isiru saċerdoti u ġiet mogħtija l-opportunità li diversi membri tal-Knisja, barra mill-Kleru, jipparteċipaw attivament fil-ħajja tagħha, anke permezz ta' dawn il-ministeri. B'hekk infetaħ bieb ieħor sabiex, skond il-ħtieġa taż-żmien u tal-post, u wara li jkun hemm thejjija xierqa tal-mentalità tal-poplu u tal-individwi konċernati, jiġu mogħtija l-ministeri anke lin-nisa.

Għad li mhux dejjem ikun possibbli li wieħed jara ċar xi żviluppi ser ikun hemm iktar 'il quddiem f'dan ir-rigward, però hu-

wa evidenti li fil-futur jeħtieġilna nagħtu attenzjoni ikbar lis-sehem attiv tal-mara fil-Knisja u lis-servizzi li diġà qegħda tagħti b' ġenerożità kbira fil-qasam tal-katekeżi, tal-funzjonijiet reliġjużi u tal-attivitajiet karitattivi u soċjali.

Il-mara u l-vokazzjoni reliġjuża

Fi żminijietna, wisq iktar milli fl-imgħoddi, il-vokazzjoni reliġjuża tfisser ħajja ta' sagrifiċċju, l-għażla libera tal-perfezzjoni spiritwali msieħba maċ-ċaħda tal-kumditajiet u tal-pjaċiri li toffri d-dinja mgħarrgħa fl-edoniżmu. Min jaċċetta din il-vokazzjoni, jeħtieġlu jsikket fih innifsu l-leħen tal-egoiżmu u tal-interess personali tiegħu biex jisma' l-ilħna ta' dawk li jitolbu l-għajnuna ta' l-oħrajn bħal ma huma l-ilħna ta' l-erwieħ innoċenti, ta' dawk li qegħdin isofru, ta' dawk li tilfu l-paċi, ta' dawk li ma għandhomx min isabbarhom, min imexxihom, min jurihom imħabba. Li tgħix l-vokazzjoni reliġjuża jfisser li bis-safa u t-tjubija tal-qalb taċċetta bħala programm ta' ħajtek kollha, l-imitazzjoni ta' Kristu, sabiex tasal għall-qdusija awtentika, anke jekk din l-imitazzjoni titlob qlubija u erojiżmu.

Kif fl-imgħoddi, hekk ukoll illum, Kristu kien u għadu jsejjaħ il-bnedmin biex jimxu warah. Eluf ta' żgħażagħ, anke fi żminijietna, f'mument jew ieħor ta' ħajjithom, intebħu li Kristu kien qiegħed isejħilhom.

iżda Huwa jirrispetta l-libertà ta' kull wieħed u waħda mill-bnedmin. Għalhekk is-sejħa Tiegħu fiha l-qawwa u l-ħlewwa ta' stedina; ma jonqosha xejn mill-qawwa divina tal-grazzja iżda fl-istess ħin, ma tnaqqas xejn mil-libertà tal-bnienem. Il-vokazzjoni reliġjuża jaċċettaha biss min irid u minn rajh; hija bħal fjura mhix komuni li tikber biss fil-ġnien tal-libertà, tal-fidi u tal-karità.

Biex wieħed jifhem is-sens u l-valur tal-vokazzjoni reliġjuża, jeħtieġlu qabel xejn, ihares lejn Kristu, b'ħarsa ta' fidi u mħabba. L-insara li kapaċi jsegwu din il-vokazzjoni huma biss dawk li jemmnu bis-sħiħ fil-kelma ta' Kristu u mingħajr kalkoli tar-raġuni jkunu lesti li bil-fiduċja kollha fih, jafdaw ħajjithom f'idejh. Huma biss dawk li bħala tweġiba għall-imħabba tiegħu, disposti jħobbuh tul ħajjithom kollha b'imħabba totali u mingħajr riservi.

Għalhekk ħafna nies, din il-vokazzjoni reliġjuża la jifhmuha u l-anqas jgħożżuha; għalhekk jaħsbuha ħajja vojta u bla sens, għaliex tonqoshom il-fidi fi Kristu u l-imħabba lejH. U bħala riżultat ta' dan isibuha bi tqila li jifhmu għaliex wieħed għandu jħalli kollox, jikkonsagra ħajtu lil Kristu biss, u jimitah fil-ħajja Tiegħu ta' safa, faqar u ubbidjenza.

Biex tinbet u tikber fil-qalb żagħżugħa rrieda li toffri ruħha totalment lil Alla, bilferħ u bla sogħba għas-sagrifiċċji tagħha,

huwa assolutament meħtieġ li jkun hemm din l-għaqda ta' ħbiberija intima ma' Kristu, il-Ħabib Divin u Rebbieħ tal-erwieħ. Anzi din ir-relazzjoni ma' Kristu għandha tiġi msaħħa ta' kuljum permezz tat-talb u r-riflessjoni fuq il-ħwejjeġ ta' Alla. Altrimenti bħaż-żerriegħa tal-parabbola tal-Vanġelu, il-vokazzjoni taqa' fuq blat samm u ma tinbitx, jew taqa' qalb l-għollieq tax-xewqat tad-dinja u ma tikbirx għax tmut qasir il-għomor.

Bil-ħajja tagħhom ikkonsagrata lil Alla, ir-reliġjużi jagħtu xhieda ta' Kristu quddiem il-bnedmin. L-erwieħ ikkonsagrati, mhux biss bil-kliem iżda fuq kollox bil-ħajja tagħhom ta' skiet u ċaħda, juru quddiem għajrhom li huma ħadu bis-serjetà lil Kristu, jemmnu fit-tagħlim tal-konsilji evanġeliċi u jistennew minn għandu biss il-premju fissaltna ta' dejjem.

L-erwieħ ikkonsagrati lil Alla, jieħdu din id-deċiżjoni, mhux biex jevadu mill-problemi tad-dinja, u jgħaddu eżistenza aktar trankwilla fuq wiċċ l-art. Għall-kuntrarju, iktar ma joqorbu lejn Alla, iktar iħossuhom qrib lejn ħuthom il-bnedmin, iktar sensibbli għall-ħtiġijiet tagħhom u iktar disposti li jinsew lilhom infushom biex jaqdu u jagħmlu hieni lill-proxxmu.

Huma eluf l-uċuh mikduda bl-uġiegħ, uċuh tal-morda u x-xjuħ fl-isptarijiet taddinja li jkunu jistennew bil-ħerqa t-tbissima

ħanina tas-soru li, bis-sempliċità u l-umiltà, tassistihom bl-esperjenza professjonali tagħha, iżda toffrilhom ukoll il-ferħ li hija ġġorr f'qalbha, raġġ tal-paċi li Kristu jagħti lill-maħbubin tiegħu. Huma eluf ukoll it-tfal fl-iskejjel tal-pajjiżi nsara li b'għajnejhom jiddu fl-innoċenza tagħhom, iħarsu lejn issoru li tgħallimhom iħobbu u jirrispettaw 'l Alla u l-proxxmu mhux biss bi kliemha, iżda bl-eżempju ta' ħajjitha li hija tiddedika għall-ġid tagħhom.

Anke meta ruħ ikkonsagrata, tiddeċiedi li tingħalaq għal għomorha f'kunvent talklawsura u taqta' kull kuntatt mal-bnedmin, dan tagħmlu mhux għax tibża' minnhom jew tistmerrhom. Hija tieħu dan il-pass għax tkun konvinta li fiċ-ċirkustanzi partikolari tagħha, tista' tgħinhom iktar u aħjar bit-talb u t-tpattija li toffri għalihom milli bil-preżenza tagħha fosthom.

Kif tista' qatt il-Knisja Kattolika tgħaddi mingħajrhom dawn l-erwieħ ikkunsagrati li jgħixu biss għal Kristu u għall-bnedmin ħuthom? Kemm għandna nirringrazzjawh lil Alla talli għoġbu jagħtina li ngawdu f'pajjiżna l-ħidma hekk utli tagħhom! Kemm għandna nħossu fina d-dmir li nitolbu ta' kuljum għall-vokazzjonijiet reliġjużi u li ngħinuhom b'kull mezz possibbli!

Nixtieq intemm dawn il-ftit riflessjonijiet tiegħi billi nistedinkom sabiex nitolbu flimkien lill-Imqaddsa Verġni Marija, l-Im-

bierka fost in-nisa u x-xempju tal-erwieħ ikkunsagrati lil Alla, ħalli bl-interċessjoni tagħha, tiġi mħarsa dejjem id-dinjità tal-mara u joktru fil-Knisja ta' Kristu l-vokazzjonijiet reliġjużi.

21 ta' Jannar, 1980.

5. L-EDUKAZZJONI RELIĠJUŻA

Bir-raġun kollu, din is-sena, il-membri tas-Soċjetà tad-Duttrina, magħrufa bħala MUSEUM, ser jiċċelebraw bil-ferħ, l-ewwel ċentinarju mit-twelid tal-Fundatur tas-Soċjetà tagħhom, Dun Ġorġ Preca. U aħna wkoll, għandna motiv nifirħu magħhom u nfakkru din il-ġrajja, peress li għadd l-iktar kbir ta' rġiel u nisa fil-gżejjer tagħna jiftakru b'rikonoxxenza f'din il-Għaqda tal-Museum u fil-Fundatur tagħha, għaliex minnhom ħadu parti ewlenija tal-formazzjoni reliġjuża tagħhom.

F'okkażjoni bħal din, tistennewni li nagħtikom xi ħjiel dwar il-ħajja tas-saċerdot eżemplari li qed jiġi mfakkar f'dan iċ-ċentinarju. Iżda l-ħajja tiegħu hija hekk rikka

b'ħidmiet saċerdotali u b'għemejjel ta' virtù, li mhux possibbli għalija li nsemmi ħlief aspett wieħed minnhom.

Huwa għaraf sa minn kmieni l-importanza tat-tagħlim tal-katekiżmu u tal-formazzjoni reliġjuża. Għal din il-ħidma pastorali, huwa ddedika l-ħajja twila tiegħu. Bil-kelma u bil-kitba, huwa xerred bla waqfien il-messaġġ nisrani. Ħadem biex jinfetħu l-oqsma jew djar tad-duttrina mhux biss f' pajjiżna, iżda wkoll f'artijiet oħra fejn imorru l-emigranti tagħna. Ħabrek bla serħan biex jiġbor madwaru grupp numeruż ta' ġuvintur u xebbiet u waqqaf is-soċjetà mużewmina sabiex anke wara mewtu, ma tieqafx il-ħidma minnu mibdija.

L-eżempju ta' Dun Ġorġ għandu jħajjarna sabiex ninteressaw ruħna mill-edukazzjoni reliġjuża tat-tfal u ż-żgħażagħ tagħna u nipprovaw nagħtu s-sehem tagħna f'din il-ħidma pastorali li f'kull żmien, kienet u tibqa' dejjem, parti mportanti mill-missjoni li għandha l-Knisja ta' Kristu.

Ix-xogħol ta' l-edukaturi nsara

Fil-formazzjoni għall-ħajja nisranija, Alla nnifsu huwa l-awtur u l-edukatur ewlieni. Huwa li jitfa' ż-żerriegħa tal-ħajja sopranaturali fir-ruħ, li jkabbarha u jwassalha għall-maturità. Kif jesprimi ruħu l-Appostlu Missierna San Pawl: "Jiena ħawwilt, Apollo saqqa, imma Alla hu li kabbar. Għalhekk, la

min ħawwel ma hu xejn, u la min saqqa; imma Alla li kabbar". (I. Kor. 3. 6-7)

L-edukaturi l-oħra, jiġifieri l-ġenituri, l-għalliema, is-saċerdoti, ir-reliġjużi u dawk kollha li jaħdmu f'dan l-qasam, huma biss ajjutanti t'Alla; jew kif igħid l-Appostlu: "Aħna ħaddiema ma' Alla". (I Kor. 3. 9) Il-ħidma tagħna hija dik li ngħassu, inħarsu u nieħdu ħsieb din il-ħajja sopranaturali li Alla sawwab fir-ruħ tat-tifel jew tifla nisranija.

Xorta waħda però, ix-xogħol ta' l-edukaturi jibqa' xogħol importanti u meħtieġ. F'uq kollox, l-edukaturi li jemmnu fi Kristu għandhom id-dmir li joħolqu atmosfera ta' spiritwalità nisranija fl-ambjent tal-familja, ta' l-iskola u tal-kommunità li fihom it-tfal jew iż-żgħażagħ ikunu jitrabbew. Fi kliem ieħor, it-tfal jeħtieġ li jħossu u jaraw sa minn ċkunithom fil-postijiet li jiffrekwentaw dik l-armonija tat-talb, tas-sagramenti u ta' l-għemejjel tajba li tgħinhom jikbru qajl qajl fil-qdusija.

Biex jilħqu dan il-għan, l-edukaturi nsara għandhom jinqdew b'żewġ mezzi jew qawwiet li mingħajrhom il-ħidma tagħhom ma tistax tagħti frott. L-ewwelnett hija meħtieġa l-imħabba li tagħraf is-siwi tar-ruħ tat-tfal, li tifhem il-karattru ta' kull wieħed minnhom, li tkun lesta taqdihom u tissagrifika ruħha għalihom. Ma' din l-imħabba, wieħed irid iżid ukoll l-eżempju li jiġbed u

jipperswadi. Kif igħidilna l-Papa fl-enċiklika 'Catechesi Tradendae' n. 68: "L-edukazzjoni fil-fidi, li għandha tibda sa mill-età l-iktar żgħira, tingħata diġà mill-ġenituri meta l-membri tal-familja jgħinu wieħed lill-ieħor biex jikbru fit-twemmin, permezz tax-xhieda tal-ħajja nisranija tagħhom, xhieda li ta' spiss issir mingħajr kliem, iżda li tibqa' sejra ta' kuljum matul il-ħajja li wieħed igħix skond il-Vanġelu."

Fejn ikun hemm din l-imħabba u dan l-eżempju tajjeb, l-edukaturi jkunu jistgħu jgħaddu lit-tfal il-wirt tat-tagħlim nisrani; jiġifieri jgħallmuhom dawk il-veritajiet li għandna nemmnu u d-dmirijiet li għandna nwettqu bħala nsara. It-tfal, da parti tagħhom, meta jaraw l-imħabba u x-xhieda nisranija ta' l-edukaturi tagħhom, ikunu iktar disposti li dan il-wirt ta' tagħlim jaċċettawh, igħożżuh, jassimilawh u jagħmluh qisu ħaġa tagħhom.

Formazzjoni għall-ħajja

Iżda l-formazzjoni reliġjuża, mhix biss istruzzjoni jew tagħlim ta' xi xjenza. Hija fuq kollox, għajnuna sabiex it-tfal jidraw igħixu skond l-ispirtu tal-Vanġelu Mqaddes. Hekk Alla jidħol fil-ħajja tat-tifel, li jidra jfittex ir-rieda tal-Mulej, biex iwettaqha fl-għemil tiegħu, jitgħallem iżomm lil Kristu bħala xempju ta' l-imġieba tiegħu biex jimitah u jimxi fit-triq li twassal għas-salvazzjoni. Kif jistqarr l-Appostlu Missierna: "L-

Evanġelju hu qawwa ta' Alla għas-salvazzjoni ta' dawk kollha li jemmnu." (Rom 1. 16)

Il-formazzjoni reliġjuża mogħtija kif imiss, tbiddel għat-tajjeb lit-tifel kollu kemm hu bis-setgħat kollha tiegħu. L-ewwelnett tikkoltiva l-intelliġenza tiegħu billi tfissirlu l-veritajiet tar-Reliġjon Nisranija, tgħinu biex mill-ħwejjeġ li jidhru jasal għal dawk li ma jidhrux u b'hekk tnissel fih l-ispirtu ta' fidi.

Il-formazzjoni reliġjuża ssaħħaħ ir-rieda tat-tifel billi tħajru jwettaq id-dmirijiet tiegħu minn rajh u għall-motivi sopranaturali. Dan tagħmlu speċjalment billi tfakkru fil-preżenza ta' Alla u fl-eżempju ta' Kristu u tal-Qaddisin.

Hija teduka wkoll il-qalb tat-tifel u s-sensibilità tiegħu billi turih is-sbuħija tar-riti reliġjużi bis-simboli u t-tifsir tagħhom, meta tingħata thejjija xierqa għat-tishib fil-Liturġija. Fl-aħħarnett, hija tqanqal fit-tifel s-sentimenti tal-ġenerożità mal-proxxmu billi tgħallmu jħenn għal min hu batut, jagħdru u jgħinu kif jista'.

Iżda biex jitwettaq dan il-programm ta' formazzjoni reliġjuża, mhix biżżejjed il-ħidma tat-teachers fl-iskejjel, u l-anqas ma hi biżżejjed dik tas-saċerdoti u tal-membri tal-Għaqdiet Kattoliċi. Huwa meħtieġ li jkun hemm kollaborazzjoni fost l-edukaturi kollha; hemm bżonn li l-ġenituri u l-edukaturi l-oħra jaħdmu id f'id u bi ftehim bejniet-

hom għall-ġid tat-tfal li jkunu jedukaw. Altrimenti jista' jiġri li dak li jibni wieħed iħottu l-ieħor.

Nistgħu ngħidu li, għall-grazzja t'Alla hemm ħafna tfal f'pajjiżna li għandhom ixxorti li ħadu jew qed jieħdu din il-formazzjoni reliġjuża ntegrali. U dawn għandhom ikunu grati lejn il-ġenituri tagħhom u l-edukaturi l-oħra li ħadmu flimkien sabiex jifformaw minnhom insara tajbin, li huma veri wlied tal-Knisja Kattolika u jagħmlu ġieħ lil Art Twelidhom.

Madankollu, ma nistgħux niċħdu li hemm ukoll f'pajjiżna, żgħażagħ oħra li qed jagħmlulna għajb. Biżżejjed insemmu l-każijiet ta' delinkwenza minorili u l-għadd li jikber ta' kull sena ta' dawk li jiġu kkundannati filqrati minħabba s-serq u atti oħra kriminali. Huma wkoll twieldu minn ġenituri nsara, ġew mgħammda fil-Knisja Kattolika, fi tfulithom għamlu l-Ewwel Tqarbina u ħadu l-Griżma ta' l-Isqof. Iżda għal xi raġuni jew oħra, ma ġietx mogħtija lilhom formazzjoni reliġjuża soda. Dan il-fatt għandu jġiegħelna nirriflettu u niflu sewwa mnejn ġej il-gwaj.

F'dan il-kamp ukoll, tiswa wisq aktar l-edukazzjoni preventiva li tieħu passi biex kemm jista' jkun iżżomm il-bogħod lit-tfal mid-dnub u mill-vizzju, milli jiswew is-sistemi ripressivi li jikkastigaw anke bi pwieni l-iktar ħorox il-ħtijiet, iżda rari ħafna li jikkorieġu lil min ikun qabad it-triq żbaljata.

Jidhirli li nkunu qed nagħmlu ħaġa sewja ħafna għall-ġid tat-tfal u taż-żgħażagħ, jekk f'dan iċ-ċentinarju ta' Dun Ġorġ Preca, imqanqlin mill-eżempju ta' dan is-saċerdot, edukatur ta' l-erwieħ, nieħdu iktar bis-serjetà l-edukazzjoni reliġjuża tal-ġenerazzjoni żagħżugħa. Jaqbel li nħabblu moħħna u nistudjaw flimkien biex insibu l-aħjar metodi li bihom inkunu nistgħu nilħqu u nedukaw kristjanament, skond l-esiġenzi ta' żminijietna, it-tfal kollha ta' pajjiżna. Pass bħal dan jisfa' ta' ġid kbir mhux biss għall-Knisja Kattolika li tagħha aħna membri, iżda wkoll għas-soċjetà li fiha ngħixu.

L-Imgħallem Divin tagħna, Sidna Ġesù Kristu, iseddaqkom fil-grazzja u fil-paċi Tiegħu.

2 ta' Frar, 1980

6. IL-KNISJA U N-NIES TAX-XOGĦOL

Sa mill-qedem, nies magħrufin għall-għerf u d-dehen tagħhom, tkellmu u kitbu dwar ix-xogħol. Dan is-suġġett jissemma wkoll fil-Kotba Mqaddsa kemm tar-Rabta l-Qadima kif ukoll tar-Rabta l-Ġdida; hekk fil-ktieb tas-Salmi naqraw: "Il-bniedem joħroġ għax-xogħol u jibqa' jaħdem sa fil-għaxija", (1) u San Pawl igħidilna: "Kull wieħed jieħu l-ħlas li ħaqqu skond ma ħadem." (2)

F'dawn l-aħħar sekli, barra mill-biedja, l-artiġjanat, l-attività kummerċjali, il-professjonijiet u s-servizzi li, taħt għamla jew oħra, kienu jeżistu dejjem fl-istorja ta' l-umanità, inħoloq ukoll ix-xogħol fil-fabbriki. Beda għalhekk il-proċess ta' industrijalizzazzjoni bil-vantaġġi u l-iżvantaġġi li jġib miegħu. Ma setax ikun li dan l-iżvilupp industrijali ma jidħolx ukoll fil-gżira ċkejkna tagħna, ladarba nfirex kważi f'kull rokna tad-dinja. Dan il-fatt sewa biex ix-xogħol u l-problemi konnessi miegħu jkunu ċ-ċentru tal-attenzjoni ta' ħafna nies fiż-żminijiet tal-lum.

Nistgħu ngħidu li aħna għandna pass vantaġġ għaliex l-iżviluppi u t-tibdiliet li qed jitwettqu issa f'pajjiżna, f'artijiet oħra ġraw snin qabel. Mill-esperjenza tagħhom nistgħu napprofittaw ruħna u nitgħallmu; b'hekk inkunu ppreparati biex it-tibdil li jiġi fuqna ma jeħodniex għall-għarrieda.

Preżenza tal-Knisja fost in-nies tax-xogħol

Jekk ħafna nies, sewwa bħala individwi kif ukoll bħala gruppi, qed jinteressaw ruħhom mill-problemi tax-xogħol, ma tistax tibqa' ndifferenti l-Knisja. Dan id-dmir li tkun preżenti fost il-ħaddiema, li tagħraf u tifhem il-problemi tagħhom, il-Knisja tħossu bħal dmir l-iktar importanti u urġenti. L-ewwelnett għaliex hija rċeviet minn għand Kristu l-ordni li twassal il-messaġġ Tiegħu lill-bnedmin ta' kull kundizzjoni fil-ħajja, inklużi l-ħaddiema: "Morru fid-dinja kollha xandru l-Bxara t-Tajba lill-ħolqien kollu." (3) Issa biex isalva l-umanità, Kristu nkarna, jiġifieri ħa l-ġisem u sar wieħed minna l-bnedmin, "kollox bħalna minbarra d-dnub." (4) Hekk ukoll il-Knisja li- tkompli l-missjoni Tiegħu.

jeħtieġ li bħalu tgħaddi minn dan il-proċess ta' inkarnazzjoni billi titħallat mal-bnedmin ta' kull żmien u ta' kull art li tkun qegħda tevanġelizza, tkellimhom bil-lingwaġġ tagħhom, taċċetta fehmiethom, drawwiethom u l-elementi l-oħra tal-kultura tagħhom, sakemm dawn ma jmorrux kontra l-qdusija, li tagħha l-Knisja għandha tagħti xhieda fiddinja. Il-ħidma tal-evanġelizzazzjoni fost il-ħaddiema, għalhekk titlob mhux biss li ma jkunx hemm firda bejniethom u l-Knisja, iżda wkoll li l-Knisja taqsam man-nies tax-xogħol, il-ferħ u n-niket, it-tama u l-biża' ta' ħajjithom.

Il-ħaddiema, ulied il-Knisja

Barra minn hekk, il-Knisja tħoss il-ħtieġa li tkun preżenti fost il-ħaddiema għax hija tqishom bħala wliedha; xi wħud qrib ħafna lejha, oħrajn forsi xi ftit imbegħdin minnha; iżda kollha wliedha u bħala tali għandhom il-jedd għall-attenzjoni, għall-imħabba u għas-solidarjetà tagħha.

Kif jiġri f'pajjiżi oħra ta' tradizzjoni nisranija, hekk ukoll f'pajjiżna jeżistu bosta ħaddiema li huma magħqudin b'rabtiet qawwija mal-Knisja għax jemmnu t-tagħlim li hija twasslilhom u joqogħdu għal-liġijiet u għad-direttivi tagħha. F'dan il-għadd hemm dawk li, wara ġurnata xogħol, isibu l-ħin u l-enerġija sabiex jieħdu sehem ll-funzjonijiet reliġjużi, jattendu għal-laqgħat ta' tagħlim u jwettqu ħidma tal-apostolat. Huma

xhieda ta' Kristu fost sħabhom, jingħaddu mal-elementi l-iktar prezzjużi tal-kommunità nisranija u għalihom il-Knisja tista' tgħid kif qal l-Appostlu: "intom il-għożża u x-xewqa tiegħi, ferħ u kuruna tiegħi". (5)

Hemm ħaddiema oħra li r-rabtiet tagħhom mal-Knisja ma humiex hekk mill-qrib, u mhux dejjem jirnexxielhom jifhmu u jaċċettaw il-valuri li l-Knisja tgħix bihom u tgħallem lill-oħrajn. Iżda dawn in-nies, ifittxu li josservaw għall-inqas dawk li huma jħossu bħala dmirijiet ewlenin tan-nisrani, bħal ma huma l-preċett tal-Quddies fil-ħdud u t-tqarbina tal-Għid.

Ma humiex neqsin imbagħad, f'pajjiżna, xi wħud, u mhux ħaddiema biss, li huma iktar imbegħdin mill-Knisja għaliex indifferenti jew forsi wkoll opposti għaliha. Ma jaslux dejjem biex jiċħdu t-twemmin f'Alla, fi Kristu u f'ħajja oħra, iżda ħallew jew ittraskuraw il-prattika reliġjuża. Iżda anke dawn, kważi kollha jiżżewġu fil-Knisja, jitolbu l-aħħar sagramenti, ikunu jridu funeral reliġjuż, jieħdu ħsieb li wliedhom jirċievu l-Magħmudija, l-Ewwel Tqarbina u l-Griżma; għandhom stima lejn is-saċerdot li jiddedika ruħu serjament biex jeduka lil uliedhom u jinteressa ruħu mill-problemi tagħhom.

Djalogu bejn il-Knisja u l-ħaddiema

Minn dawn kollha li semmejna, ħadd ma hu maqtugħ għal kollox mill-Knisja; magħhom kollha għad hemm possibilità ta' djalo-

gu siewi u l-opportunitajiet għal dan id-djalogu ma humiex rari. Biex tibqa' fidila u lejali lejn Kristu li ċarċar demmu biex jifdi lil kull wieħed u lil kull waħda, il-Knisja, firrelazzjonijiet tagħha man-nies tax-xogħol, ma tistax u ma għandhiex teskludi l-ebda wieħed minnhom jew tiċħadlu l-għajnuna tagħha. Hija trid il-ġid u s-salvazzjoni ta' kulħadd; u minn dan l-aspett ma tagħmilx differenza għaliha jekk l-individwu jaħdimx għal rasu jew dipendenti minn ħaddieħor, hux ħaddiem tal-id jew tal-moħħ, fl-industrija jew fil-biedja, raġel jew mara, żagħżugħ jew anzjan, ta' kulur politiku jew ieħor. Ix-xewqa tagħha hija li tkun tista' tgħid bħal San Pawl: "Sirt kollox ma' kulħadd, biex insalva lil kulħadd. Nagħmel dan kollu minħabba l-Evanġelju." (6)

Il-ħaddiema, illum wisq iżjed mill-imgħoddi, ma humiex sodisfatti biss bil-kliem sabiħ iżda jridu jaraw fatti konkreti. Mhux biżżejjed għalhekk li l-Knisja tistqarr ir-rispett u l-imħabba tagħha lejhom; iżda bla dubju ta' xejn, huma japprezzaw ħafna l-fatt li hija kontinwament tinteressa ruħha minnhom, li fid-dokumenti ta' l-Ogħla Awtorità tagħha, bħal ma huma l-enċikliki tal-Papiet u d-digrieti tal-Konċilju, tiddefendi l-kawża tagħhom, u li tuża l-mezzi limitati li għandha f'idejha biex ittejjeb il-qagħda tagħhom.

, Xhieda ta' dan l-interess li l-Knisja tieħu fil-ħaddiema huma mhux biss it-tagħlim

tagħha, iżda wkoll il-ħidma soċjali li hija wettqet matul is-sekli. Kif igħidilna l-Papa Ġwanni XXIII: "Il-Knisja Kattolika, miexja wara Kristu u skond il-kmand Tiegħu għal elfejn sena sħaħ, jiġifieri mill-ħidma ta' l-ewwel djakni saż-żminijiet tagħna, żammet dejjem 'il fuq il-fjamma tal-karità, sewwa bil-preċetti tagħha kif ukoll bil-bosta eżempji li tat." (7)

Ġustizzja u Karità Soċjali

Iżda ħafna mill-ħaddiema ma jħossuhomx kuntenti, anzi joffendu ruħhom, meta xi ħadd jipprova jgħinhom b'mod paternalistiku, billi jqassmilhom xi ħaġa qisu qed jagħtihom il-karità u jagħmel magħhom xi att ta' ħniena; għax kif kien qal wisq tajjeb il-Papa Piju XI, "Il-ħaddiem ma għandux bżonn jirċievi bħala elemożina dak li jmiss lilu bħala dritt." (8) Illum il-Knisja tifhem tajjeb biżżejjed li l-ħaddiem mhux qed jittallab il-karità, iżda jrid il-ġustizzja soċjali, ekonomika u politika. Huwa jistenna mill-Knisja li hija tiddefendi lin-nies tax-xogħol mill-inġustizzji u mill-abbużi ta' min hu setgħan. Però, mhux ta' min jinsa li l-virtù talkarità li għallimna Kristu, meta hija msieħba mal-virtù tal-ġustizzja, tintebaħ iktar malajr bil-ħtiġijiet ta' min hu dgħajjef jew oppress u biex teħilsu minn din l-oppressjoni, tkun lesta li tagħmel iktar sagrifiċċji mingħajr kalkoli, milli tista' tagħmel il-ġustizzja weħidha. Il-karità ma tistax tieħu post il-

ġustizzja, iżda min jiddisprezza u jwarrab il-virtù tal-karità, ma jkun fehem xejn xi tfisser din il-virtù u x'qawwa għandha biex ittejjeb r-relazzjonijiet soċjali. Mingħajr dubju, is-soċjetà teħtieġ il-ġustizzja; imma teħtieġ ukoll il-karità biex, fil-ħajja tal-bnedmin, jidħol dak l-ispirtu ta' ħbiberija u fraternità li huwa skond il-pjan t'Alla.

Il-Knisja ma tistax toffri soluzzjonijiet tekniċi għall-problemi li jinqalgħulhom lill-ħaddiema; għaliex dan mhux kamp tal-Knisja, iżda kamp ta' l-esperti u ta' dawk li għażlu l-attività soċjali u politika bħala professjoni tagħhom. Iżda l-Knisja turi l-valuri morali li għandhom jiġu rispettati u mħarsa fil-ħajja ta' kull bniedem. Hija tgħallem il-prinċipji li l-insara wliedha għandhom iwettqu fil-prattika.

Dan ma jfissirx li l-Knisja tibqa' fl-astratt, titkellem biss b'mod ġeneriku u tagħlaq għajnejha biex la tara t-tajjeb u l-anqas il-ħażin li jeżistu fis-sitwazzjonijiet diversi tad-dinja tal-lum.

Il-ħelsien fi Kristu

Għall-kuntrarju, il-Knisja taf u temmen li l-bnedmin kollha huma milqutin mill-effetti tal-ħtija oriġinali. Hija tara b'mod ċar li s-soċjetà li ngħixu fiha hija marida u li xi drabi l-marda tal-egoiżmu individwali jew kollettiv tkun gravi ħafna. Għad li sar ħafna progress, il-Knisja thoss li l-attività tal-

bnedmin jeħtieġilha r-redenzjoni sabiex il-ħajja umana terġa' ssib it-tifsira vera tagħha skond il-pjan tal-Ħallieq. Id-dinja, marida kif inhi bl-egoiżmu, teħtieġ lil Kristu, Feddej biex inaddafha u jfejjaqha għaliex mhix iktar id-dinja kif ħalaqha u riedha Alla. Il-Knisja tippriedka lill-bnedmin li fi Kristu jsibu l-ħelsien u bil-qawwa Tiegħu jiksbu l-veru ġid tagħhom u jaslu għal veru progress, iżda jekk jitbegħdu minnU jkunu mexjin lejn il-qerda tagħhom. "Billi l-forzi kbar tat-teknika jistgħu jservu għall-qerda jew għall-ġid tal-umanità, il-bniedem għandu jifhem aktar l-importanza tal-valuri spiritwali u jiftakar li dak li għandu x'jaqsam mar-ruħ u mal-ħajja morali għandu jiġi qabel kollox biex il-progress tax-xjenzi u tat-teknika ma jservix għall-qerda, iżda għaċ-ċiviltà tal-bnedmin." (9)

Valuri pożittivi

Fl-istess ħin, il-Knisja tara u tapprezza dak kollu li hemm pożittiv u tajjeb fil-bniedem tal-lum. B'mod partikulari meta titfa' l-ħarsa tagħha lejn il-ħaddiema ma tistax ma tinnotax b'sodisfazzjon kbir tagħha l-valuri pożittivi li huma jgħożżu u jwettqu fil-ħajja tagħhom. Hija ntebħet li valuri bħal dawn huma hekk qawwija li kapaċi jbiddlu l-kors tal-istorja tal-umanità. Hija tirrikonoxxi wkoll li ħafna minn dawn il-valuri jew prinċipji morali, għandhom il-pedament tagħhom fil-Vanġelu u għalhekk ma tistax ma tagħtihomx l-approvazzjoni kollha tagħha.

Eżempju ta' dak li għidna biżżejjed insemmu t-twemmin tagħhom fid-dinjità talbniedem u fid-drittijiet fundamentali tiegħu; is-sens tal-ugwaljanza li għandu jkun hemm fost il-bnedmin; id-dispożizzjoni għas-solidarjetà, jiġifieri dik it-tendenza jew dmir li ta' spiss iħossu l-ħaddiema li jiddefendu lil xulxin u jgħinu wieħed lill-ieħor; l-impenn tagħhom biex jeħilsu l-bniedem mill-umiljazzjoni tal-faqar u mill-ħakma oppressiva tal-oħrajn; it-tħabrik tagħhom biex bil-għajnuna tat-teknika moderna jiddominaw ilqawwiet tan-natura u jużawhom għas-servizz tal-bniedem; iż-żelu tagħhom sabiex jinbena ordni soċjali ġdid imfassal fuq l-esiġenzi talġustizzja u tal-fraternità.

Il-Knisja tisma' u titkellem

Il-Knisja mhux biss tara u tqis dan kollu, iżda toqgħod attenta biex tisma' l-ilmenti talħaddiema u tifhem il-problemi li magħhom, minn jum għall-ieħor, iħabbtu wiċċhom. Tisma' dawn l-ilmenti mhux għall-kurżità iżda biex tkun tista' tgħid il-kelma tagħha, kelma għaqlija u f'waqtha li tiswa lill-bnedmin mhux biss biex jiksbu l-ġenna wara mewthom, iżda wkoll biex ħajjithom fuq l-art ikollha tifsira aktar għolja u ma tkunx nieqsa minn dik ilpaċi li kull qalb ta' bniedem tixtieq. Fil-Konċilju Vatikan II, il-Knisja għallmitna li: "Jiżbaljaw dawk li, għax jafu li hawn ma għandniex belt ta' dejjem imma qegħdin infittxu dik li għad trid tiġi, jaħsbu li b'hekk

jistgħu jħallu fil-ġenb id-dmirijiet tagħhom ta' l-art u ma jirriflettux li, għall-kuntrarju, hija sewwa sew il-fidi stess li tobbligahom li jħarsu iktar dawk id-dmirijiet, skond is-sejħa ta' kull wieħed." (10) Kienet tkun qegħda tonqos mir-responsabilità tagħha l-Knisja kieku kellha tipprova tfarrag il-bnedmin bilpremju tal-eternità jew tippriedkalhom issabar u fl-istess ħin tagħlaq għajnejha għallħażen li hemm fis-soċjetà, għall-inġustizzji soċjali u għat-tbatijiet ta' kull xorta li jġarrbu ħafna mill-ħaddiema, ulied tagħha.

Naħseb li ma jkunx barra minn loku li nsemmi xi ftit mill-problemi li għandhom innies tax-xogħol fid-dinja tal-lum, u x'dawl tagħtina dwarhom il-Knisja bit-tagħlim soċjali tagħha.

Xogħol għal kulħadd

Aktarx li l-inkwiet ewlieni li jħabbat moħħ il-ħaddiema u wliedhom huwa l-qagħad jew in-nuqqas ta' xogħol għal kulħadd. Huma milqutin b'din il-problema ż-żgħażagħ li jispiċċaw il-kors tal-iskola u jbatu biex isibu xogħol addattat u sodisfaċenti għalihom. Iżda dan l-inkwiet jolqot ukoll lil dawk il-ħaddiema li, wara li jkun ilhom żmien jaħdmu jew impjegati f'xi servizz, ħin bla waqt jiġu liċenzjati mill-fabbrika li tkun ser tnaqqas ilprogramm tal-produzzjoni tagħha, jew millpost tax-xogħol tagħhom għax ma jkunux meħtieġa iktar. Issa, wieħed mill-jeddijiet tal-ħaddiema ħuwa proprju dak li, mingħajr

diskriminazzjoni ngusta, isibu x-xogħol u jkollhom moħħhom mistrieħ minnu. Difatti, il-Konċilju jinsisti li "kulħadd għandu d-dmir li jaħdem bil-fedeltà, kif ukoll il-jedd għax-xogħol; huwa mbagħad dmir tas-soċjetà, skond iċ-ċirkustanzi tagħha li tgħin min-naħa tagħha ċ-ċittadini biex jistgħu jsibu okkażjoni tax-xogħol kemm jeħtieġ." (11) Hija eżatta wkoll l-osservazzjoni tal-Papa Piju XII, "Jidher li għandu jsir sforz sabiex jintlaħaq l-ogħla livell ta' okkupazzjoni possibbli; iżda fl-istess ħin wieħed għandu jfittex li tiġi mħarsa l-istabilità tax-xogħol." (12) Kemm l-għaqdiet tal-ħaddiema kif ukoll l-istat għandhom iżommu dejjem quddiem għajnejhom dan il-għan. Huwa dmirhom ukoll li jagħtu l-kollaborazzjoni tagħhom u jissorveljaw sabiex il-fabbrika ma tiġix f'qagħda li jkollha tibgħat il-barra l-ħaddiema tagħha jew xi wħud minnhom. Nixtieq intenni hawnhekk dak li għidt fil-pastorali ta' l-1968: "Meħtieġa għalhekk lotta kontra l-qagħad, lotta li fiha jieħdu sehem ftit jew wisq iċ-ċittadini kollha, sakemm jintlaħaq il-'full-employment', sabiex dawk kollha li jifilħu u jridu jaħdmu, isibu okkażjoni li jwettqu xogħol utli u li jħalli profitt." (13)

Emigrazzjoni interna

Problema ieħor marbut ma' dak tal-qagħad huwa l-problema ta' l-emigrazzjoni. Huma magħrufa biżżejjed it-tbatijiet ta' dawk in-nies li, għax ma jsibux impjieg, ikollhom kontra qalbhom, iħallu lil arthom

biex ifittxuh f'artijiet oħra. F'pajjiżna teżisti wkoll dik li nistgħu nsejħulha **"emigrazzjoni interna"**; jiġifieri hemm għadd ġmielu ta' Għawdxin, irġiel u nisa, li jeħtieġilhom ta' kull ġimgħa jew iktar ta' spiss jaqsmu minn gżira għall-oħra għax il-post tax-xogħol tagħhom huwa l-bogħod minn darhom. Il-kundizzjoni tal-Għawdxin li jaħdmu f'Malta, mhix mill-aħjar, kemm minħabba l-alloġġ tagħhom kif ukoll minħabba l-ispejjeż li jitgħabbew bihom. Anke għalihom igħoddu l-kelmiet tal-Papa Piju XII: "min irid li titfaċċa u tibqa' tidher il-kewkba tal-paċi...jieħu ħsieb li l-postijiet tax-xogħol u d-djar fejn joqogħdu l-ħaddiema ma jkunux hekk imbegħda minn xulxin li l-kap tal-familja jsir qisu barrani f'daru stess." (14)

Problemi tax-xjuħija

Nistgħu nsemmu hawnhekk ukoll il-problema ta' dawk li, minħabba l-età, ma jkunux jifilħu iktar għax-xogħol u jkollhom jirtiraw. Il-ġustizzja soċjali titlob li l-komunità tagħmel dak kollu li tista' sabiex il-**pensjonanti** jqattgħu l-aħħar perijodu ta' ħajjithom fil-paċi u mingħajr inkwiet bla bżonn. Illum f'ħafna pajjiżi ċivilizzati huwa aċċettat il-prinċipju tal-assigurazzjoni soċjali obbligatorja li l-fondi tagħha jiġu minn tliet għejjun, jiġifieri mill-kontribuzzjoni tal-ħaddiema, ta' dawk li jħaddmu u tal-istat. Tkun għalhekk tista' tingħata għajnuna lir-romol, lil dawk li jkorru fuq ix-xogħol, lill-ħaddiema morda jew diżokkupati u l-pensjo-

ni tax-xjuħija. Kif igħidilna l-Papa Pawlu VI: "Kull bniedem għandu d-dritt għall-assistenza f'każ ta' ħtieġa li tkun ġejja millmard jew mix-xjuħija." (15) Il-pensjoni jew xi għamla oħra ta' assistenza tista' għallinqas ittaffi l-problema finanzjarju ta' dawn in-nies. Iżda jibqa' dejjem problemi oħra umani u psikoloġiċi, bħal meta l-anzjan isib ruħu kważi abbandunat minn niesu, il-boghod minn ħbiebu u mill-ambjent li fih għadda l-biċċa l-kbira ta' ħajtu. Jeħtieġ li s-soċjetà, anke f'isem il-karità nisranija, tagħmel dak kollu li tista' biex l-anzjani ma jaqgħux fil-monotonija u fi-iżolament, iżda jkunu jistgħu jiltaqgħu flimkien u jwettqu xi attività li fiha jistgħu jehdew.

L-għoli tal-ħajja

Problema ieħor li jinħass mhux f'pajjiżna biss u li jolqot liċ-ċittadini kollha iżda b'mod partikulari lid-diżokkupati, lill-pensjonanti u lill-ħaddiema b'salarju baxx huwa l-**problema tal-għoli tal-ħajja.** Infatti l-prezzijiet li jogħlew m'humiex biss dawk ta' l-affarijiet ta' lussu iżda wkoll ta' ħwejjeġ meħtieġa għall-ħajja bħal ma huma lbies u oġġetti ta' l-ikel. Ma' dawn wieħed irid iżid ukoll il-kontijiet tal-kera tad-dar, tad-dawl, ilma u servizzi oħra, hekk li f'ċerti każijiet xi ħaddiema jonfqu fihom parti kbira mill-paga tagħhom. F'sitwazzjoni bħal din, il-ħaddiema jridu joqogħdu attenti li ma jkomplux iżidu t-tensjoni tagħhom billi jċedu għat-tentaz-

zjoni qawwija tal-konsumiżmu u jaħlu flushom f'affarijiet li jgħaddu mingħajrhom jew f'xalar u nfieq ta' flus ieħor li ma jifilħux għalih. L-anqas ma hija soluzzjoni tajba li, biex ilaħħaq ma' l-ispejjeż tal-ħajja, il-ħaddiem ikollu kontra qalbu jibgħat lil martu taħdem barra mid-dar jew li huwa, max-xogħol li jwettaq regolarment u b'salarju fiss, iżid ukoll 'job' ieħor u b'hekk inaqqas l-opportunità ta' xogħol għal ħaddieħor.

Għad li ħafna drabi l-għoli tal-ħajja jiddependi fuq kollox mis-sitwazzjoni ekonomika fuq livell internazzjonali, iżda jibqa' dejjem jedd u dmir tal-Awtorità pubblika tal-pajjiż li trażżan il-qliegħ esaġerat millbejgħ tal-oġġetti essenzjali għall-ħajja kif ukoll li tieħu ħsieb li t-taxxi jkunu mqassmin b'ċertu mod li ma joħolqux żieda fil-prezzijiet.

Paga ġusta

Biex in-nies tax-xogħol ikunu jistgħu jlaħħqu mal-esiġenzi tal-ħajja, huwa meħtieġ li jkollhom salarju xieraq li jikkorrispondi tabilħaqq ma' l-ispejjeż tagħhom u tal-familja. Għad li fit-teorija kulħadd jaqbel li l-ħaddiem għandu jedd għall-**paga ġusta,** iżda fil-prattika mhux il-ħaddiema kollha qed igawdu dan il-jedd. Mhux rari ssib qabża kbira fid-dħul mhux biss bejn kategorija u oħra taċ-ċittadini ta' l-istess pajjiż, iżda wkoll bejn ħaddiem u ieħor li jaħdmu f'postijiet differenti. "Mhux sewwa" —

igħidilna l-Papa Ġwanni XXIII — "li nħallu li l-paga tkun iffissata mill-kompetizzjoni ħielsa tas-suq, l-anqas ma hu sewwa li tkun fid-deċiżjoni kapriċċjuża tas-setgħana. F'din il-kwistjoni għandhom jitqiesu l-ħaqq u s-sewwa. Dan jitlob li l-paga tal-ħaddiem isservih għall-għajxien tiegħu ta' bniedem u biex iżomm il-familja kif jixraq. Meta wieħed jiġi biex jiffissa l-paga skond is-sewwa, iqis ukoll x'jiswa xogħol il-ħaddiem għall-produzzjoni u x'inhu l-istat finanzjarju ta' l-impriża li fiha qed jaħdem; l-interess talġid komuni tan-nazzjon, l-iktar f'dak li għandu x'jaqsam mat-tħaddim tan-nies filpajjiż kollu; u fl-aħħar imbagħad il-ġid komuni tal-ġnus meħuda fiimkien, ġnus diversi fin-natura u d-daqs tagħhom." (16)

Il-kuntratt tax-xogħol kollettiv

Huwa iktar faċli li l-ħaddiema jiksbu pagi tajba u kondizzjonijiet favorevoli għalihom, meta jaġixxu fiimkien milli meta kulħadd jimxi għal rasu. Għal din ir-raġuni illum sar iktar frekwenti l-**kuntratt tax-xogħol kollettiv** li bih grupp ta' ħaddiema jew ir-rappreżentanti tagħhom jaslu għal ftehim mas-sidien tal-fabbriki dwar ċerti prinċipji li għandhom jiġu osservati meta jiġu mqabbda l-ħaddiema jew ċerti kundizzjonijiet li għandhom jitwettqu fuq ix-xogħol bħal ma huma dawk li jirrigwardaw l-orarju, il-leave, is-salarju, iż-żieda u dettalji oħra. Dan il-kuntratt kollettiv huwa meħtieġ biex jeħles

lill-ħaddiem mill-pożizzjoni ta' iżolament u ta' inferjorità li jġarrab quddiem is-sid, meta jmur waħdu biex jittratta miegħu. Jiswa wkoll biex jelimina l-konkorrenza u n-nuqqas ta' qbil li jista' jkun hemm fost il-ħaddiema stess. Għalhekk il-kuntratt kollettiv tax-xogħol jista' jkun pass tajjeb lejn il-ġustizzja u l-paċi soċjali.

Ħidma tat-Trade Unions

Il-progress li sar fil-livell tal-ħajja tal-ħaddiema u t-titjib tal-kundizzjonijiet tax-xogħol li nkiseb matul is-seklu li għadda f' diversi pajjiżi kienu dovuti fil-parti kbira tagħhom, kemm għall-kuntratt kollettiv li semmejna kif ukoll għal ħidmiet oħra kuraġġużi u għaqlija tal-għaqdiet tal-ħaddiema jew Trade Unions. Permezz ta' dawn l-għaqdiet, il-ħaddiema jistgħu jiddefendu d-drittijiet tagħhom rigward is-salarju u kwistjonijiet ekonomiċi oħra. Ma kienitx ħaġa ġusta li dawk li jħaddmu l-kapitali, għax għandhom is-saħħa tal-flus, jieħdu weħidhom deċiżjonijiet li jolqtu hekk mill-qrib ilhena u l-ħajja ta' tant familji tal-ħaddiema. Fis-seklu li għadda, il-Papa Ljun XIII, waqt li rrikkmanda t-trade unions, ħalla miktub li: "l-għaqdiet tal-ħaddiema għandhom ikunu organizzati b'tali mod li jmexxu l-ħaddiema, hekk li jagħtuhom il-mezzi meħtieġa biex jilħqu l-fini tagħhom li jikkonsisti filli kull wieħed minnhom jikseb mill-iżjed li jista', ġid fiżiku, ekonomiku u morali." (17) Fi

żminijiet iktar qrib lejna, il-Konċilju Vatikan II jistqarr li: "Fost il-jeddijiet fundamentali tal-persuna umana hu ta' min igħodd id-dritt tal-ħaddiema li jwaqqfu liberament għaqdiet li jistgħu jirrappreżentawhom tassew u jieħdu sehem biex tiġi organizzata kif imiss il-ħajja ekonomika, kif ukoll id-dritt li jieħdu sehem bil-libertà fil-ħidma ta' dawk l-għaqdiet, mingħajr periklu ta' xi vendikazzjonijiet." (18) Skond dan it-tagħlim, il-ħaddiema għandhom id-dritt mhux biss li jwaqqfu dawn it-trade unions, u jinkitbu fihom, iżda wkoll li jieħdu sehem fl-attivitajiet leġittimi tagħhom. Għalhekk tkun ħaġa ngusta jekk xi ħaddiem jiġi penalizzat sempliċement għax jinkiteb fi trade union jew għax ikun obda direttiva tagħha. Min-naħa l-oħra, ebda ħaddiem ma għandu jiġi sfurzat li jidħol f'xi għaqda jew oħra kontra r-rieda ħielsa tiegħu. Il-ħaddiema nsara għandhom "iħabirku wkoll sabiex il-għaqda jkollha dejjem bħala ideal tagħha l-ħarsien tal-jeddijiet tal-ħaddiema, titmexxa bi spirtu demokratiku u twettaq funzjoni edukattiva fost il-membri tagħha." (19) Huma m'għandhom jippermettu lil ħadd jinqeda bihom biex jasal għal skopijiet li jmorru kontra l-ġustizzja soċjali u l-fidi nisranija tagħhom.

Kundizzjonijiet tax-Xogħol

Ilment ieħor li nisimgħu ta' spiss minn għand xi ħaddiema huwa dwar il-**kundizzjonijiet tax-xogħol** tagħhom. Għad li l-orarji tax-xogħol għal ħafna ħaddiema huma moderati skond kif titlob il-liġi, iżda mhux dejjem huma liberi jekk jagħmlux is-sahra jew le fil-waqt li x-xogħol tal-overtime, għad li jieħdu ħlasu, xi whud jagħmluh kontra qalbhom. Speċjalment fis-settur industrijali, jitwettaq xogħol ripetittiv u monotonu, b'ritmu mgħaġġel ħafna hekk li jgħajji lill-ħaddiem, jaljenah u ma jħallilux spazju għall-inizjattiva personali tiegħu. Dan ir-ritmu tax-xogħol, meta jibqa' sejjer għal żmien twil, jista' jkollu effett ħażin fuq is-saħħa fiżika u psikika tal-ħaddiema. Din it-theddida għas-saħħa tkompli tikber meta fil-postijiet tax-xogħol ma jkun hemm xejn li jħares lill-ħaddiema mill-ksieħ jew mis-sħana intensa, kif ukoll meta jkun hemm nuqqas ta' dawl suffiċjenti jew fejn tiġi manipolata xi kimika perikoluża. Huwa meħtieġ li jkun hemm azzjoni preventiva u jittieħdu passi biex tiġi mħarsa s-saħħa tal-ħaddiema fuq il-postijiet tax-xogħol. Hemm bżonn li dawn il-kundizzjonijiet li minnhom jilmentaw il-ħaddiema jiġu rranġati. Kif josserva l-Papa Ljun XIII, "Mhix ħaġa ġusta u l-anqas umana li tesiġi mill-bniedem tant xogħol li, minħabba l-għajja, idallamlu moħħu u jmarradlu ġismu." (20) U l-Papa Ġwanni XXIII wara li jsemmi d-dritt għall-inizjattiva libera fil-kamp ekonomiku u d-dritt għax-xogħol, ikompli jgħid: "Ma' dawn id-drittijiet huwa marbut il-jedd għall-kundizzjonijiet tax-xogħol li ma jagħmlux ħsara lis-saħħa fiżika u lill-kostumi tajba." (21)

Huwa fl-interess ta' kulħadd li tikber il-produzzjoni fil-pajjiż, għaliex mingħajrha ma jistax ikun hemm progress ekonomiku u ma jkunx jista' jsir titjib fil-livell tal-ħajja. Iżda jkun prezz għoli wisq jekk biex tikber din il-produzzjoni, ikollu jsofri l-ħaddiem. Wieħed għalhekk irid joqgħod attent biex fl-istess waqt jiġu evitati ż-żewġ żbalji, sewwa dak li jitbaxxa l-livell tal-produzzjoni, kif ukoll li ssir ħsara lis-saħħa tal-ħaddiema.

Il-Kunsill tal-fabbrika

B'mod partikolari dwar il-produzzjoni u l-mod kif jiġi organizzat ix-xogħol biex ma jitlifx il-wiċċ uman tiegħu, għandhom ħafna xi jgħidu l-ħaddiema stess u jixtiequ jsemmiħu l-vuċi tagħhom. Għal dan il-għan daħlu f'ħafna pajjiżi dawk li jsejħulhom **"kunsilli tal-fabbrika"** jew **"kumitati tax-xogħol"**. Dawn jistgħu jagħtu kontribut siewi sabiex tikber l-effiċjenza u x-xogħol jitqassam sewwa mingħajr tbatija żejda għal ħadd, u biex titjieb il-qagħda ekonomika tal-fabbrika jew post fejn jaħdmu. Meta lill-ħaddiema tingħatalhom l-opportunità li jservu f'dawn il-kumitati, jiżviluppaw il-personalità tagħhom u jikber fihom is-sens ta' responsabilità u ta' kollaborazzjoni. Kif kien qal il-Papa Piju XII: "Il-Knisja tħares b'simpatija, anzi tiffavurixxi dak kollu li, skond kif jippermettu ċ-ċirkustanzi, iwassal biex fil-kuntratt tax-xogħol, jidħlu elementi ta' sħubija u biex jitjieb l-istat ġenerali tal-ħaddiem." (22) Il-

Konċilju Vatikan iżid igħid: "Fl-impriżi ekonomiċi jingħaqdu persuni, jiġifieri bnedmin liberi, indipendenti, maħluqin fuq ix-xbieha t'Alla. Għalhekk, fil-waqt li jitħarsu x-xogħlijiet ta' kull wieħed, sew proprjetarji, sew imprendituri, sew diriġenti, sew ħaddiema, u fil-waqt li titħares l-unità meħtieġa tad-direzzjoni tal-impriża, għandha tiġi nkoraġġita b'manjiera stabilita u addattata, il-parteċipazzjoni attiva ta' kulħadd fit-tmexxija ta' l-impriża." (23)

Konċiljazzjoni u Arbitraġġ

Għad li huwa xieraq u ħaġa mixtieqa li bejn il-ħaddiema u min jimpjegahom ikun hemm ftehim u relazzjonijiet tajba, iżda mhux rari li meta xi waħda miż-żewġ naħiet iżżomm iebes fuq it-talbiet jew l-ordnijiet tagħha, jinqalgħu l-konflitti bejniethom. Biex kemm jista' jkun jiġu evitati dawn il-konflitti bil-konsegwenzi negativi li jġibu magħhom, jista' jkun ta' għajnuna siewja l-**board ta' konċiljazzjoni jew arbitraġġ** li quddiemu jitressaq it-tilwim li jinħoloq bejn il-ħaddiema u s-sidien li jħaddmuhom.

Moralità ta' li strike

Meta t-trattativi bejn il- ħaddiema u l-employer tagħhom ifallu, l-unika arma li jifdal biex il-ħaddiema jieħdu d-drittijiet tagħhom huwa li **strike**. Dan jista' jkun moral-

ment leċitu bħala mezz ta' lotta biex jinkisbu salarju xieraq u kundizzjonijiet tax-xogħol ġusti, jekk bir-rieda tajba tagħhom kollha l-ħaddiema ma jkunx irnexxielhom jaslu għal ftehim ma' min iħaddimhom u jekk ma jkunx hemm riskju serju li mill-istrike jirriżulta dannu ikbar minn dak li kienu qed isofru qabel il-ħaddiema. Mhux ta' min jinsa li l-paċi industrijali hija valur importanti fis-soċjetà u fl-istrike, bħal f'kull għemil ieħor tal-bniedem jeħtieġ li mhux biss il-finijiet iżda wkoll il-mezzi wżati jkunu ġusti. Fil-kostituzzjoni "Gaudium et Spes", insibu: "Għad li dejjem jeħtieġ li l-ewwelnett wieħed ifittex id-diskussjoni sinċiera bejn il-partijiet, b'danakollu li strike, anki fiċ-ċirkostanzi tal-lum, jista' jibqa' rimedju meħtieġ, għad li l-aħħar wieħed, biex wieħed jiddefendi l-jeddijiet tiegħu u jiġu milqugħin it-talbiet ġusti tal-ħaddiema. Imma jeħtieġ li mill-iktar fis jiġu mfittxija mezzi ta' trattativi u ta' diskussjoni għall-paċi." (24)

Dar deċenti għall-ħaddiema

Barra mill-problemi li jiltaqa' magħhom il-ħaddiem fuq ix-xogħol tiegħu, hemm ukoll problemi oħra li huwa jsib ma' wiċċu barra mill-post tax-xogħol speċjalment f'dak li jirrigwarda l-ħajja tal-familja tiegħu. Waħda minn dawn il-problemi essenzjali hija bla dubju dik li jsib dar deċenti fejn joqgħod hu, martu u wliedu. Igħidilna l-Papa Pawlu VI.

"Il-koppji żgħażagħ li jistennew għal xejn li jkollhom dar xierqa bi prezz li jifilħu għalih, jiddejqu u l-għaqda ta' bejniethom tista' b'hekk tiġi mhedda; iż-żgħażagħ jaħarbu mid-dar li tkun żgħira ħafna u jfittxu fittoroq is-sodisfazzjon u l-kumpanija, mingħajr kontroll ta' ħadd. Huwa mela dmir gravi ta' dawk li huma responsabbli, li jagħmlu ħilithom biex dan il-proċess jiġi kontrollat u mmexxi f'direzzjoni tajba." (25) Ħafna ħaddiema f'pajjiżna rnexxielhom għall-inqas isibu jikru dar addattata għalihom, iżda għad fadal djar li huma neqsin mill-esiġenzi sanitarji u li ftit joffru kumdità għal dawk li jgħixu fihom. Għad fadal ukoll miżżewġin żgħażagħ li proviżorjament igħixu ma' xi ħadd minn qrabathom li jżommhom miegħu biex jagħmlilhom pjaċir. Anke dawn għadhom ifittxu dar fejn joqogħdu għalihom. Hemm ħaddiema oħra li bir-raġun kollu jixtiequ li għall-inqas wara ċertu perijodu ta' żmien jixtru d-dar fejn joqogħdu biex din tkun proprjetà tagħhom u ta' wliedhom. Jistgħu jkunu ta' għajnuna f'dan ir-rigward dawk is-sistemi ta' self, li jikkonċedu lil min jixtri l-art fejn jibni jew id-dar lesta, li jkun jista' jħallas bin-nifs, skond kif tippermettilu l-paga tiegħu.

Emarġinazzjoni kulturali

Xi whud mill-ħaddiema jiddispjaċihom li fi tfulithom ftit kellhom għajnuna u nkuraġġiment biex jagħmlu progress fl-iskola u

għalhekk baqgħu neqsin mit-tagħlim. Dan il-fatt huwa ta' tfixkil għalihom fil-ħajja tagħhom, mhux biss għaliex ċerti mpjiegi li jirrikjiedu livell aktar għoli ta' tagħlim huma magħluqa għalihom, iżda wkoll għax iħossuhom qishom maqtugħin mill-kurrenti ta' kultura li huma miftuħin għaċ-ċittadini l-oħra. Din l-**emarġinazzjoni kulturali** ġġib magħha ħafna drabi umiljazzonijiet u diffikultajiet fil-ħajja. Dawn il-ħaddiema jixtiequ li jkollhom iktar opportunitajiet ta' tagħlim. Iridu wkoll jevitaw lill-uliedhom, dik l-esperjenza morra li ġarrbu huma f'ħajjithom u għalhekk lesti jagħmlu kull sagrifiċċju biex it-tfal tagħhom ikollhom it-tagħlim meħtieġ u jiġu edukati bħall-ulied tal-familji l-oħra. Fl-aħħar mill-aħħar, il-progress fit-tagħlim ma huwa monopolju ta' ħadd, iżda kull min għandu kapaċità intellettwali, fqir jew sinjur, jeħtieġ li jsib ukoll l-opportunità u l-għajnuna biex jiżviluppa l-intelliġenza tiegħu. Il-Papa Piju XII kien għamilha ċara li biex ikun hemm ordni soċjali ġust jeħtieġ li dan "jiffavurixxi t-tagħlim iktar għoli għat-tfal tal-klassi tal-ħaddiema, speċjalment dawk li għandhom intelliġenza u rieda tajba." (26) Il-Papa Pawlu VI, imbagħad jirrikmanda li "ċentri ta' interess speċjali u ta' kultura għandhom jitwaqqfu u jikbru fuq livell ta' komunità jew tal-parroċċa, b'għamliet differenti ta' assoċjazzjonijiet, ċentri ta' rikrejazzjoni, bil-laqgħat spiritwali u kommunitarji fejn l-individwu jista' jirbaħ l-iżolament u jifforma relazzjonijiet fraterni ġodda." (27)

Leġislazzjoni Soċjali

Huwa fatt magħruf però, li f'ebda pajjiż ma sar titjib konsiderevoli fil-qagħda talħaddiema, jekk qabel ma kienx hemm **leġislazzjoni soċjali** adegwata u insistenza biex dawn il-liġijiet jiġu rispettati fil-prattika minn kulħadd. Għalhekk hija fiokha t-twissija tal-Konċilju li: "Billi ħafna drabi d-deċiżjonijiet dwar il-kundizzjonijiet ekonomiċi u soċjali ma jiġux stabiliti ġo l-impriża stess, imma aktar fil-għoli, minn istituzzjonijiet superjuri, u minnhom jiddependi l-qagħda futura tal-ħaddiema u ta' wliedhom, jeħtieġ li huma jkollhom sehem ukoll f'dawk l-istituzzjonijiet jew direttament jew permezz ta' delegati magħżulin fil-libertà." (28) Anke hawn jidher is-sens ta' responsabilità tannies tax-xogħol, meta huma jkomplu d-dmir tagħhom bħala ċittadini u jivvotaw f'elezzjonijiet ħielsa, fl-aħjar interessi ta' art twelidhom, għaliex kif ikompli jgħidilna l-Konċilju: "Iċ-ċittadini kollha għandhom jiftakru fil-jedd, li hu wkoll dmir, li jużaw il-vot liberu tagħhom biex iġibu 'l quddiem il-ġid komuni." (29)

Iktar responsabilità Soċjali

Fis-seklu tagħna, saru passi kbar biex titwettaq il-ġustizzja soċjali, iżda jeħtieġ li kemm il-ħaddiema kif ukoll dawk li jħaddmuhom, jiksbu sens iktar għoli ta' **responsabilità soċjali.** Importanti wkoll li kulħadd

jipperswadi ruħu li ma għandux ikun hemm konflitt bejn il-liġijiet ekonomiċi u l-liġi morali, iżda armonija; dan ifisser li meta u jekk jiġu mħarsin id-dmirijiet li tgħallimna l-morali nisranija, il-veru progress ekonomiku mhux ser jiġi mfixkel anzi jitħaffef u jsir aktar uman. Ta' min jiftakar ukoll li meta sezzjoni tas-soċjetà tal-bnedmin tkun maħqura u oppressa, is-sezzjonijiet l-oħra tas-soċjetà ftit jew wisq tiġrilhom ħsara wkoll.

Ma inhiex nippretendi li semmejt il-problemi kollha li jiltaqgħu magħhom il-ħaddiema u l-anqas li rnexxieli nagħmel analiżi profonda tagħhom, iżda biss li f'isem il-Knisja, ipprovajt nagħti xi orjentamenti u nieħu gost jekk ħaddieħor, b'esperjenza u b'kompetenza akbar minn tiegħi, ikompli jiżviluppa u japprofondixxi l-punti mqanqla minni.

Il-Knisja tixtieq tressaq il-bnedmin lejn Kristu

Wara kollox, il-Knisja, waqt li tinteressa ruħha bl-akbar serjetà mill-ħajja, mill-problemi u mill-aspirazzjonijiet tal-ħaddiema wliedha, għandha quddiem għajnejha fini ieħor ulterjuri: dak ċioè li tressaq in-nies tax-xogħol lejn Kristu, il-Feddej tagħhom u tal-bnedmin kollha. Kif jispjegalna l-Papa Ġwanni Pawlu II: "Il-Knisja tixtieq twassal għal dan il-għan: li kull bniedem ikun jista' jsib lil Kristu, biex Kristu jkun jista' jimxi ma' kull bniedem fit-triq ta' ħajtu, bil-qawwa

tal-verità dwar il-bniedem u dwar id-dinja, verità li tinsab fil-misteru tal-Inkarnazzjoni u tal-Fidwa, u bil-qawwa ta' l-imħabba li tiġi minn din il-verità." (30)

J'Alla din il-verità u l-imħabba ta' Kristu sseħibkom tul ħajjitkom kollha.

17 ta' Frar, 1980.

RIFERENZI:

(1) Ktieb tas-Salmi: 103. 23.
(2) I Korint. 3. 8.
(3) Mark 16. 15.
(4) Lhud 4. 15.
(5) Filip. 4. 1.
(6) I Korint. 9. 19-23.
(7) Enċik. "Mater et Magistra" n. 6.
(8) Enċik. "Divini Redemptoris".
(9) Enċik. "Mater et Magistra" n. 211.
(10) Kostituzzjoni "Gaudium et Spes" n. 43.
(11) Kost. "Gaudium et Spes" n. 67.
(12) Messaġġ tal-Milied 1952.
(13) Pastorali tar-Randan 1968.
(14) Messaġġ tal-Milied 1942.
(15) Ittra Apost. "Octagesima Adveniens" n. 14.
(16) Enċik. "Mater et Magistra" n. 72.
(17) Enċik. "Rerum Novarum".
(18) Kost. "Gaudium et Spes" n. 68.
(19) Pastorali tar-Randan 1968.
(20) Enċik. "Rerum Novarum".
(21) Enċik. Pacem in Terris", n. 18.
(22) Radjumessaġġ lill-ħaddiema spanjoli 11.3.51.
(23) Kost. "Gaudium et Spes" n. 68a.
(24) Kost. "Gaudium et Spes" n. 68c.
(25) Ittra Apost. "Octagesima Adveniens" n. 11.
(26) Messaġġ tal-Milied 1942.
(27) Ittra Apost. "Octagesima Adveniens" n. 11.
(28) Kost. "Gaudium et Spes" n. 68a.
(29) Kost. "Gaudium et Spes" n. 75.
(30) Enċik. "Redemptor Hominis" n. 13.

IL-ĦAJJA KKONSAGRATA LIL ALLA

Fost il-kariżmi li l-Ispirtu s-Santu jqassam fil-Knisja, hemm dik li biha xi nsara jikkonsagraw ħajjithom totalment lil Alla. Din il-konsagrazzjoni tista' tkun ta' diversi għamliet li kollha huma siewa biex is-salvazzjoni li kisbilna Kristu tiġi mwassla lil għadd dejjem ikbar ta' bnedmin. Huma erwieħ ikkonsagrati lil Alla s-saċerdoti, ir-reliġjużi rġiel u nisa, il-membri tal-Istituti Sekulari u l-missjunarji li jippriedkaw l-messaġġ tal-Vanġelu lil dawk li għadhom ma semgħux bih.

Pero' Alla li jirrispetta l-liberta tal-bniedem, ma jagħtix din il-kariżma ħlief lil dawk li jagħtu widen għas-sejħa Tiegħu u jkunu

lesti li jikkoperaw mal-vokazzjoni tagħhom għal dan l-istat ta' ħajja.

Min-naħa l-oħra, mhux l-insara kollha jifhmu s-sbuħija ta' dan l-idejal ta' ħajja ddedikata għal Alla u jgħożżu l-valur ta' din il-kariżma. Ftit huma mbagħad dawk li għandhom ġenerosita biż-żejjed biex jindaħlu għas-sagrifiċċji li titlob minnhom il-ħajja kkonsagrata u bħala konsegwenza huma ftit wisq dawk li jwieġbu bis-serjeta għall-vokazzjoni saċerdotali, reliġjuża jew missjunarja, u sa l-aħħar nifs ta' ħajjithom jibqgħu jħabirku sabiex din il-vokazzjoni tagħti l-frott tagħha kif jixtieq Alla.

Huwa meħtieġ li l-insara jitolbu kontinwament sabiex dawk kollha li huma msejħin jkollhom il-kuraġġ u l-qdusija biex isegwu l-vokazzjoni tagħhom u jibqgħu fidili lejha tul ħajjithom kollha.

(Miċ-Ċirkulari tal-4 ta' April,1977).

IL-MADONNA U T-TAMA TAL-UMANITA'

Fit-tħassib tagħna dwar il-perikli għall-moralità nisranija u l-ġejjieni tat-twemmin nisrani f'pajjiżna, il-Madonna hija għalina sinjal ta' tama żgura.

"Il-Verġni Marija" — kif igħidilna l-Papa — "fid-dawl tal-ġrajjiet tal-Vanġelu u minħabba l-fatt li ġà qegħda fil-belt t'Alla, toffri dehra ċara u kelma ta' kuraġġ għall-

bnedmin ta' żmienna, li ħafna drabi jkunu magħfusin bejn in-niket u t-tama, megħlubin mid-debolizza tagħhom, u mifnija minn xewqat bla għadd, konfużi f'ruħhom u b'qalbhom maqsuma, fid-dubji minħabba l-ħsieb tal-mewt, imdejqin għax iħossuhom weħidhom waqt li jixtiequ jiltaqgħu ma' ħaddieħor, vittmi tal-monotonija u ta' l-għali. Hija turi r-rebħa tat-tama fuq il-qtugħ il-qalb, ta' sħubija fuq is-solitudni, tal-paċi fuq l-inkwiet, tal-ferħ u l-entużjażmu fuq iddwejjaq u t-telqa tal-aspirazzjonijiet eterni fuq ix-xewqat ta' din l-art, tal-ħajja fuq il-mewt". (Marialis Cultus n. 57).

Jekk irridu ngħixu ta' nsara hemm bżonn li ma ninsew qatt li hemm ħajja oħra wara l-mewt u għalhekk ma nistgħux nippermettu li l-ħtiġijiet u l-vantaġġi li toffrilna l-ħajja tad-dinja jaljenawna mill-impenn tagħna li nħabirku għall-ħajja ta' dejjem. Huwa mportanti wkoll li fit-taqlib tal-ħajja u filmixja tal-ġrajjiet nilmħu r-Rieda tal-Missier tagħna tas-Sema, li titwettaq bil-mod il-mod u minkejja kull tfixkil li jista' jinħoloq, għax Alla "ma' dawk li jħobbuh, ma' dawk li huma msejħin skond il-providenza tiegħu, f'kollox jaħdem id f'id għall-ġid tagħhom". (Rum. 8:28). Ma nistgħux għalhekk nieqfu biss biex nilmentaw minn dak li jdejjaqna iżda jeħtieġ li ninnotaw ukoll dak kollu li hemm tajjeb u sabiħ fina u madwarna, u b'sens ta' rikonoxxenza nroddu ħajr lil Alla u nikbru fi-imħabba tiegħu.

Jekk inħobbu tabilħaqq lil Alla, ma nistgħux inkunu spettaturi passivi tal-kriżi li minnha għaddejja l-umanità, iżda meħtieġ li nagħtu s-sehem tagħna biex jiġi megħlub it-tfixkil u jitwettaq malajr kemm jista' jkun il-pjan t'Alla li jrid jiġbor il-bnedmin kollha f'familja waħda. Minn dan jiġi wkoll id-dmir tagħna li nwarrbu kull xorta ta' preġudizzju u naħdmu għall-paċi dejjiema, anke jekk dan ikun jiswielna xi sagrifiċċju tal-idejat u tal-kumditá personali tagħna. Hekk titwaqqaf fostna l-karità nisranija, li hija sinjal ċar ta' dawk li huma dixxipli ta' Kristu (Ġw. 13:35) u garanzija ewlenija ta' żminijiet isbaħ u aħjar għall-Knisja Tiegħu.

(Miċ-Ċirkulari tat-18 t'April, 1977).

BIR-RUŻARJU NAGĦRFU AĦJAR LIL KRISTU

F'pajjiżna, ir-Rużarju għadu jingħad mhux biss fil-knejjes iżda wkoll f'ħafna djar bħala talba tal-familja. Aħna nixtiequ li l-familji kollha li jridu jagħtu xhieda tat-twemmin nisrani u tal-qima tagħhom lejn l-Imqaddsa Verġni Marija, iħarsu b'għożża din id-drawwa fejn diġà teżiżti u li jintroduċuha fejn sal-lum kien għadha ma daħlitx. B'mod partikulari, din is-sejħa tagħna nagħmluha lill-familji l-ġodda li fuqhom il-Knisja f'pajjiżna tqiegħed it-tama tagħna għall-ġejjieni.

Tajjeb li nfakkru wkoll li fir-Rużarju barra milli nirreċitaw is-Sliema u l-Qaddisa,

huwa meħtieġ li naħsbu għal ftit tal-ħin fuq il-misteri tal-ħajja ta' Kristu u tal-Maddonna. Hekk mhux biss ix-xuftejn,iżda l-moħħ u l-qalb ukoll ikunu mħedija fit-tifħir lil Alla u lill-Omm għażiża Tiegħu. Din ir-riflessjoni tgħinna sabiex nagħrfu aħjar lil Kristu u nikbru fi-imħabba Lejh.

(Miċ-Cirkulari tal-24 ta' Settembru, 1977).

IL-MILIED, FESTA NISRANIJA

Qed jiġri li f'ċerti pajjiżi bi tradizzjoni nisranija, il-Milied, bil-mod il-mod qed jitlef it-tifsira reliġjuża tiegħu. Għal xi whud, il-Milied sar jum ta' xalar bla rażan. It-tberbiq ta' flus, fi ħwienet tax-xorb, f'night clubs u fis-swali tad-divertiment, qed itellfu ħafna mill-karattru sagru tal-Milied u jagħmluh qisu festa pagana. Dawn id-drawwiet li daħlu diġà f'pajjiżi oħra, inħossuhom wisq iżjed jistonaw fil-ġranet tal-Milied, jekk inġibu quddiem għajnejna l-fatt skandaluż li, fil-waqt li dawn in-nies mogħmija mill-egoiżmu tagħhom iberbqu u jaħlu, iktar minn żewġ terzi tal-bnedmin tad-dinja qed iġarrbu l-ġuħ jew igħixu f'kundizzjonijiet ta' miżerja li ma jixirqu xejn lid-dinjità umana.

Biex l-ulied spiritwali tagħna ma jaqgħux f'dan il-għajb, inħossuh dmir tagħna li ninsistu sabiex il-Milied jibqa' tabilħaqq festa nisranija, li għandha lil Kristu bħala ċentru tagħha. Jeħtieġ li l-Milied ikun il-

jum li jerġa' jfakkarna fi Kristu u jqarribna lejh.

Qabel xejn, aħna nirrikmandaw lil uliedna sabiex jieħdu sehem sħiħ fil-Liturġija tal-Milied li tiġi ċċelebrata b'solennità kbira filknejjes tagħna. Barra mill-kant liturġiku, aħna nissuġġerixxu wkoll dawk l-għanjiet popolari tal-Milied li huma ispirati millġrajja tat-twelid ta' Kristu, u jesprimu wisq tajjeb il-ferħ ta' dawn il-ġranet.

B'mod partikulari, ħadd minn uliedna ma għandu jonqos li jieħu sehem sħiħ filquddiesa permezz ta' tqarbina aktar devota mis-soltu.

Bħala thejjija għal dan kollu, aħna nistiednu lil uliedna kollha, sewwa dawk li għandhom id-drawwa qaddisa li jersqu ta' spiss għas-sagramenti, kif ukoll dawk li, għal xi raġuni jew oħra, tbegħdu xi ftit minnhom, sabiex fil-ġranet ta' qabel il-Milied, jersqu jqerru dnubiethom bi ndiema sinċiera u hekk iġarrbu l-ferħ ta' min għandu f'qalbu l-paċi ta' Alla. Għal dan il-għan, aħna nfakkru lill-Wisq Rev.di Kappillani sabiex jieħdu ħsieb li, fil-parroċċi kollha, fil-ħinijiet adattati għan-nies, ikun hemm għadd ta' konfessuri biżżejjed sabiex kulħadd ikun jista' jersaq iqerr bil-kumditá.

Imbagħad, sabiex anke min hu marid, u ma jistax imur il-knisja, jieħu sehem huwa wkoll fis-sagrifiċċju tal-Quddiesa, għall-an-

qas fil-ġranet ta' qrib il-Milied, aħna nagħtu l-permessi meħtieġa lis-saċerdoti ħalli jkunu jistgħu jqaddsu fid-djar tal-Morda fil-ġranet mill-Milied sa l-Ewwel tas-Sena.

Aħna nixtiequ li dan l-ispirtu nisrani tal-Milied jidħol ukoll fil-familji kollha taddjoċesi tagħna. Hija ħaġa ta' min ifaħħarha li fid-djar tal-insara, speċjalment fejn hemm it-tfal, jithejja presepju, anke jekk ikun żgħir, sabiex din id-drawwa sabiħa terġa' tikseb il-post ta' ġieħ li kellha fi-imgħoddi. Il-presepju, mibdi minn San Franġisk ta' Assisi, xtered fil-pajjiżi nsara kollha u sar wieħed mis-sinjali tal-Milied li jesprimi ssentimenti reliġjużi tagħna, wisq aħjar minn kull tiżjin ieħor, ftit jew wisq profan.

Il-festa tal-Milied u l-presepju fil-familja jistgħu jkunu okkażjoni tajba sabiex ilġenituri jitkellmu ma' wliedhom ċkejkna dwar Kristu, l-imħabba Tiegħu għalina, u l-ħajja ta' sagrifiċċju minn Betlem sal-Kalvarju li huwa aċċetta biex isalva lilna l-bnedmin. Hekk huma jwettqu l-missjoni tagħhom li jkunu l-ewwel katekisti ta' wliedhom u jnisslu fihom minn kmieni, l-imħabba lejn il-ħwejjeġ għeżież tar-Reliġjon tagħna.

Fil-jiem tal-Milied, l-ispirtu ta' rieda tajba, għandu jinħass mhux biss fil-qlub ta' l-individwi u fiċ-ċirku żgħir tal-familja, iżda wkoll fir-relazzjonijiet li l-bnedmin għandhom bejniethom.

Ma nkunux nagħtu xhieda ta' karità nisranija, jekk l-imħabba tagħna tkun limitata biss għal uliedna jew għall-membri tal-familja tagħna u mbagħad nagħlqu għajnejna quddiem il-ħtiġijiet ta' l-oħrajn u ninsew lil dawk li huma foqra iżjed minna. Jixraq għalhekk li kull familja, f'dawn il-ġranet, tfittex li twettaq xi opra ta' beneficenza ma' min huwa fil-bżonn. Ta' min ifakkar hawnhekk fit-tfal ta' l-Istituti għax huma wkoll għandhom id-dritt li jkollhom sehem millferħ tal-Milied.

Iktar minn żminijiet oħra tas-sena, jeħtieġ li fi żmien il-Milied jidwu fil-kuxjenza tagħna l-kelmiet tal-Appostlu Missierna: "Jekk jista' jkun, sakemm ikun ġej minnkom, għixu tabilħaqq fil-paċi ma' kulħadd." (Rum. 12, 18) Jekk nemmnu tabilħaqq fi Kristu Sultan tal-Paċi u naċċettaw il-messaġġ Tiegħu, nagħmlu ħilitna sabiex insiru għodda f'idejh ħalli nwasslu l-paċi Tiegħu fis-soċjetà.

(Miċ-Ċirkulari tal-11 ta' Diċembru, 1977)

IL-PJAGA TAD-DAGĦA

Il-pjaga tad-dagħa, bħal marda li tittieħed, xtered fost ħafna kategoriji ta' nies. Mhux biss fost l-irġiel, iżda wkoll fost in-nisa, hemm min għandu dan il-vizzju. Saħansitra t-tfal, minn xi daqqiet, ilissnu d-dagħa li jkunu semgħu minn għand ħaddieħor ikbar

minnhom. Anke dawk li jidħrilhom li huma nies ta' skola xi drabi ma jsibuhiex bi kbira li jidgħu u joffendu 'l Alla. B'għajb kbir għalina, id-dagħa f'pajjiżna jinstemà fil-ħwienet, fil-każini, fil-karozzi, fil-postijiet tax-xogħol u tad-divertiment, fl-uffiċċju u f'ħafna djar.

Dan id-diżunur li qed isir lil pajjiżna, ħtija tad-dagħa, saru jafu biħ ukoll il-barranin, għaliex mhux l-ewwel darba li, xi emigranti tagħna, meta jmorru f'artijiet oħra, iġorru magħhom il-vizzju li jkollhom u bilkliem ħażin li jgħidu iġegħlu li ħaddieħor jitkaża bihom.

Minn dan li għidna, jidher biċ-ċar kemm huwa mportanti li nwissu lill-ulied spiritwali tagħna sabiex jagħrfu l-kruha tad-dagħa u jagħmlu ħilithom biex itaffu din il-pjaga morali u soċjali.

Is-sebħ ta' Alla huwa mxerred ma' l-univers kollu, "Is-smewwiet ixandru l-glorja t'Alla, għemil idejh tħabbar il-firxa tassema" (Salm 18). Ismu huwa magħruf kullimkien u jistħoqqlu l-qima u t-tifħir tal-bnedmin kollha. Fil-qofol tagħha, id-dagħwa hija l-isforz li jagħmel il-bniedem biex inaqqas jew itellef din il-glorja t'Alla. Id-dagħa, allura, jikkonsisti fi kliem jew għemil ta' disprezz lil Alla, kemm jekk isir direttament, billi wieħed imaqdar lil Alla, kif ukoll indirettament, billi jżeblaħ il-qaddisin u il-ħwejjeġ imqaddsa.

Meta wieħed jidgħi u jkun jaf x'inhu jagħmel, iwettaq dnub l-iktar gravi kontra

l-virtù tar-Reliġjon, li tobbligana nqimu 'l Alla u l-qaddisin Tiegħu. L-Iskrittura Mqaddsa tgħidilna: "Min jidgħi b'Isem il-Mulej, jieħu l-mewt". (Levitiku 24:16).

Min jidneb, ikun joffendi lil Alla għaliex jikser il-liġi Tiegħu, ifixkel l-ordni jew il-pjan tal-Ħallieq u jimmerita l-kastigi Tiegħu. Kull dnub, għalekk, huwa ta' min jistmerru u jibża' minnu. Iżda d-dagħa għandu kruha partikolari; faċilment tidher id-differenza bejn id-dnub tad-dagħa u d-dnubiet l-oħra. Id-dagħaj, mhux biss jikser il-liġi, iżda jinsulta ukoll lil Alla li għamel din il-liġi: mhux biss jipprova ifixkel l-ordni tal-ħolqien, iżda jżeblaħ lill Ħallieq innifsu.

Min jidgħi, jew ikun jemmen fil-veritajiet tar-reliġjon Imqaddsa jew ma jemminx.

Issa jekk għandu l-fidi, wieħed irid ikun tabilħaqq sfaċċat u arroganti biex jasal li jinsolenta lil Alla, Missierna tas-smewwiet li minnHu ġiena kull ġid, lil Kristu, Iben t'Alla magħmul bniedem, li bata u miet għall-fidwa tagħna, lill-Madonna, Omm t'Alla u tal-bniedmin, kollha safà u qdusija, lill-Qaddisin ħbieb t'Alla u benefatturi ta' l-umanità.

Min naħa l-oħra, jekk m'għandux il-fidi, id-dagħaj b'daqsekk m'għandu l-ebda jedd li joffendi s-sentimenti reliġjużi ta' dawk li jemmnu. Għal ħafna nies, l-isem t'Alla u tal-Qaddisin ifisser xi ħaġa li lejha għandhom qima u mħabba profonda. Is-sentimenti reli-

ġjużi ta' dawn il-persuni jeħtieġ li jiġu rispettati. Pero', min jidgħi jonqos minn dan ir-rispett, u għalhekk jġib ruħu ta' bniedem l-aktar baxx u bla ebda edukazzjoni.

Responsabiltà kbira oħra tad-dgħajja hija dik ta' l-iskandlu li ħafna drabi jingħata lill-proxxmu, meta d-dagħa jingħad quddiem l-oħrajn, iktar u iktar meta min jidgħi, jkun persuna li suppost tagħti eżempju tajjeb lil ħaddieħor.

F'din l-ittra tagħna, nixtiequ nagħmlu sejħa ħerqana sewwa lil dawk li jidgħu kif ukoll lill-insara l-oħra li ma jidgħux.

Min kellu d-diżgrazzja li jaqa' f'din id-drawa kerha, għandu jindem minnha sinceramente u jikkumbattiha akkost ta' kull sagrifiċċju. Dan jista' jsir billi wieħed, kemm jista', ma jagħmilhiex ma' dawk li jidgħu, ta' kull fil-għodu jġedded il-fehma li ma jridx jidgħi iżjed u kull fil-għaxija, jagħmel eżami tal-kuxjenza biex jara jekk irnexxilux iżomm kelmtu. Ma tkunx xi ħaġa kbira jekk fil-każ li jkun naqas jipprova jagħmel xi penitenza voluntarja bi tpattija.

L-insara kollha, imbagħad, għandhom ikunu iżjed sensibli rigward is-serjeta' talpjaga tad-dagħa u jagħmlu ħilithom biex iżommuha 'l bogħod minnhom. B'mod partikulari, il-ġenituri nsara jeħtieġ li joqogħdu attenti sabiex, wara li jkunu taw eżempju tajjeb lil uliedhom, anke f'din il-ħaġa, inħarsuhom dejjem mill-perikli li jaqgħu f'dan il-viz-

zju. Is-sidien tal-ħwienet u tas-swali ta' divertiment, kif ukoll il-kapijiet tal-uffiċċju taxxogħol, jekk huma tabilħaqq insara, ma għandhom jippermettu qatt li jinstema' ddagħa fil-lokali li jiddependu minnhom.

Fl-aħħarnett, huwa dmir ta' l-insara kollha li jwiddbu lid-dgħajja skond kif jitolbu r-regoli tal-karita' u tal-prudenża u li joffru talb u opri tajba bi tpattija lil Alla.

(Miċ-ċirkulari tal-10 ta' Jannar 1978).

L-ARMONIJA TAR-RUŻARJU MQADDES

Iktar ma wieħed jaħseb u jirrifletti, iktar jintebaħ bl-armonija li teżisti fit-talba tar-Rużarju u bit-teżori spiritwali li fih huma miġbura.

Ir-Rużarju huwa talba popolari għaliex xtered f'kull pajjiż nisrani u għal sekli sħaħ kien u għadu fuq ix-xofftejn ta' eluf ta' kattoliċi, kbar u żgħar ta' kull ġens u razza. Iżda fi-istess ħin huwa wkoll talb bibbliku għaliex il-misteri li jiġu kkontemplati f'kull posta, huma mibnija fuq il-ġrajjiet tal-ħajja ta' Kristu u tal-Madonna, li fuqhom naqraw fil-Vanġelu.

Fir-Rużarju jingħad ukoll talb vokali, jiġifieri li jiġi mlissen bix-xofftejn, bħal ma huma l-Missierna u s-Sliema, talb tassew sabiħ li fih in-nisrani jista' jiġbor ix-xewqat

u l-ħtiġijiet spiritwali kollha tiegħu. Iżda fuq kollox, ir-Rużarju huwa talba mentali li fiha jieħdu sehem il-menti u l-voluntà, fakultajiet tar-ruħ li bihom il-bniedem jaħseb fuq Alla u jħobbu bħala ħallieq, Sid u Benefattur tiegħu. Meta nitolbu bir-Rużarju u nimmeditawh, nkunu nagħmlu dak li għamlet l-Imqaddsa Marija li "kienet tgħożż f'qalbha dawn il-ħwejjeġ kollha" (Lq. 2:51). Nistgħu nżidu ngħidu wkoll li r-Rużarju huwa talba vitali, għaliex mill-esperjenza tal-ħajja ta' Kristu u tal-Madonna nitgħallmu kif għandna ngħixu l-ħajja tagħna bħala nsara, hekk li din tkun togħġob lil Alla. Minnhu nitgħallmu sabiex fiċ-ċirkustanzi kollha ta' ħajjitna, fil-hena u fin-niket, fis-serħ u fit-tbatija, naċċettaw dejjem ir-Rieda ta' Alla, kif għamlet Marija, li qalet: "Ara, jiena l-qaddejja tal-Mulej ħa jsir minni skond kelmtek" (Lq. 1:38).

Bir-Rużarju nfaħħru u nsejħu lil Sidtna Marija u għalhekk huwa meqjus bħala talba marjana: Iżda xejn inqas minn hekk, jistħoqqlu jissejjaħ talba kristoloġika għaliex, "bħala talba mill-Evanġelju, li l-qofol tagħha huwa fil-misteru tal-inkarnazzjoni u l-fidwa, ir-Rużarju huwa talb li jdawwar il-ħsieb tagħna lejn Kristu". (Eżortazzjoni 'Marialis Cultus' n.46). Bil-meditazzjoni fuq it-twelid, il-ħajja, il-mewt u l-glorja ta' Kristu, aħna jirnexxilna ngħarfuh aħjar u nitħeġġu biex inħobbuh dejjem iżjed. "Ir-Rużarju huwa kredu kristoloġiku, fil-qosor; simbolu tal-fidi jew kompendju tad-domma u tat-tagħlim f'għamla ta' meditazzjoni, ġabra tad-domma kollu tar-

redenzjoni" (Ed. Schillebeeckx "Mary Mother of the Redemption" p. 168).

Dawk li mxew il-quddiem fit-tagħlim teoloġiku, fir-Rużarju jsibu okkażjoni biex jaħsbu u jirriflettu fuq id-domma tal-fidi nisranija u hekk japprofondixxu l-għerf tagħhom. Iżda wkoll min hu ta' ftit skola isib fir-Rużarju, ġrajjiet u talb sempliċi li jista' jifhem u japprezza bla diffikulta'.

Ir-Rużarju jista' jingħad bi profitt mhux biss minn dawk li huma f'saħħithom, iżda wkoll min dawk li huma morda. Ma nistagħġbux għalekk, meta nosservaw li xi wħud fuq is-sodda tat-tbatija tagħhom, fir-Rużarju isibu l-kuraġġ u l-faraġ, u jżommu b'għożża l-kuruna sa l-aħħar nifs ta' ħajjithom.

Ir-Rużarju jfawwar bla lġiem mill-qalb tal-midneb umli u sobgħiena, fil-waqt li dan ilissen: "Itlob għalina midinbin, issa u fis-siegħa tal-mewt tagħna". Imma anke l-erwieħ qaddisa li waslu fi grad għoli ta' kontemplazzjoni tal-ħwejjeġ t'Alla,jsibu fir-Rużarju, dak li hu meħtieġ biex iżommu tixgħel fihom il-fjamma tal-karita".

Fl-aħħarnett, ir-Rużarju huwa talba li tista' tingħad privatament minn kull nisrani f'kull ħin u f'kull post li jagħżel hu. Imma mill-banda l-oħra, r-Rużarju jista' jingħad ukoll bħala talba kollettiva li fiha jieħdu sehem fiimkien għadd ta' nsara mħeġġin blistess xewqa li jqimu lil Alla u juru mħabbithom lejn il-Verġni Mbierka.

Meta l-familja tingħabar fiimkien biex titlob bir-Rużarju mhux biss tkun tistqarr ittwemmin nisrani tagħha, iżda wkoll tagħti xhieda tal-fiduċja li għanda fl-għajnuna t'Alla u fl-interċessjoni tal-Madonna. Il-fatt stess tal-familja miġbura għar-Rużarju huwa esperjenza tal-preżenza t'Alla bħala Dak li jġib l-għaqda u l-armonija, ir-Rużarju huwa espressjoni ta' xewqa profonda u tnehida. mil-qalb, bħala dik tal-għannej tas-Salmi: "Bħal ħabba tal-għajn, ħarisni, Mulej" (Sl. 16:8).

Ħafna drabi ġie irrikmandat li r-Rużarju jiġi reċitat mill-ġemgħa tal-insara fil-knejjes. Għad li ma għadux jingħad waqt xi azzjoni liturġika' iżda "l-meditazzjoni fuq il-misteri tar-Rużarju li tagħmel l-imħuħ u l-qlub tal-insara midħla tal-misteri ta' Kristu, tista' tkun l-aħjar tħejjija għaċ-ċelebrazzjoni tagħhom fil-liturġija" (Marialis Cultus n.48).

Meta aħna nġibu dan kollu quddiem għajnejna, ma jistax jonqos li b'insistenza nħeġġukom biex tapprezzaw ir-Rużarju u tgħiduh ta' spiss, possibilment ta' kuljum. U peress li anke ż-żgħażagħ jfittxu xi għamla ta' esperjenza spiritwali għax iħossu li din hija waħda mill-esiġenzi tal-ħajja tagħhom, lilhom ukoll nirrikmandaw ir-Rużarju, għax jekk jgħiduh kif imiss joffrilhom din l-opportunità. Din irrakkomandazzjoni nagħmluha b'mod speċjali lil dawk li jsiefru f'xi artijiet oħra fejn il-knejjes kattoliċi huma rari, il-possibilta' li jieħdu sehem f'ċelebrazzjonijiet liturġiċi hija żgħira

hafna u għalhekk l'uniku mod ta' kuntatt mal-Mulej permezz ta' talb kollettiv forsi jkun biss ir-Rużarju.

(Miċ-ċirkulari tal-24 ta' Settembru 1978).

IT-TALB GĦAL MEJTIN

Il-Knisja Kattolika, fil-waqt li tittollera ċerti wżanzi, bħal ma huwa it-tiżjin tal-oqbra, tapprova u tinkoraġġixxi t-talb u s-sufraġji għall-erwieħ tal-mejtin.

L-eżistenza tal-Purgatorju li fih jissaffew l-erwieħ tat-tajbin li jkunu għad fadlilhom ipattu għal xi nuqqasijiet tagħhom qabel ma jidħlu fit-tgawdija tal-Ġenna, hija wieħed mill-punti tat-tagħlim kattoliku mistqarr f'diversi konċilji fosthom dawk ta' Trentu. F'dawn l-istess konċilji, l-insara ġew imħeġġa biex joffru t-talb tagħhom għall-erwieħ tal-Purgatorju.

Il-Konċilju Vatikan II jikkonferma dan it-tagħlim u jgħidilna li "Din il-fidi qaddisa ta' missirijietna dwar l-għaqda vitali ma' ħutna li jinsabu fil-glorja tas-sema, jew għadhom wara l-mewt qed jippurifikaw ruħhom, dan il-Konċilju Mqaddes, jirċeviha b'serjeta kbira u mill-ġdid jipproponi d-digrieti tal-Konċilji Sagri Niċenu II, Fjorentin u Tridentin. U fl-istess ħin, b'interess pastorali, jeżorta lil dawk kollha li huma fid-dmir, sabiex jekk daħlu hawn jew hemm abbużi, eċċessi u

difetti, jaħdmu biex ineħħuhom jew jikkoreġuhom u kollox jistabilixxi ruħu mill-ġdid għall-ikbar glorja ta' Kristu u ta' Alla". (Kost. "Lumen Gentium", n. 51).

It-talb għall-mejtin, l-Iskrittura ssejjaħlu "ħsieb qaddis u twajjeb" (2 Mark 12:43:45). U jekk nirriflettu daqsxejn nintebħu li d-devozzjoni xierqa lejn l-erwieħ tal-Purgatorju timplika ċertu twemmin li huwa fundamentali fir-reliġjon tagħna.

Hekk, meta nitolbu għall-mejtin, inkunu nistqarru l-fidi tagħna fix-xirka tal-Qaddisin, jiġifieri dik il-għaqda ta' karita, reċiproka li hemm fost il-membri tal-Ġisem Mistiku ta' Kristu, sewwa dawk li għadhom igħixu fuq l-art, kif ukoll dawk li diġa daħlu fl-eternita'.

Fit-talb tagħna għall-erwieħ, aħna mhux biss inkunu nammettu l-eżistenza t'Alla li lilu nindirizzaw talbna, iżda wkoll inkunu nistqarru l-ġustizzja kbira tiegħu li ma tħallix ebda nuqqas tal-bniedem mingħajr il-piena li tistħoqqlu; kif ukoll il-ħniena nfinita Tiegħu li jaċċetta l-opri tajba u t-talb fqajjar tagħna bħala tpattija għall-ħtijiet tal-oħrajn.

Id-devozzjoni tagħna lejn l-erwieħ tal-Purgatorju, tfisser ukoll li aħna nemmnu f'ħajja oħra wara l-mewt tal-ġisem, ħajja li tibqa' għal dejjem għax ir-ruħ ma tmut qatt.

M'għandniex ninsew, imbagħad, dak li għallimna San Tumas ta' Aquino, li d-devoz-

zjoni lejn l-erwieħ tal-Purgatorju hija għemil ta' karita' lejn Alla u lejn il-proxxmu milliktar meritorju.

Għalhekk, ix-xahar ta' Novembru, għandu jkun għalina okkażżjoni oħra biex fiha, filwaqt li nitħeġġu fil-qima tagħna lejn l-erwieħ, nirriflettu wkoll fuq il-veritajiet għeżież talfidi tagħna u nwettqu għemejjel ta' ħniena mal-proxxmu tagħna.

(Iċ-Ċirkulari tas-26 t'Ottubru, 1978)

ID-DRITTIJIET T'ALLA

Huwa mportanti ħafna, illum li kulħadd jitkellem fuq id-drittijiet tal-bniedem, li linsara jifhmu u jipperswadu ruħhom li anke Alla l-Imbierek għandu d-drittijiet tiegħu, li jeħtieġ li jiġu rikonoxxuti u rispettati minn kulħadd. Għal dawn id-drittijiet jikkorrispondu d-dmirijiet li kull wieħed għandu lejn Alla, dmirijiet li fuqhom ta' spiss l-insara għandhom jirriflettu biex jaraw kif qegħdin iwettquhom.

L-ewwel dmir li għandhom lejn Alla, biex insemmu xi ftit minnhom, huwa dak tal-imħabba u tar-rikonoxxenza għall-ġid kollu li rċevejna minn għandu. "Ħobb lill-Mulej Alla tiegħek, b'qalbek kollha, b'ruħek kollha, u b'moħħok kollu." Dan hu l-kmandament ilkbir u l-ewwel wieħed". (Mt 22, 37-38).

Dan Alla, li huwa l-Ħallieq tagħna u Sid ta' kollox, għandu d-dritt għall-adorazzjoni

tal-bnedmin. Huwa d-dmir tagħna l-insara, għalhekk, li npoġġu l-qima t'Alla quddiem nett fl-iskala tal-valuri tagħna. Ħadd u xejn ma għandu jiġi qabel Alla f'moħħna u f'qalbna. Dan l-ordni li tana Huwa "Jiena, il-Mulej Alla Tiegħek...ma jkollokx alla ieħor ħlieli" (Deut. 5, 6). Dan ifisser li ma għandna nħobbu xejn u lil ħadd iżjed milli nħobbu lil Alla. "Min iħobb lil missieru jew lil ommu iżjed minni, ma jistħoqqlux li jkun miegħi" Matt. 10, 37.

Fost affarijiet oħra, Alla ordnalna li nħarsu l-jum tal-Ħadd bħala jum tiegħu. Għalhekk f'dan il-jum, mhux biss nistrieħu mix-xogħol tagħna, iżda wkoll inwettqu għemejjel ta' qima lil Alla, bħalma huma l-parteċipazzjoni fis-Sagrifiċċju tal-Quddiesa u fil-funzjonijiet l-oħra u s-smiegħ u l-meditazzjoni tal-Kelma t'Alla. L-insara, għalhekk, li ma jħarsux il-jum tal-Ħadd u jagħmlu xi xogħol ta' l-idejn, li jista' jsir fi ġranet oħra u li ma jiswiex li jsir nhar ta' Ħadd, qegħdin jonqsu serjament minn wieħed mid-dmirijiet li għandhom.

Huwa kbir ukoll in-nuqqas ta' dawk l-insara li, fil-jum tal-Ħadd, flok ma jiftakru f'Alla u fil-ħtiġijiet ta' ruħhom, jagħtuha għad-divertiment bla rażan u għat-tbaħrit. Xi whud jistennew il-jum tal-Ħadd mhux biex iqimu 'l Alla u jwettqu dmirijiet reliġjużi oħra, iżda biex jiksru iktar fil-berah il-liġi tiegħu u joffenduH bl-imġieba ħażina tagħhom. Ma nistgħux għalhekk ma niddeplorawx drawwiet pagani bħal dawn li jagħmlu għajb

kbir lil min irid jibqa' jissejjaħ nisrani.

(Mić-Ċirkulari tat-22 ta' Jannar, 1979).

ID-DRAWWA QADDISA TAR-RUŻARJU

Fost id-devozzjonijiet popolari li għandha l-Knisja Kattolika, ebda waħda ma hija rrikkmandata u mfaħħra mill-Qaddisin u mill-Papiet daqs kemm huwa rrikmandat u mfaħħar ir-Rużarju Mqaddes.

Insemmu biss żewġ eżempji: Sant' Antonio Maria Claret igħidilna: "Ħenjin dawk il-persuni u dawk il-familji li ta' kuljum jirreċitaw sewwa r-Rużarju Mqaddes għaliex il-Verġni Santissima taqlagħalhom grazzi f' ħajjithom, grazzi fis-siegħa ta' mewthom u l-glorja fil-patrija tas-sema". Il-Papa Ljun XIII kiteb: "Fost it-talbiet tagħna, ir-Rużarju hija l-għamla l-iktar sabiħa, l-iktar li taqbel għal żminijietna, l-iktar ħafifa biex wieħed jgħidha u l-iktar li tħalli frott".

Huwa ta' faraġ għalina, meta niftakru li f'pajjiżna, ir-Rużarju huwa rreċitat fil-knejjes, fl-Għaqdiet reliġjużi u f'għadd sabiħ ta' familji. Huwa konsolanti wkoll il-fatt li ħafna żgħażagħ, subien u bniet, għadhom japprezzaw il-kuruna tar-Rużarju, iżommuha għandhom u meta tiġihom l-okkażjoni, jitolbu biha f'idejhom.

Iżda x-xahar tar-Rużarju joffri okkażjoni lilna lkoll kemm aħna, membri tal-Kleru

u lajċi, sabiex nipperswadu ruħna dejjem iżjed mill-ħtieġa tat-talb u tal-qima lejn l-Imqaddsa Verġni Marija. F'dan ix-xahar, għandna nfittxu li nagħtuha qima wisq iktar mill-ġranet l-oħra tas-sena, speċjalment billi nirreċitaw ta' kuljum u bil-ġabra r-Rużarju Mqaddes. Nagħmlu ħilitna wkoll biex din id-drawwa qaddisa tibqa' fina matul ħajjitna kollha.

(Mić-Ċirkulari tas-26 ta' Settembru 1979).

L-GĦAJNUNA LILL-FOQRA

Ma nistgħux ngħidu li l-Għawdxin kollha, u speċjalment iż-żgħażagħ, diġa fehmu biżżejjed il-ħtieġa u d-dmir tal-insara li jwettqu għemejjel ta' ħniena, anke f'dawk il-pajjiżi fejn iċ-ċiviltà u l-prosperità jidhru li mxew ħafna 'l quddiem.

Iżda ma jistax ikun li mar imqarraq Kristu meta qal: "Il-foqra ssibhom dejjem magħkom" (Mt. 26. 11). Anke fi żminijietna jeżistu l-foqra anzi s-soċjetà bis-sistemi tagħha mhux dejjem ġusti u skond ir-rieda ta' Alla, ħolqot foqra ġodda, li jeħtieġu min iħenn għalihom.

Il-Knisja - kif kien qal il-Papa Pawlu VI fl-Ittra Apostolika Octogesima Adveniens n. 15 - titfa l-attenzjoni tagħha fuq dawn il-foqra l-ġodda - il-handicapped, difettusi, ix-xjuħ, il-gruppi diversi ta' emarġinati u l-oħrajn - sabiex tagħrafhom, tgħinhom u tidde-

fendi l-post u d-dinjità tagħhom fis-soċjetà." Min hu tabilħaqq iben tal-Knisja, ma jistax jibqa' ndifferenti quddiem il-preżenza u l-bżonnijiet ta' dawn il-foqra ta' żminijietna.

Ir-reliġjon ta' Kristu li aħna ilkoll nistqarru, tgħallimna l-preċett tal-karità jiġifieri li aħna obbligati nħobbu lil Alla fuq kollox u lill-proxxmu tagħna bħalna nfusna għall-imħabba ta' Alla. Issa li tħobb lill-proxxmu ma jfissirx biss li tixtieqlu l-ġid, iżda wkoll li tgħinu u tgħamillu l-ġid. Għalhekk, San Ġwann jgħidilna: "Ma nħobbux biss bil-kliem u t-tpaċpiċ, imma bil-għemil u bil-verità". (I. Ġw. 3. 18)

L-għajnuna lill-foqra, Kristu għallimhielna b'ħafna eżempji: il-parabbla ta' l-epoluni sinjur u Lażżru fqir (Lq. 16. 19-31) dik tal-amministratur qarrieqi (Lq. 16. 1-13 u l-oħra tas-Samaritan it-twajjeb (Lq. 10. 30-70). Huwa qalilna wkoll bi kliem ċar: "Agħtu karità minn dak li hemm ġewwa, u taraw kif kollox ikunilkom nadif." (Lq 11, 41).

Il-ġenituri nsara li jagħmlu kull sagrifiċċju biex jaraw l'uliedhom henjin u biex jagħtuhom l-aqwa edukazzjoni li jistgħu, għandhom ifittxu li jnisslu fihom dawn issentimenti ta' ħniena u mogħdrija lejn il-proxxmu, mqanqlin mill-karità nisranija. Mingħajr dawn, il-formazzjoni nisranija jkun jonqosha wieħed mill-aqwa elementi tagħha.

L-istess sentimenti nixtieq li jinbtu u

jitrawmu fil-qlub tal-insara kollha ta' din il-ġżira għax min iħenn u jgħin lill-proxxmu tiegħu isib ħniena quddiem Alla u jagħti l-isbaħ xhieda li huwa qaddej ta' Kristu.

(Miċ-Ċirkulari tal-11 ta' Novembru 1979.)

L-APOSTOLAT TAT-TALB

Fi żminijietna, qegħda ssir dejjem iktar ċara l-ideja li l-insara kollha, mhux biss il-membri tal-Kleru, iżda wkoll l-lajċi, huma msejħin biex iwettqu l-apostolat mal-bnedmin ħuthom. Dwar dan id-dmir tkellem bil-miftuħ il-Konċilju Vatikan II, fejn qal: "l-apostolat tal-lajċi huwa parteċipazzjoni fl-istess missjoni ta' salvazzjoni u għal dan l-apostolat kulħadd ħu msejjaħ mill-Mulej innifsu permezz tal-Magħmudija u tal- Griżma." (Lumen Gentium 33).

L-apostolat jista' jitwettaq bil-kelma u bil-ħidma, iżda fuq kollox permezz tat-talb. Din hija għamla ta' Apostolat li jista' jwettqu kull nisrani, mhux biss il-kbar li huma f'saħħithom iżda wkoll dawk li huma morda.

Dwar it-talb u l-apostolat, il-Konċilju jkompli jgħidilna: "l-insara kollha għandhom jiftakru li bil-qima publika u bit-talb, bil-penitenza u billi jilqgħu minn rajhom il-ħidmiet u t-tbatijiet tal-ħajja u hekk isiru jixbħu lil Kristu fit-tbatijiet tiegħu, huma jistgħu jilħqu l-bnedmin kollha u jagħtu

sehem għall-fidwa tad-dinja". (Apostolicam Actuositatem n. 16).

Però sabiex l-insara jieħdu iktar bis-serjetà dan l-impenn tagħhom jiftakru jwettquh ta' kuljum, ġiet imwaqqfa sa mis-seklu l-ieħor l-Għaqda tal-Apostolat tat-Talb. Il-membri tagħha jaċċettaw li jagħmlu l-konsagrazzjoni tal-ġurnata tagħhom billi, joffru lill-Qalb Imqaddsa ta' Ġesù t-talb, il-ħidmiet, in-niket u l-ferħ tagħhom skond l-intenzjonijiet tal-Papa, waħda ġenerali u l-oħra missjunarja li jiġu stabbiliti għal kull xahar tas-sena. Hemm membri oħra li ma' l-offerta tal-ġurnata tagħhom iżidu wkoll ir-reċità, ta' Missierna u 10 avemarijiet ta' kuljum u t-tqarbina ta' tpattija darba fix-xahar.

Il-għanijiet li trid tilħaq din l-Għaqda tal-Apostolat tat-talb, skond kif xtaqu dawk li ħadmu għat-twaqqif tagħha huwa: (a) li tiġi mxerrda d-devozzjoni sinċiera lejn il-Qalb Imqaddsa ta' Ġesù. (b) li l-erwieħ jiġu mħajra sabiex jersqu lejn Kristu u jgħixu f' għaqda Miegħu, (c) li l-insara jiġu sensibilizzati dwar il-ħtiġijiet tal-Knisja u jagħtuha l-għajnuna tagħhom fuq kollox permezz tat-talb u l-opri tajba. Biex jintlaħqu dawn l-għanijiet, il-Q. T. il-Papa jixtieq li l-insara jitolbu għall-fehmiet ta' kull xahar li huwa stess jagħżel fil-bidu tas-sena.

Għalina li nemmnu fil-grazzja ta' Kristu u fil-qawwa tat-talb, mhux diffiċli li nintebħu kemm huwa meħtieġ, anke fi żmienna,

dan l-apostolat u kemm għadhom attwali l-għanijiet li għalihom twaqqfet l-għaqda li semmejna.

(Miċ-Ċirkulari tal-15 t'April 1980)

IR-RUŻARJU TALBA TAL-FAMILJA

Fuq kollox ta' min iqis ir-Rużarju bħala talba tal-familja u għall-familja. Difatti, ir-Rużarju għandu jingħad mhux biss fil-knejjes, iżda wkoll fid-djar tal-insara. Barra minn hekk, meta jiġu mmeditati l-misteri tal-ħajja ta' Kristu u tal-Madonna, il-membri tal-familja jistgħu jsibu f'din il-meditazzjoni minjiera ta' tagħlim siewi biex fuqu jfasslu l-ħajja nisranija tagħhom. Waqt ir-reċita' tar-Rużarju l-insara jistgħu jiftakru wkoll fil-ħtiġijiet tal-familja u f'dawk tal-proxxmu, u jressqu quddiem Alla t-talb tagħhom sabiex Huwa jagħtihom l-għajnuna tiegħu. Hekk ir-Rużarju jkun mhux biss talba personali, iżda wkoll twettiq tal-virtù tal-karita nisranija.

(Miċ-ċirkulari tal-25 ta' Settembru, 1980)

IL-PRECETT TAL-KARITA'

Il-ġurnata tal-Karità għandha bħala skop mhux biss dak li l-insara ta' gżirijietna jgħinu bl-offerti tagħhom lil min hu fil-bżonn, iżda fuq kollox dak li jifhmu aħjar iddmir li skond il-preċett tal-karità tal-Vanġelu, kull wieħed minna għandu li jgħin lil

proxxmu tiegħu, kull meta tkun meħtieġa din l-għajnuna.

Dan ifisser li ħadd minna ma jista' jibqa' ndifferenti quddiem il-bżonn u tbatijiet ta' ħaddieħor. Mhux veru nisrani, dixxiplu ta' Kristu dak li jingħalaq fl-egoiżmu tiegħu, jaħseb biss għar-rasu u ma jimportah xejn minn dak li jkunu jġarrbu u jsofru l-oħrajn. L-anqas ma jista' wieħed jagħlaq għajnejh u jagħmel ta' bir-ruħu ma ntebaħx b'min ikun jeħtieġ l-għajnuna tiegħu.

Għal darb'oħra nixtieq infakkarkom f' dawk li l-Papa Pawlu VI fl-Enċiklika tiegħu "Octogesima Adveniens" n. 15 kien sejħilhom "il-foqra ġodda"; jiġifieri il-handicapped, ix-xjuħ u l-gruppi diversi ta' emarġinati. Jeħtieġ il-problemi li għandhom n-nies li jaqgħu f'xi waħda mill-kategoriji li semmejna, nħossuhom bħala problemi tagħna u li nħabtu moħħna sabiex naraw kif tista' tinstab soluzzjoni għalihom jew għal inqas kif nistgħu ntaffuhom.

(Miċ-Ċirkulari tat-30 t'Ottubru 1980).

IL-KOTBA MQADDSA

Il-Knisja Kattolika, sa mill-bidu tagħha u f'kull żmien wriet dejjem venerazzjoni kbira lejn il-kotba tal-Iskrittura Mqaddsa tar-Rabta l-Qadima u tar-Rabta l-Ġdida. Dawn il-kotba miktubin bl-ispirazzjoni tal-Ispirtu s-Santu huma għajn ta' tagħlim, iddawwlu l-moħħ,

iqanqlu r-rieda tal-bniedem biex jagħmel it-tajjeb u jiswew mhux ftit għal formazzjoni nisranija taż-żgħar u tal-kbar.

L-Iskrittura Mqaddsa hija l-ewwel katekeżi li Alla għamel lil bniedmin. Huwa kellimhom mhux biss bil-kliem, iżda wkoll permezz tal-fatti, tal-ġrajjiet u tal-bniedmin li huma msemmija f'dan il-messaġġ tiegħu. Il-preżenza spiritwali ta' Kristu tinħass f'kull taqsima tal-Bibbja: fit-Testment il-Qadim huwa prefigurat fil-persuna u fil-ħajja tal-patrijarki, u mħabbar fit-tagħlim tal-profeti. Fit-Testment il-Ġdid, il-ħajja, il-passjoni, l-mewt u r-resurrezzjoni tiegħu huma rrakkontati fil-Vanġelu Mqaddes, waqt li l-Atti u l-Ittri tal-Appostli jgħidulna x'għamlu l-ewwel dixxipli biex jobdu ordnijiet Tiegħu jagħtuna t-tifsir ta' tagħlimhu. Kellu raġun għalhekk San Ġirolmu jgħidilna, "Min ma jafx l-Iskrittura ma jafx lil Kristu".

Il-Knisja Kattolika tinqeda bil-Kotba tal-Bibbja sabiex tgħallem lill-uliedha meta dawn ikunu qed jieħdu sehem fil-Liturġija tagħha. Il-Konċilju Vatikan II difatti jgħidilna "Il-Kotba Mqaddsa huma ta' ħtieġa liżjed kbira fiċ-ċelebrazzjoni liturġika. Għaliex minnhom jinqraw il-lezzjonijiet li jiġu mfissra fl-omelija, jitkantaw is-salmi, u t-talbiet, l-orazzjonijiet u l-għanijiet liturġiċi huma meħudin mill-ispirtu u min-nebħ tagħhom, u minnhom jiġu mfissrin l-għemejjel u s-simboli liturġiċi" (Sacrosanctum Concilium n. 24).

Fil-Pastorali tar-Randan tal-1973, kont għamiltilkom stedina sabiex "ma tħallux filġenb, il-qari spiritwali tal-Bibbja, li fih jinqraw, jiġu meditati u studjati b'riflessjonijiet personali, xi paġni tal-Iskrittura bil-għan li minnhom kull min jaqrahom, jieħu profitt għall-ħajja tar-ruħ tiegħu. B'dan il-mod, il-Bibbja serviet għal mijiet ta' snin u tibqa' sservi għall-insara ta' kull żmien bħal ikel spiritwali l-aktar bnin".

(Miċ-Ċirkulari tal-14 ta' Jannar 1981).

IS-SENGĦA TAT-TALB

It-talb nistgħu nxebbħuh ma' arti jew sengħa, u bħal fit-tħaddim ta' snajja oħra, hemm min għadu qed jibda, min mexa biċċa sewwa u min laħaq il-perfezzjoni. Ħadd ma għandu jaqta' qalbu għax għadu mhux perfett. Biex wieħed jagħmilha ta' pittur, irid l-ewwel ikollu l-materjal; irid ikollu t-tila u l-kulur. Biex wieħed jagħmilha ta' skultur irid ikollu l-materjal li minnu se jagħmel l-istatwa. Hekk ukoll fit-talb tagħna, irid ikollna biex ngħidu hekk il-materjal li bih nitolbu.

Ħuma tlieta l-għejjun li minnhom inġibu l-materjal tat-talb tagħna. Il-famuż Be-

nedittin Colomba Marmion, iġibilna eżempju mit-Testment il-Qadim, it-Tempju ta' Ġerusalem. Dan it-Tempju kien jinqasam fi tliet partijiet:

1. L-Atriju tal-Pagani, li kien il-parti ta' barra quddiem it-Tempju, u li fih kienu jidħlu dawk li ma kienux Iżraeliti, u li kienet l-akbar parti.

2. L-Atriju tal-Iżraeliti, u dan kien jinqasam f'parti għan-nisa u parti għall-irġiel. In-nisa kienu joqogħdu fuq wara u l-irġiel quddiem, iktar qrib lejn l-artal tas-sagrifiċċju.

3. Il-biċċa l-oħra kienet riservata għas-Saċerdoti, u jerġa' iktar 'il ġewwa, f'dik il-parti li kienet tissejjaħ is-'Sancta Sanctorum', kien jista' jidħol fiha biss is-Sommu Saċerdot, darba fis-sena, wara li jkun għamel ir-rit tal-purifikazzjoni u raxx fuq il-poplu d-demm tas-Sagrifiċċju.

Hekk ukoll għandna tliet fonti li jgħinuna fit-talb tagħna:

1. L-ewwel fonti hi n-natura u din jista' jagħmel użu minnha kwalunkwe bniedem. mhux aħna li nemmnu biss. Min-natura, il-bniedem għandu jasal biex jagħti qima lill-Mulej. Fil-ktieb tas-salmi nsibu dan: "**Issmewwiet ixandru l-glorja t'Alla**", eċċ. San Pawl igħidilna: "Mill-ħwejjeġ li jidhru nagħrfu l-kobor t'Alla li ma jidhirx." Mela ninqdew bin-natura u l-kreaturi bħala sellum li jeħodna lejn Alla u mhux bħala tfix-

kil. Mhux l-ewwel darba li l-kreaturi jfixkluna; ġie li mħabba fihom u l-ġid materjali. ma nkunux ġenerużi biżżejjed m'Alla; imħabba fihom ma nsibux żmien għat-talb. Dawn għandna ninqdew bihom bħala 'lift' għal għand Alla, nagħrfu l-valur spiritwali tagħhom skond il-ġerarkija li għoġbu jpoġġihom Alla, u bihom nersqu iktar lejh. Santu Wistin, fil-'Confessiones', jirrakkonta kif darba fil-għaxija kien flimkien ma' ommu, Santa Monica, fis-setaħ jammiraw is-sema kollu kwiekeb sbieħ u jgħid: **"Il-qalb tagħna mtliet bil-ferħ u t-tama li xi darba għad naslu fil-Ġenna."** San Bonaventura jiddeskrivi kif il-kreaturi jgħinuna naħsbu iktar f'Alla, infaħħruh u nirringrazzjawh. Hekk, per eżempju, il-baħar bla tarf ifakkarna fl-infinità t'Alla; is-sbuħija li naraw fil-fjuri turina s-sbuħija bla tarf t'Alla; il-qawwa fir-raġġi tax-xemx iġġibilna quddiem għajnejna l-qawwa setgħana t'Alla. Kull m'hemm tajjeb fil-bniedem u fid-dinja hu rifless tat-tjubija t'Alla. Anke jekk tiltaqa' ma' bniedem qalbu tajba u jaf iħenn, ifakkrek fil-ħniena nfinita ta' Alla. li hu Missier ħanin. Żewġ għamliet ta' talb apprezzati minn Alla u li jogħġbuh ħafna, imma li aħna ma napprezzawhomx biżżejjed huma: a) it-talb ta' adorazzjoni u tifħir lil Alla, u b) it-talb ta' ringrazzjament lil Alla. Mill-kuntatt tagħna mal-ħwejjeġ tan-natura, insibu motiv biex ngħollu l-menti tagħna lejn Alla.

2. Nitolbu wkoll permezz tal-Kotba Rivelati, b'mod speċjali l-Vanġelu Mqaddes.

Nistgħu nagħmlu qari ta' ftit versi, nagħmlu riflessjoni fuqhom, atti ta' ndiema, atti ta' mħabba jew lettura meditata. Din kienet komuni fost is-Santi Padri tad-dežert. San Benedittu kien jirrikkmandaha lill-membri ta' l-Ordni tiegħu, u Santa Tereża ta' Ġesù wkoll tirrikkmandaha fil-kitba spiritwali tagħha. Hemm metodi oħra ta' meditazzjoni, per eżempju dik ta' Sant'Injazju, ta' San Sulpizzju u oħrajn. Kulħadd isegwi l-aktar metodu li jgħodd għalih. Fil-Kotba Rivelati, speċjalment fil-Vanġelu Mqaddes, insibu l-ikel l-iktar sustanzjuż, il-kelma li l-iktar tqanqalna. Mhux biżżejjed li naqraw u nibqgħu mexjin, imma nħallu l-Kelma t'Alla tidwi fi-irkejjen tal-kuxjenza tagħna. Jekk ma nirriflettux, ma nħallux lil Alla jinterpella r-ruħ tagħna, ftit nistgħu niksbu ġid spiritwali.

3. Kristu nnifsu. — Skond il-Marmion, din l-orazzjoni jagħmluha dawk li għandhom fidi qawwija f'Ġesù Kristu u permezz tagħha jħossu l-preżenza t'Alla u jkunu lesti jintelqu f'idejh. Hija orazzjoni ta' ħarsa sempliċi, orazzjoni ta' fidi, orazzjoni tal-qaddisin fil-Ġenna. Din il-kommunikazzjoni m'Alla hija possibbli f'din id-dinja? Il-Marmion igħid li hu possibbli nagħmlu din l-orazzjoni fl-ewwel 'stages' tagħha u għandna eżempju ta' dak il-bidwi li ra 'l Kurat ta' Ars jitlob quddiem it-tabernaklu. Din il-kwalità ta' talb l-iktar perfett, li togħġob lil Alla, hi preludju tat-talb inċessanti fil-Ġenna.

Meta wieħed ikun jitgħallem igħum, l-importanti hu li jintefa' fl-ilma u jipprova jgħum. It-teorija biss mingħajr prattika ma tiswielu xejn. Tassew li jrid joqgħod attent li ma jidħolx fil-fond, imma l-importanti hu li jintefa' fl-ilma. Fit-talb l-importanti hu li wieħed jipprova jitlob; għalxejn jaqra kotba tal-axxetika fuq it-talb, b'dan biss ma jitgħallimx, jekk ma jeħux deċiżjoni li **jibda jitlob**. Iż-żmien tat-talb mhux żmien moħli; fl-eżerċizzju tat-talb, ir-ruħ tagħna dejjem tapprofitta.

Meta l-Appostli qalu lil Ġesù: "Mgħallem, għallimna nitolbu", minn għalihom ma kienux jafu jitolbu, imma din li għamlulu kienet talba wkoll u tant għoġbitu li Hu għallimhom l-isbaħ talba. NitolbuH aħna wkoll: "Mgħallem għallimna nużaw in-natura bħala 'lift' li jwassalna għandek, agħmel li l-Iskrittura tkun għalina kelma li nifhmuha u fiha nisimgħu lilek; għallimna nħossu l-prezenza tiegħek u hekk inkunu nippreparaw ruħna għat-talba bla ma taqta' fi-eternità li biha ntennulek: "Qaddis, ,Qaddis, Qaddis".

(Mid-Diskors lill-Moviment "Pro Sanctitate" 13 - 3 - 1977).

IT-TRIQ TAL-VJOLENZA JEW IT-TRIQ TA' L-IMĦABBA

Kien it-28 ta' Diċembru, festa tal-qaddisin Innoċenti martri, il-jum li fih aħbar

mhix mistennija, xterrdet ma kull rokna ta' Malta u Għawdex, aħbar ta' swied il-qalb li kexkxitna lkoll. Tifla ta' ħmistax-il sena maqtula b'ittra-bomba li splodiet f'idejha. Vittma oħra tal-vjolenza tal-bnedmin.

Iżda meta jiġru każijiet bħal dawn, mhux waħda iżda tlieta huma l-vittmi. L-ewwelnett il-persuna li mgħarrqa fid-dmija tinħasad ħesrem bil-miġel kiefer tal-mewt. It-tieni, il-familja tagħha u qrabatha li jibku t-telfa tal-għażiża tagħhom u jġorru f'qalbhom ferita li ddemma u li ebda duwa tad-dinja ma' tista' tfejjaq. It-tielet vittma hija s-soċjetà li wara delitti ta' din ix-xorti tisfa mhedda mill-periklu u mill-biża ta' vjolenzi oħra.

F'siegħa bħal din, meta nħossuna mbeżża', ħosbiena u mnikkta. Lilna l-insara, dak li jista' l-iktar iqawwilna qalbna u jfarraġna huwa t-talb; kif propju qegħdin nagħmlu aħna li nġbarna l-lejla f'dan it-tempju. It-talb iressaqna lejn Kristu u barra milli jsaħħaħna bil-qawwa tiegħu, jgħinna wkoll sabiex minn kliemu u minn għemilu nitgħallmu kif għandna nġibu ruħna. Bħal Xmun Pietru nistgħu nafdaw fih u ngħidulu: "Mulej, għand min inmorru? Int għandek kliem tal-ħajja ta' dejjem." (Ġw 6:68)

Għax kos, anke Kristu saqqaf wiċċu malkefrija tal-bnedmin, beka fuq il-ħażen ta' beltu Ġerusalem, tnikket għall-aħbar tal-mewt ta' Lażżru, tħassar lill-armla ta' Najm miexja mbikkija wara t-tebut ta' binha (Lq

7. 13), kellu kelma ta' faraġ għall-familja talkap tas-sinagoga li kienu tilfu lil binthom. (Matt. 9:24, Mk. 5:38, Lq. 7:13).

Tabilħaqq li aħna ma nistgħux inlissnu bħal Kristu kelmiet "Talitha qum" (Mk. 5:41) u b'setgħa tal-għaġeb lil mejta nroddulha l-ħajja kif għamel Hu; iżda nistgħu għall-inqas bħal Kristu nsawbu mqar qatra ta' balzmu ta' faraġ fil-qlub muġugħa billi nuruhom is-simpatija u l-għożża tagħna.

Madankollu, Kristu ma waqafx hawnhekk: mhux biżżejjed li jserraħ l-umanità mid-dwejjaq għal ftit tal-ħin, iżda huwa għandu duwa iktar radikali, li jaħdem iktar fil-fond. Kristu jifli u jifhem il-qalb tal-bniedem, anzi l-qalba tar-ruħ tiegħu; "Għax minn ġewwa, mill-qalb tal-bniedem li johorġu l-ħsibijiet ħżiena, żina, serq, qtil". Mk. 7:2. L-imġieba tal-bniedem ma tistax tkun retta jekk ma jkunux retti ħsibijietu u xewqatu; id-drawwiet tas-soċjetà ma jistgħux jitjiebu, jekk ma titjiebx qabel xejn l-imġieba tal-individwu.

Fuq dawn is-sisien, Kristu fassal il-pjan tiegħu għall-soċjetà aħjar, iktar umana, li fiha l-bnedmin jistgħu jgħixu bħal aħwa mingħajr biża ta' xulxin, mingħajr theddid u mingħajr vjolenzi. Huwa xandar dan il-pjan tiegħu minn fuq il-għolja tal-beatitudnijiet. "Ħenjin dawk li jħennu għax huma jsibu ħniena..... ħenjin dawk li jġibu l-paċi, għax huma jissejħu wlied Alla". Mat. 5:79.

Qabel Kristu, fi żmienu u wara żmienu, ħafna dehrilhom li t-triq li twassal għassoċjetà ġusta u mibnija kif imiss hija t-triq tal-forza ta' min jiflaħ. Kristu għalih innifsu u għal min irid jimxi warajh, għażel triq oħra, li hija t-triq tal-imħabba, tal-ħniena, taddjalogu sinċier u fuq kollox it-triq tal-verità. Liema minn dawn iż-żewġ toroq twassal tabilħaqq għall-relazzjonijiet tajba fost il-bnedmin? Kif josserva Thomas Merton (Faith and Violence p.20) "Il-forza dejjem thares il-ġid ta' xi whud waqt li tissakrifika dak ta' xi oħrajn. Hija biss l-imħabba li tista' tilħaq u thares il-ġid ta' kulħadd".

Meta fid-dawl tal-Vanġelu nanalizzaw il-ġrajja traġika li semmejna fil-bidu, nsibu ruħna f'salib it-toroq. Kull wieħed minna, jrid u ma jridx, ikollu jagħmel l-għażla tiegħu. Liema triq ser ngħażlu għalina: dik ta' Kristu jew l-oħra kuntrarja għaliha? Ħenjin aħna jekk l-għażla tagħna tkun waħda għaqlija Minnha jiddependi l-ġejjieni ta' Art Twelidna".

(Omelija f'Ta' Pinu b'suffraġju ta' Karen Grech, 10 - 1 - 78).

NINQDEW SEWWA BIL-LIBERTA'

Meta jkun hemm xi dar li tibda thoss u jidhru l-konsenturi fil-ġebel, l-imgħallmin jinżlu biex jaraw f'hiex inhuma l-pedamenti. Ħafna drabi mill-pedamenti, mill-qiegħ ikun beda l-inkwiet.

Issa aħna xi drabi nistaqsu: għaliex ċerti nsara jgħixu kif ġie ġie? Għaliex ċerti nsara jiksru l-kmandamenti, ma jgħixux ħajja denja ta' ulied Alla? Però tajjeb li aħna neżaminaw mhux biss il-marda u s-sintomu, imma nippruvaw ninżlu iktar fil-fond, nippruvaw nistudjaw il-għerq li minnu ġejja din it-tendenza. Xi drabi, jekk mhux dejjem, dan ikun ġej għax ċerti nies ma għandhomx ideja ċara, eżatta u preċiża ta' dik li hi l-libertà tal-bniedem.

Il-Bniedem u l-Libertà

Il-bniedem hu mżejjen bil-libertà. Kif jgħidilna l-Papa Ljuni XIII fl-Enċiklika famuża tiegħu, il-libertà hija don t'Alla; Huwa żejjen lill-bnedmin b'dan ir-rigal biex il-bniedem ikun jista' jagħmel it-tajjeb u jimmerita l-glorja tas-smewwiet. Però mhux kulħadd jinqeda tajjeb bil-libertà tiegħu. Ċerti nies imorru wisq 'l bogħod u flok ma jużawha kif irid Alla, jabbużaw minnha, u b'hekk jagħmlu ħsara lilhom infushom u anke lill-oħrajn.

Nisimgħu ta' spiss il-kelma 'libertà' talkuxjenza, imma xi tfisser din il-libertà talkuxjenza? Il-Libertà tal-kuxjenza ma tfissirx li inti taħseb li trid int, temmen dak li trid int u kif jaqbillek u ġġib ruħek kif jidhirlek int u kapriċċik; dan huwa abbuż tallibertà, mhux il-libertà tal-kuxjenza. Il-libertà tal-kuxjenza tfisser illi *kull bniedem għandu dritt li jfittex il-verità*. Liberta' tal-Kuxjenza tfisser illi ħadd m'għandu jiġi ob-

bligat li jemmen kontra ir-rieda tiegħu għax bil-fors. It-twemmin mhix ħaġa ta' bil-fors, imma hija ħaġa li l-bniedem jaċċettaha minn rajh, għax irid hu, għax persważ li hemmhekk qiegħda l-verità. Libertà tal-kuxjenza tfisser li meta inti għandek il-kredu tiegħek, meta inti għandek it-twemmin tiegħek allura l-bnedmin ma għandhomx ifixkluk li tagħti l-qima 'l Alla kif inti thoss li huwa l-aħjar u l-iktar li jixraq.

Il-libertà tal-kuxjenza allura m'hix xi dritt tal-bniedem li qiegħed għalih waħdu, iżolat, minn dmirijiet oħra, imma l-libertà tal-kuxjenza iġġib magħha wkoll d-dmir li nfittxu l-verità; kull bniedem, hu min hu, għandu d-dmir li jfittex il-verità; u meta wieħed isib il-verità jinħtieġ li dik il-verità jħaddanha, għaliex ma nistgħux inmieru lissewwa magħruf, ma nistgħux ngħidu abjad lil dak li hu iswed.

Forsi ħafna nies il-verità għadhom ma sabuhiex, jew forsi għadhom ma sabuhiex kollha kemm hi, u dawn m'għandhom ebda ħtija, imma wieħed għandu dmir fil-kuxjenza tiegħu illi ifittex il-verità u meta isibha din il-verità jaċċettaha, u jistqarrha quddiem il-bnedmin l-oħra.

Anke aħna l-kattoliċi għandna l-libertà tal-kuxjenza. Il-Knisja stess tiddefendiha l-libertà tal-kuxjenza; anke il-Konċilju Vatikan II tkellem fuqha u qal li l-kuxjenza hija Santwarju intimu li fih il-bniedem jidħol f' kommunikazzjoni diretta m'Alla.

Ubbidjenza lejn Alla

Imma aħna l-Insara nafu u nemmnu li l-kuxjenza mhix awtonoma; l-kuxjenza liġi ma tivvintahiex hi, imma l-kuxjenza għandha l-obbligu li tfittex il-liġi, illi tfittex il-pjan li jrid Alla, l-Imbierek, u imbagħad toqgħod għalih. Allura għan-nisrani l-libertà tal-kuxjenza tfisser ukoll ubbidjenza lejn Alla; ma nistgħux nifirdu minn xulxin il-libertà tal-kuxjenza mid-dmir li nobdu lil Alla li aħna nirrikonoxxuh bħala Ħallieq tagħna, u Sid ta' kollox.

Alla għandu d-dritt li jagħtina l-liġi tiegħu; aħna għandna d-dmir li noqgħodu għal-liġi tiegħu. Hemm l-obbligu tal-ubbidjenza. Issa aħna l-Kattoliċi meta ngħidu l-Kredu ma ngħidux 'Jiena nemmen f'Alla wieħed' u nieqfu hemm; u anqas ngħidu 'jiena nemmen f'Ġesù Kristu' u nieqfu hemm; imma wara li ngħidu li nemmnu f'Alla u nemmnu fi Kristu aħna ngħidu ukoll "nemmen fi Knisja Mqaddsa Kattolika, Apostolika." Aħna bħala Kattoliċi nafu li l-Knisja għamilha Kristu, u nafu kif għamilha Kristu l-Knisja Tiegħu. Kristu ried li fil-Knisja tiegħu jkun hemm ir-Rgħajja u jkun hemm anke dawk li jimxu warajhom. Dan hu tagħlim li l-Knisja għallmitu matul l-20 seklu li ilha teżisti, tagħlim li għallmitu anke reċentement fil-Konċilju.

Allura, r-rgħajja tal-Knisja għandhom id-dritt u d-dmir li huma jmexxu, li huma jagħtu d-direttivi tagħhom, u l-insara, dawk

li huma verament Kattoliċi, għandhom d-dmir illi jimxu fuq id-direttivi tar-rgħajja spiritwali tagħhom. Allura l-Kattoliċi għandhom dmir tal-ubbidjenza mhux biss lejn Alla imma anke lejn ir-rgħajja spiritwali tagħhom; għaliex għall-Kattoliċi ir-rgħajja spiritwali jirrapreżentaw lil Alla.

Mela min irid jkun verament Kattoliku, jrid jitkellem mhux biss fuq id-dritt tal-libertà tal-kuxjenza, imma irid jitkellem ukoll fuq id-dmir *tal-ubbidjenza lejn Alla u lejn dawk li jirrappreżentaw 'l Alla,* inkella ma jkunx jitkellem ta' kattoliku. Ma jistax wieħed jkun Kattoliku tajjeb u fl-istess ħin jgħid "jiena ma noqgħodx għal dak li jgħid il-Papa, għal dak li jgħidu l-isqfijiet f'affarijiet ta' fidi u ta' morali nisranija". Dan ikun qiegħed jikkommetti assurdità. Ħadd ma hu obbligat li jkun kattoliku bil-fors anzi kattoliċi ta' din il-kwalità ma jiswewlha xejn lill-Knisja; aħna irridu kattoliċi persważi u konvinti, illi qegħdin fil-Knsja għax iħossu u huma konvinti li għalihom hija neċessità li jkunu fil-Knisja Kattolika.

Imma min hu verament Kattoliku irid jaċċetta il-Knisja kif inhi; il-Knisja Kattolika kif għamilha Kristu; il-Knisja Kattolika bil-mexxejja tagħha; il-Knisja Kattolika bil-liġijiet illi jagħmlu minnha soċjetà tal-bnedmin.

Il-Libertà ta' l-Espressjoni

Fi żminijietna aħna nisimgħu ħafna jitkellmu dwar il-Libertà tal-espressjoni, illi

wieħed dak li jħoss f'qalbu jkun jista jgħidu apertament. Hija ħaġa sabieħa din il-libertà tal-espressjoni, ħaġa ġejja minn Alla, kif inhi ħaġa sabieħa il-libertà tal-kuxjenza. Però x'ifisser libertà tal-espressjoni, u sa fejn tasal din il-libertà? Tfisser illi jiena, għad li neżerċita din il-libertà tal-espressjoni tiegħi u għandi dritt kollu li neżerċitaha, irrid nirrispetta wkoll il-libertà tal-espressjoni ta' ħaddieħor; jekk jiena għandi d-dritt li nitkellem, anke il-proxxmu tiegħi għandu d-dritt jitkellem. Tkun inġustizzja kbira jekk se-zjoni tan-nies ikollha l-libertà tal-espressjoni u tista' titkellem u sezzjoni oħra ma tkunx tista' tuża dak id-dritt u jkollha tibqa' b'ħalqha magħluq. Jekk għandu l-libertà tal-espressjoni t-tali jew it-tali, l-ieħor għandu jkollu wkoll libertà tal-espressjoni; l-isqof, il-kappillan, is-saċerdot, il-membru tal-Azzjoni Kattolika, il-membru tal-Legion, u jgħid dak li jħoss fil-kuxjenza tiegħu, dak li jidhirlu li hu veru, dak li jidhirlu li għandu jikkomunika lil sħabu il-bnedmin.

Allura Libertà tal-espressjoni, imma mhux lil sessjoni waħda tan-nies; libertà tal-espressjoni lil kulħadd għax inkella tkun qed issir inġustizzja, li intebħu biha mhux biss il-Kattoliċi, imma kull min għandu sens ta' raġuni u sens ta' dak li huwa xieraq.

Barra minn hekk il-Libertà tal-espressjoni fina l-insara trid tkun ukoll imsieħba mal-karità nisranija, kif igħidilna l-Appostlu Missierna San Pawl: "Dak kollu li tagħmlu għamluh bil-karità". Allura aħna l-insara għandna id-dritt kollu li bi kliemna neħdu-

ħa kontra l-iżball, kontra l-errur, kontra l-injuranza u ngħidu fejn hu qiegħed l-errur; imma aħna ma nistgħu qatt inżommu f'qalbna mibgħeda lejn il-persuna li tiżbalja, jew il-persuna li qabdet triq ħażina.

Allura nitkellmu iva, biex ngħidu fejn hi qegħda il-verità; Nitkellmu iva, biex ngħidu u nikkundannaw dak li jidħrilna li huwa żbaljat, imma fl-istess ħin għandu jkollna karità nisranija, u rispett anke lejn il-persuna li tiżbalja, lejn il-persuna li tonqos. U din il-lezzjoni, din id-distinzjoni bejn il-persuna li tiżbalja u l-iżball li tgħid, bejn il-midneb u d-dnub li jagħmel, isemmihielna mhux biss id-duttur tal-knisja S. Wistin imma anke l-Papa Giovanni XXIII.

Kemm kienet tkun aħjar u iktar moderna s-soċjetà tagħna kieku aħna fil-waqt li b'ħilitna kollha nippruvaw neliminaw u neqirdu l-iżbalji, id-dnub u l-ħtija, imma imbagħad ikollna iktar karità, iktar mogħdrija għal min żbalja jew għal min dineb.

Din hija mela, is-sitwazzjoni dwar iddritt tal-libertà. Aħna bħala Kattoliċi, mhux biss nammettu imma niddefendu d-dritt tal-Libertà. Bil-Konċilju f'idejna, dan nistgħu ngħiduh b'wiċċna minn quddiem li il-Knisja tiddefendi l-libertà, il-libertà tal-Kuxjenza u l-libertà tal-espressjoni, imma aħna nammettu wkoll li fiimkien ma dawn id-drittijiet hemm dmirijiet sagrosanti li l-bniedem għandu josservahom.

(Mid-Diskors fil-Manifestazzjoni Marjana. 12 - 8 - 79).

IL-QAWWA TAL-KELMA TA' KRISTU

Il-Kelma. Alla ħares ma kenitx il-kelma għalina l-bnedmin, għaliex permezz tal-kelma aħna nesprimu u nfissru l-fehmiet ta' moħħna u s-sentimenti ta' qalbna.

Il-Kelma: Alla ħares ma kenitx il-kelma għalina l-bnedmin, għaliex kieku ma kenitx tkun possibbli s-soċjetà. Imma ħafna drabi, din il-kelma tal-bnedmin kemm hija vojta. Ħafna drabi kemm kliem żejjed. Kemm kliem bla bżonn ... kemm kliem li ma jfisser xejn. Kemm kliem li ma jesponix il-verità; imma pjuttost il-qerq u l-gideb. Anzi, fiż-żmenijiet tagħna nistgħu ngħidu li hawn devalwazzjoni tal-kliem, għax diskors hawn ħafna, imma fatti ftit.

Jekk naqbdu f'idejna l-ġurnali, mimlijin bil-kliem tal-bnedmin. Jekk naqbdu 'transistor' jew niftħu t-T.V. mimli bi kliem u bid-diskors tal-bniedem: ħafna drabi diskors fieragħ, diskors li ma jfisser xejn u ma jiswa għal xejn.

Iżda mhux hekk il-Kelma ta' Alla. Il-Kelma ta' Alla l-Imbierek hija espressjoni minn tiegħu li ġġib magħha l-istess kwalitajiet, l-istess attributi li aħna nosservaw f' Alla l-Imbierek. Il-Kelma t'Alla hija Omnipotenti kif inhuwa omnipotenti Alla nnifsu. Il-Kelma t'Alla tista' kollox kif jista' kollox is-sid tal-ħolqien.

Hu difatti b'kelma waħda "FIAT" illi Alla l-Mulej mix-xejn ħalaq id-dinja, u dak kollu li fid-dinja jinsab. B'kelma waħda Kristu għamel mirakli u mirakli l-aktar kbar bħal meta quddiem il-qabar ta' Lazzru mejjet Huwa qallu: "Lazzru, oħroġ minn hemm", u minnufih dak li kien katavru reġa' ħa l-ħajja. Dak li kien diġà beda jitmermer fil-qabar, reġa' beda jgħix il-ħajja tal-bniedem. B'kelma waħda minn tiegħu, Kristu sikket l-irwiefen, jerġa' jġib il-bnazzi u l-paċi fit-tempesta fil-baħar tal-Galilea. B'kelma waħda biss tiegħu huwa jagħti d-dawl lill-għomja u jagħti s-smiegħ lit-torox, il-kelma lill-imbikkmin u s-saħħa lill-mifluġin. U Kristu awl il-lejl qabel ma miet, ried li jippronunzja għal darba oħra l-kelma omnipotenti tiegħu. Awl il-lejl qabel ma miet ried li hu jgħid żewġ kelmiet żgħar imma li jfissru ħafna. Ried li huwa jagħmel miraklu u miraklu mill-kbar nett.

Ippreżenta l-ħobż lill-appostli u qalilhom: "Dan huwa Ġismi". Ippreżenta wkoll il-kalċi tal-inbid u qalilhom: "Dan huwa Demmi". Il-Kelma ta' Kristu qawwija u omnipotenti, biddlet il-ħobż u l-inbid fil-ġisem u d-demm minn Tiegħu. L-istess ġisem u demm li ftit sieghat wara huwa kellu joffri għalina fuq is-salib.

Il-Knisja Kattolika, sa mill-ewwel żmenijiet dejjem emmnet u għallmet li b'dawk il-kelmiet l-Imgħallem divin bidel il-ħobż u l-inbid fil-ġisem u d-demm tiegħu. Il-Knisja

Kattolika sa mill-ewwel żmenijiet dejjem emmnet u għallmet illi Kristu huwa realment preżenti taħt ix-xbiehat tal-ħobż u tal-inbid ikkonsagrati. U hawnhekk jiena nisma' lid-Duttur tal-Knisja S. Ambroġ, imur igħidilna: "Għaliex tistagħġeb: jekk Alla bil-kelma tiegħu kien kapaċi mix-xejn joħloq kollox, allura dan l-istess Alla mhux kapaċi wkoll illi jibdel ħaġa li diġà bdiet teżisti f'ħaġa oħra; mhux kapaċi jibdel il-ħobż u l-inbid fil-ġisem u d-demm tas-Sinjur?"

Meta aħna naċċettaw dan it-twemmin tal-Knisja, aħna nkunu qegħdin nagħmlu att ta' fidi qawwija, fil-qawwa ta' Alla murija fil-ħajja ta' Kristu kollha kemm hi, imma b' mod partikolari fl-aħħar ċena minn Tiegħu, meta, bil-qawwa ta' Kelmtu, biddel il-ħobż u l-inbid fil-ġisem u d-demm tiegħu. Imma għadha ma ġietx eżawrita l-qawwa ta' Kristu, anke għad li biddel il-ħobż u l-inbid fil-ġisem u d-demm tiegħu, kien għad fadallu xi ħaġa oħra. X'jagħmel? Għal darba oħra juża l-kelma tawmaturga tiegħu u biha jamar lill-appostli li kien hemm mimdudin miegħu fuq il-mejda, u fil-persuna tal-appostli huwa kellu quddiemu lis-saċerdoti kollha tad-dinja kollha kemm hi sa l-aħħar taż-żmenijiet, għaliex is-setgħat li ta Kristu lill-Appostli kellhom igħaddu wkoll lis-suċċessuri tagħhom.

U x'jgħidilhom Ġesù lil dawk preżenti? "Agħmlu dan b'tifkira tiegħi". Dawn il-kelmiet m'humiex sempliċement ordni li Kristu ta lid-dixxipli tiegħu bħal meta wieħed sid

jagħti ordni lill-qaddejja tiegħu. Imma kienet ukoll SETGĦA li Huwa mar jikkomunikalhom. Kienet QAWWA li minn kelmet Kristu għaddiet għal għand id-dixxipli tiegħu. Kienet tkun gidba li Kristu kien igħidilhom lill-appostli tiegħu "agħmlu dan b'tifkira tiegħi: Ibdlu l-ħobż u l-inbid fil-ġisem u d-demm tiegħi", kieku l-appostli kellhom biss l-istess setgħat, l-istess ħila l-istess fakultà li għandhom il-bnedmin l-oħra. Imma Kristu, meta tahom l-ordni li b'tifkira tiegħu jġeddu l-Ewkaristija, dak il-mument huwa mar jagħtihom ukoll, is-setgħa saċerdotali illi joffru s-sagrifiċċju tal-quddiesa, illi jibdlu l-ħobż u l-inbid fil-ġisem u d-demm tiegħu.

Hekku, il-qawwa tal-Kelma t'Alla. Il-qawwa tal-kelma ta' Kristu. Kristu li ħalaq is-smewwiet u l-art, Kristu li fejjaq il-morda u għamel mirakli l-aktar kbar. Kristu li waqqaf l-Ewkaristija u biddel il-ħobż u l-inbid fil-ġisem u d-demm tiegħu. Kristu li waqqaf is-saċerdozju tal-liġi l-ġdida u li ta din is-setgħa, din il-fakultà soprannaturali lill-bnedmin li jistgħu bil-kelma tagħhom jibdlu huma wkoll il-ħobż u l-inbid fil-ġisem u d-demm ta' Kristu.

Meta aħna niċċelebraw l-Ewkaristija, għandna niċċelebraw dan il-misteru b'komprensjoni, jiġifieri li nippruvaw nifhmu, sakemm nistgħu, dak li nkunu qegħdin nagħmlu; għandna niċċelebraw dan il-misteru fi

spirtu ta' mħabba kbira lejn Kristu. Għax Kristu, għalhekk ivvinta l-ewkaristija, sforz l-imħabba tiegħu lejna; għaliex ħenn għalina. Jekk huwa ħabbna, jehtieġ li aħna nħobbuh ukoll. Imma fuq kollox, meta aħna niċċelebraw l-Ewkaristija, jehtieġ li jkollna fidi qawwija fi Kristu, fiduċja bla qies fis-setgħa bla tarf minn tiegħu. U l-bnedmin ta' żmenijietna jehtieġuha din il-fiduċja fi Kristu. Mhux lussu. Mhix xi ħaġa żejda, mhux sempliċement tiżjin jew xejxi li jkollna fiduċja fi Kristu. Imma l-bniedem tallum, jekk ma għandux fiduċja fi Kristu, ikun bniedem iddisprat, bniedem miexi filgħama, bniedem li ma jafx fejn ser imidd riġlejh. Għaliex?

Għax il-bniedem tas-seklu għoxrin, huwa differenti mill-bnedmin tas-seklu li għadda. Is-seklu dsatax, kien seklu ta' ottimiżmu, għaliex kulħadd ħaseb li l-bniedem kien wasal biex jagħmel il-meravilji, li x-xjenza kienet waslet biex issib tarf ta' kwalunkwe problema tal-bniedem. Is-seklu tagħna huwa s-seklu ta' pessimiżmu. Huwa seklu ta' gwerer. Huwa seklu tal-bomba atomika u tal-bomba tal-idroġenu. Huwa seklu li fih il-bnedmin qatgħu qalbhom minn xulxin, huwa seklu tad-dlam, huwa seklu taċ-ċpar.

Is-seklu tagħna ra ħafna idoli li kienu poġġew lilhom infushom minflok Alla, rahom jiġġarrfu u jaqgħu minn fuq il-pedestall tagħhom, jitfarrku u jsiru bċejjeċ. Kien idolu Hitler. Kien beżża' ħafna nies. Imma fejn

jinsab illum? Kulħadd jisħet it-tifkira minn tiegħu. Kien idolu Mussolini, fuq pedestall l-iktar għoli, imma fejn jinsab illum? Anqas biss iridu jsemmuh. U din il-waqa' tal-idoli għadha ma spiċċatx, għax min jippretendi li joqgħod minflok Alla, illum jew għada jaqa' ... il-lum jew għada jinstabat ma' l-art. U ħażin għalina l-bnedmin jekk irridu npoġġu l-fiduċja tagħna fl-idoli ta' din id-dinja. Ħażin għalina l-bnedmin, immorru mqarrqa, immorru travers jekk aħna naħsbu li l-hena u l-kuntentizza tagħna qegħda fil-bnedmin.

Fi Kristu npoġġu l-fiduċja tagħna, aħna l-insara. Fih aħna nafdaw. Lilu nħobbu aktar minn kull ħaġa oħra.

(Omelija fil-Bidu tal-Kungress Ewkaristiku, 23 - 9 - 1979).

NIBNU SOĊJETA' AĦJAR

Sewwa l-Apostlu Missierna San Pawl, kif ukoll l-Appostlu San Ġwann jitkellmu dwar ulied id-dawl u wlied id-dlam. Ulied id-dawl dawk li jimxu skond il-verità u jagħmlu opri tajba. Ulied id-dlam, dawk illi jgħixu ħajja tad-dnub.

U aħna nistgħu ngħidu li n-nies tad-dinja kollha kemm huma nistgħu naqsmuhom f'żewġ kategoriji kbar: dawk li jfittxu li jibnu u dawk li ħsiebhom biex iħottu u jeqirdu. Aħna bħala insara, bħala kattoliċi, ma nistgħux inkunu fost dawk li iħottu u jeqirdu, imma bħala insara u kattoliċi għandna nkunu fost dawk li jfittxu li jibnu. U hemm ħafna affarijiet x'nibnu. Għaliex anke is-soċjetà ta' madwarna, jeħtieġ li aħna nfittxu li nagħmluha aħjar.

Huwa dmir speċjalment tagħkom iż-żgħażagħ illi tagħmlu soċjetà aħjar minn dik li sibna, soċjetà li fiha hemm aktar verità. Għaliex ngħiduha kif inhi, fis-soċjetà tagħna hemm ħafna ipokresija, hemm ħafna wiċċ b'ieħor, hemm ħafna kliem ta' qerq. Jeħtieġ illi naħdmu, u intom iż-żgħażagħ iktar minna, biex ikollna dinja aħjar, ikollna soċjetà, li fiha hemm iktar ġustizzja; għax ngħiduha kif inhi, is-soċjetà tagħna tonqosha ħafna l-ġustizzja. Hawn min qed ibati inġustament, hawn min qed issir diskriminazzjoni kontrih. Hawn min id-drittijiet tiegħu mhumiex qed jiġu rispettati kif suppost li jkunu. Fuq kollox jeħtieġ li naħdmu biex ikollna soċjetà li fiha tidher u tinħass iżjed il-karità ta' Kristu, l-imħabba tal-aħwa, għax ngħiduha kif inhi, is-soċjetà li qegħdin ngħixu fiha, hija soċjetà illi xi darba jinħass fiha dan it-tmermir, din il-korruzzjoni tal-mibgħeda. Hija soċjetà illi fiha ħafna drabi ninnutaw l-għira. Hija soċjetà fejn bosta drabi hemm l-indifferenza u wieħed ma jagħtix każ ta' dak li qed isofri, ta' dak li qed iġarrab il-proxxmu tiegħu.

Dan ifisser meta ngħidu li jeħtieġ li nkunu fost dawk li jibnu, dan ifisser meta ngħidu li nkunu ulied id-dawl però nistgħu

aħna, bil-ħila tagħna biss nagħmlu xi ħaġa tat-tajjeb, xi ħaġa tal-ġid? "Jekk il-Mulej ma jibnix id-dar, għalxejn jitħabtu il-bennejja", hekk qal is-Salmista eluf ta' snin ilu. U din għadha verità u tibqa sal-aħħar taż-żmenijiet. Jekk irridu nibnu fuq pedament sod, jekk irridu nagħmlu xi ħaġa tal-ġid u li jkun ġid veru illi jilħaq 'l bniedem kollu kemm hu, il-ħajja tal-ġisem u l-ħajja tar-ruħ tiegħu, aħna rridu naħdmu ma' Kristu u bi Kristu, u għalhekk jeħtieġ li aħna nħossuha din il-ħtieġa li nħobbu lil Kristu, bħala ħabib tagħna, għaliex huwa veru li lilkom iż-żgħażagħ Kristu għandu bżonnkom. Ma ngħidx il-Papa, ma ngħidx l-isqfijiet, ma ngħidx il-Knisja għandha bżonnkom, imma ngħid Kristu għandu bżonnkom. Għaliex?

Il-għaliex huwa pprepara illi l-opra ta' fidwa u ta' salvazzjoni fid-dinja, dik li beda hu titkompla minna l-bnedmin. Mingħajr ħidma tagħna l-bnedmin, mingħajr il-ħidma tagħkom iż-żgħażagħ, il-kelma ta' Kristu ma tistax tiġi mxandra. Mingħajr il-koperazzjoni tagħna l-bnedmin, ma jistax ikun illi l-ġid illi Kristu ġie biex iqassam fid-dinja jasal għand il-bnedmin l-oħra. Però huwa veru ukoll illi jekk Kristu għandu x'jambi lilkom iż-żgħażagħ, intkom iż-żgħażagħ għandkom x'tambuh lil Kristu. Teħtieġuh 'il Kristu. Jekk ma jkollkomx lil Kristu, intom flok il-ġid tagħmlu d-deni; flok ma ssibu l-ħena tal-qalb tagħkom, issibu pjuttost dak li jassarkom, itellfilkom il-vera libertà tagħkom.

Għalhekk, mela indaħħluha f'moħħna illi ma nkunux mal-qerrieda, ma nkunux minn dawk li jħottu, ma nkunux minn dawk li jagħmlu l-ħsara madwarhom; imma nkunu bennejja, nagħmlu l-ġid kif nistgħu u mill-aħjar li nistgħu, mhux weħidna, imma flimkien ma' Kristu u bil-għajnuna tiegħu.

(Diskors liż-żgħażagħ fi-okkażjoni tal-Kungress Ewkaristiku 26 - 9 - 79).

IL-FIDI TAL-POPLU TAGĦNA

Fl-istorja glorjuża ta' pajjiżna, hemm ġrajja mportanti li ħalliet marka li ma titħassar qatt fil-ħajja u fil-mentalità tal-poplu tagħna. Hija l-miġja tal-Appostlu Missierna San Pawl fuq xtut artna. Din il-ġrajja mhux biss ġabet rivoluzzjoni fid-drawwiet tal-ġens Malti ta' dak iż-żmien, li għadda mid-dlam tal-paganiżmu għad-dawl tar-reliġjon nisranija, iżda għall-medda twila ta' kważi elfejn sena, baqgħet tinħass u tinfluwenza l-ġrajjiet l-oħra ta' Art Twelidna.

L-Appostlu Missierna ġabilna żewġ rigali kbar li missirijietna laqgħuhom bil-ferħ u li aħna wkoll għandna ngħożżuhom u napprezzawhom: ġabilna **l-fidi** fi Kristu u **l-Ewkaristija.**

Bejn dawn it-tnejn hemm rabta l-iktar mill-qrib. Minn naħa l-waħda hija meħtieġa l-fidi fi Kristu u fil-kelma tiegħu biex wieħed

jaċċetta l-misteru tal-Ewkaristija u għal-hekk iċ-ċelebrazzjoni ewkaristika titlob atmosfera ta' fidi. Min-naħa l-oħra hija l-Ewkaristija li tqawwi l-fidi, tagħti l-grazzja u l-għajnuniet meħtieġa biex wieħed jista' jżomm sħiħ fil-fidi tiegħu u tibni l-kommunità tal-fidi li hija l-Knisja.

Din il-fidi, għad li tniżżel l-għeruq tagħha fil-moħħ u fil-qalb tal-bniedem li jilqagħha, mhix xi ħaġa li tibqa' moħbija u midfuna fil-ħajja privata tiegħu, iżda tidher filberaħ fir-relazzjonijiet li n-nisrani jkollu ma' bnedmin oħra u fil-ħajja tas-soċjetà.

U l-poplu tagħna, poplu nisrani, il-fidi tiegħu fi Kristu u fl-Ewkaristija wriha iżjed minn darba u iktar minn b'mod wieħed matul il-mixja taż-żmenijiet.

Hekk nistgħu ngħidu li kienu bosta xxogħlijiet tal-arti f'pajjiżna fil-qasam talletteratura, mużika, pittura u arkitettura li kienu spirati mill-fidi nisranija.

Però, il-fidi nisranija ma ġietx murija biss fil-patrimonju kulturali ta' ġensna. Wisq iktar importanti mill-espressjoni artistika, huma l-valuri tal-Vanġelu mibnijin fuq ittagħlim ta' Kristu u msaħħin bil-qawwa li tiġi mill-Ewkaristija. B'dawn il-valuri li missirijietna għożżew, wettqu fil-ħajja tagħhom u għaddew lilna bħala wirt l-iktar għażiż, huma taw xhieda tal-fidi tagħhom quddiem id-dinja.

Minkejja t-tbatijiet li ġarrbu u l-kriżi li għadda minnhom, il-poplu tagħna qatt ma waqa' f'disperazzjoni, iżda wera dejjem sinjali ta' kuraġġ u ottimiżmu nisrani għaliex emmen fil-messaġġ ta' Kristu li fis-sema għandna Missier Alla ta' qawwa u ta' ħniena li jħobbna bħal ulied l-iktar għeżież u ma jitlaqna qatt weħidna.

Għad li iktar minn darba kien umiljat u mkasbar, il-poplu tagħna ma tilef qatt issens tad-dinjità għolja tal-persuna umana għaliex tgħallem mill-Vanġelu li kull bniedem għandu ruħ maħluqa minn Alla, mifdija bid-demm imqaddes ta' Kristu u ddestinata għall-ħena tal-Ġenna, f'ħajja oħra li qatt ma tintemm u taħt dan l-aspett, il-bnedmin kollha huma ndaqs.

Mhux darba jew tnejn matul l-istorja tiegħu, il-poplu tagħna kellu jsaqqaf wiċċu mat-tentazzjoni tal-materjaliżmu u sab ruħu kostrett li jagħżel bejn il-ġid ta' din id-dinja u l-ġid spiritwali li jibqa' għal dejjem. Iżda huwa żamm quddiem għajnejh il-kelmiet ta' Kristu li "il-bniedem mhux bil-ħobż biss igħix"; "xi jkun jiswielu l-bniedem jekk jikseb id-dinja kollha u mbagħad jitlef ħajtu?"; u għal din it-tentazzjoni l-poplu tagħna ma ċeda qatt, għaliex ħadd għadu qatt ma rnexxielu illi jġiegħel 'l poplu tagħna jbiegħ ilfidi għall-flus jew għall-vantaġġi oħra materjali.

Kien hemm, u mhux darba, min ipprova

jiżra' fostna s-sikrana tal-mibgħeda u l-firda. 'Il hawn u 'l hemm ġie li f'pajjiżna nqala' t-tilwim. Iżda ħadd ma jista' jgħid li ntfiet għal kollox fina l-karità tal-proxxmu li fuqha Kristu tant insista. Akkost ta' sagrifiċċji mhux żgħar, sal-lum il-poplu tagħna rnexxielu jsalva l-għaqda fostu. Hu qatt ma ttebba' bid-demm ta' gwerra ċivili u kull meta qabad l-armi f'idejh kien f'dagħdigħa ta' għadab għall-barrani li ppretenda jaħkem fuqu bil-qerq u bl-inġustizzja.

Pajjiżna ma jistax jiftaħar li huwa għani, u jonqsuh ħafna riżorsi naturali li għandhom pajjiżi oħra. L-anqas nistgħu ngħidu li l-poplu tagħna huwa poplu sinjur f'dak li huwa ġid materjali, iżda huwa mżejjen b'nobilità tal-qalb, għaliex għandu sentimenti ta' ħniena għal min hu batut. Kull wieħed minna jaf jagħder u jħenn għal min hu ifqar minnu u mill-ftit li għandna lesti dejjem ngħinu lill-oħrajn għaliex huma minquxin ġo moħħna l-kelmiet ta' Kristu: "Henjin dawk li jħennu għax huma jsibu ħniena". (Mt 5:7).

Biex jitħabbeb mal-idejali ta' fraternità, ugwaljanza u libertà, il-poplu tagħna ma kellux għalfejn jistenna r-rivoluzzjoni Franċiża u r-rivoluzzjonijiet l-oħra li ġew warajha, bittixrid ta' demm li ġabu magħhom. Dawn l-idejali u idejali oħra xejn inqas għolja minnhom, ġensna kien tgħallimhom f'rivoluzzjoni oħra, rivoluzzjoni paċifika iżda profonda, għax tbiddel mill-qiegħ il-fehma u r-rieda

ta' l-individwi, il-konverżjoni tiegħu għar-reliġjon nisranija; meta wara l-predikazzjoni ta' San Pawl ġensna fetaħ beraħ il-bibien ta' qalbu għal Kristu u għat-tagħlim tiegħu.

X'kien ikun qatt il-poplu tagħna, kieku ma kellux id-dawl u l-qawwa li jagħtu l-valuri nsara? Kien ikun poplu bla sinsla, qabda opportunisti, fejn min jifilaħ l-iżjed, jaħkem u jaħqar lil ħaddieħor. Il-kors tal-istorja ta' pajjiżna kien ikun totalment differenti kieku ma kellniex il-prinċipji tal-fidi nisranija li jiggwidaw u jifformaw il-kuxjenza tan-nies tagħna.

L-iskop ta' din il-laqgħa tagħna, il-lejla, huwa dak li nagħtu qima lil Kristu fil-misteru tal-Ewkaristija; iżda barra minn hekk, il-lejla l-poplu Għawdxi jrid ukoll jirrikonoxxi pubblikament lil Kristu bħala Salvatur tal-bnedmin u jistqarr li huwa jemmen fi Kristu u jemmen fil-valuri tal-Vanġelu tiegħu.

Il-lejla nixtieq nagħmlu tagħna l-għajta tal-Appostlu tal-Ġnus: "Min se jifridna mill-imħabba ta' Kristu? It-taħbit, id-dwejjaq, il-persekuzzjoni, il-ġuħ, il-għera, it-tiġrib, ix-xabla? ... Jiena żgur li la l-mewt u la l-ħajja, la l-anġli u la l-qawwiet, la ż-żmien t'issa u la ta' li ġej, la s-setgħat, la l-għoli u lanqas il-fond, u ebda ħlieqa oħra ma jistgħu qatt jifirduna mill-imħabba ta' Alla għalina li dehret fi Kristu Ġesù Sidna. (Rom 8:35).

L-imgħoddi huwa garanzija għall-ġejjieni. Din hija x-xewqa u t-tama qawwija li anke fil-futur, minkejja kollox, ġensna ma jasal qatt biex jittradixxi lil Kristu, iżda jibqa' dejjem magħqud miegħu bil-fidi u bl-imħabba".

(Diskors: Egħluq Kungress Ewkaristiku Djoċesan, 30 - 9 - 1979).

ALLA, IĊ-ĊENTRU TA' KOLLOX

Il-Vanġelu jgħidilna l-istorja ta' għaxra min-nies morda bil-ġdiem u mfejjqa minn Kristu. Dawna ma kenux jgħixu waħal bnedmin l-oħra imma kienu jgħixu 'l bogħod mill-abitat, il-bogħod mil-belt, għaliex is-soċjetà kienet tibża minnhom. U anke fi żminijietna għandna nies li s-soċjetà twarrabhom fil-ġenb, li s-soċjetà ma tagħtihomx importanza; fost dawn il-persuni illi illum insejħulhom emarġinati insibu l-anzjani, l-morda, l-immankati, dawk li m'humiex kapaċi jtellqu t-tiġrija tal-produzzjoni flimkien ma nies oħrajn. Imma s-soċjetà ta' illum mhux biss twarrab fil-ġenb lil dawn il-persuni u tagħmel inġustizzja magħhom imma hemm ukoll *emarġinat ieħor* li s-soċjetà ta' żmenijietna ma tagħtihx importanza..... u dan l-emarġinat huwa Alla.

Is-soċjetà ta' illum lil Alla ma tridx taf biH; is-soċjetà ta' illum għaliha Alla qisu

ma kienx jeżisti; s-soċjetà ta' illum tpoġġi l-fiduċja tagħha mhux fil-ħniena u t-tjubija t'Alla l-Missier, li fil-providenza tiegħu jaħseb f'kulħadd, imma tpoġġi *l-fiduċja tagħha fil-ħila tal-bniedem,* fil-progress tal-bnedmin, f'dak li x-xjenza u teknoloġija irnexxilhom jiskopru u jwettqu.

Alla huwa emarġinat. Ħafna pajjiżi fiddinja ta' illum jiddikjaraw ruħhom ateisti: lil Alla jiċħduh; u fuq dan il-prinċipju jibnu s-sistema soċjali tagħhom kollu kemm hu mill-bidu sal-aħħar. Pajjiżi oħrajn ma jaslux sa hawnhekk, ma jaslux biex jiċħdu lil Alla, imma iwarrbuh fil-ġenb, jidrilhom li ma hemmx għalfejn wieħed joqgħod isemmih; ma hemmx għalfejn jagħti kas tal-liġi mqaddsa tiegħu, għaliex xi bnedmin jaħsbu li bl-esperjenza tagħhom u mingħajr Alla, huma għorrief u bravi biżżejjed biex jistgħu jiksbu l-hena tagħhom.

Dana, huwa żball, għaliex Alla huwa ċ-ċentru u l-qalb ta' kollox; Alla huwa l-bidu u t-tmiem ta' kollox. Il-bniedem mingħajr Alla ma jsibx serħan fil-qalb tiegħu. Il-bniedem mingħajr Alla ma għandux id-dawl li jmexxi l-passi tiegħu f'din il-ħajja. U mhux biss il-bniedem imma s-soċjetà, kollha kemm hi, teħtieġ lil Alla. Is-soċjetà kollha kemm hi taqa' f'diżordni u taħwid meta l-liġi t'Alla ma tiġix rikonoxxuta, meta r-rieda tal-Mulej ma tingħatax l-importanza li jistħoqqilha.

U aħna l-kattoliċi nemmnu f'Alla; aħna l-Kattoliċi nistqarruha l-preżenza t'Alla; aħna l-kattoliċi nafu li niddependu minn Alla u għalhekk lil Alla niftakru fiH mhux biss meta nkunu fil-Knisja, mhux biss meta nitolbu, imma wkoll meta nmorru għax-xogħol, għax aħna nemmnu li Alla jagħtina d-dehen u s-saħħa biex nistgħu nwettqu dmirijietna. Niftakru f'Alla anke meta mmorru għad-divertiment għax nafu li Alla waħdu li jista' jqaddes il-ferħ tagħna u jagħtina l-vera paċi tal-qalb. Niftakru f'Alla anke fil-familji tagħna għaliex fejn m' hemmx barka t'Alla, fejn Alla ma għandux il-qima li għaliha għandu dritt, dik id-dar tkun tonqosha xi ħaġa, u xi ħaġa essenzjali.

Għalhekk jixraq li *b'mod pubbliku* niftakru f'Alla u nirringrazzjawh. U dan li qed nagħmlu illum nagħmluh mhux il-lum biss, għaliex n-nisrani ma jistenniex il Jum tar-Ringrazzjament biex irodd ħajr lil Alla. L-eżistenza kollha tan-nisrani għandha tkun innu ta' Ringrazzjament lil Alla.

Fil-qalb tagħna, fit-talb tagħna lil Alla għandna nirringrazzjawh ta' *kull jum,* ta' *kull mument* għal dak kollu li għamel magħna, għall-għajnuniet li jagħtina *fil-ħajja tarruħ* u tal-ġisem. Nirringrazzjaw l' Alla għal dak kollu li għamel mal-familji tagħna, mad-djoċesi tagħna, mal-parroċċa tagħna, ma pajjiżna kollu kemm hu, Alla illi fil-qawwa tiegħu anke fost it-taħwid u d-dlam imexxi kors tal-istorja tal-umanità

Imma barra milli nirringrazzjaw *privatament* u ta' kulljum u ta' spiss, tajjeb li illum b'mod iktar solenni, lil Alla ngħidulu min qalbna il-grazzi tagħna. U biex dan ir-ringrazzjament ikun iktar denn li jitressaq qud diem Alla, aħna issa sejrin noffru s-sagrifiċċju Ewkaristiku. *L-Ewkaristija* kif jindikalna l-istess isem hija "radd il-ħajr lill-Alla". Fl-Ewkaristija aħna nirrikonoxxu u ngħarfu d-drittijiet li Alla għandu fuq il-bniedmin; fl-Ewkaristija flimkien ma Kristu s-Sommu Saċerdot u l-vittma divina aħna inresqu r-radd il-ħajr tagħna lil Mulej.

(Mill-Omelija f'Jum ir-Radd il-Ħajr;
Ta' Pinu, 22 - 11 - 79)

IL-LIBERTA' RELIĠJUŻA

Fl-enċiklika "Redemptor Hominis" (n. 17) il-Papa Ġwanni Pawlu II jgħidilna; "Ma nistgħux ma nfakkrux b'rispett kbir u b'tama għall-ġejjieni, l-isforz tal-għaġeb li sar biex tingħata ħajja lill-Ġnus Magħquda, sforz li għandu jwassal biex ikunu definiti u stabiliti **d-drittijiet oġġettivi u inaljenabbli tal-bniedem** u biex l-Istati membri jwiegħdu lil xulxin li josservawhom bir-reqqa. Dan l-impenn ġie aċċettat u ratifikat minn kważi l-Istati kollha tal-lum u dan għandu jikkostitwixxi granzija biex **id-drittijiet tal-bniedem fil-ġejjieni jsiru prinċipju fundamentali ta ħidma għall-ġid tal-bniedem."**

Nistgħu ngħidu li fil-Knisja Katolika, dan it-tagħlim dwar id-drittijiet tal-bniedem u din l-insistenza fuqhom huma mhux biss attwali iżda ta' utilita' kbira. Hemm għall-inqas tliet raġunijiet għaliex ngħidu hekk: (1) Il-ħidma għal ġid spiritwali u temporali tal-bniedmin li twettaq il-Knisja, għandha tkun ibbażata wkoll fuq id-drittijiet umani; (2) Il-Knisja qegħda f'epoka ta' djalogu ekumeniku, li jinkludi mhux biss l-insara kollha li jemmnu fi Kristu, iżda wkoll lil dawk il-bniedmin li jemmnu f'Alla u fi Kristu ma jemmnux. Biex niddjalogaw ma din il-kategorija ta' nies, l-aħjar bażi kommuni li għandna u li hija aċċettata minnhom u minna, hija dik tad-drittijiet umani; (3) Kif naqraw, fil-Kostituzzjoni tal-Konċilju Vatikan II, Gaudium et Spes, l-Knisja qegħda fi djalogu mal-umanita' kollha kemm hi. Dan ifisser djalogu anke mal-atejisti u ma dawk li għandhom idejoloġiji li huma differenti mill-prinċipji tagħna. Issa dawn it-talin, għad li mhux dejjem, iżda ħafna drabi jkollhom ċertu sens ta' onesta' u jkunu lesti li jaċċettaw id-drittijiet umani bħala skop li għalih naħdmu u nħabirku flimkien, huma u aħna.

Minn dan li għidna, jsegwi li huwa mportanti ħafna li l-kattoliċi ta' żminijietna jkollhom ideja ċara ta' dawn il-jeddijiet umani. Issa fost dawn il-jeddijiet, wieħed mill-iktar primordjali huwa **d-dritt tal-liberta' tal-kuxjenza u d-dritt tal-liberta' reliġjuża.**

Jixraq qabel xejn li wieħed jagħti daqqa t'għajn lejn **l-iżvilupp storiku** ta' dik il-men-

talita' li wasslet sabiex jiġu rikonoxxuti l-jeddijiet umani, sewwa jekk neħduhom ilkoll flimkien, kif ukoll jekk nidħadttu speċifikament dwar id-dritt tal-liberta' reliġjuża.

L-iżvilupp tas-sistema tal-jeddijiet umani

(i) Nistgħu nibdew mill-**istojiċiżmu,** il-filosofija greko-romana li kienet prevalenti fi żmien Kristu u ftit wara. L-istojiċi kienu jammettu li kull bniedem peress li għandu sehem mir-ruħ tad-dinja u għandu fih qisha xrara tad-divinità, suppost li għandu l-libertà oriġinali u l-egwaljanza ta' drittijiet. Dawn it-titoli huma anterjuri għas-setgħa li għandu l-imperatur jew min jagħmel il-liġijiet.

(ii) **Il-Kristjaneżmu primitiv:** Sa minn dak iż-żmien kienu jemmnu fil-misteru tax-Xirka tal-Qaddisin. L-insara kienu jżommu li kull bniedem huwa maħluq xbieha t'Alla, imsejjaħ biex ikun iben t'Alla u għad li l-bniedem iġġarraf fid-dnub iżda jibqa' kapaċi li jiġi salvat bil-grazzja ta' Kristu. Ta' min jinnota fost oħrajn l-espressjoni ta' San Ljun il-Kbir: "Agħraf o nisrani d-dinjità tiegħek". Din id-dinjità tan-nisrani hija bbażata fuq il-fatt li huwa iben adottiv t'Alla u li għandu l-ħajja sopranaturali ġewwa fih.

(iii) **Fl-ewwel sekli tal-Medju Evu,** iżjed milli fuq id-drittijiet tal-individwu kienu jitkellmu fuq id-drittijiet korporativi. L-ideja tad-drittijiet umani, għad li kienet impliċita

fil-mentalità ta' dak iż-żmien, iżda kien għadha mhix ċara biżżejjed. Is-soċjetà kienet organizzata f'korporazzjonijiet jew gruppi ta' nies li kellhom l-istess interessi jew professjoni. Kien hemm mhux biss l-organizzazzjoni tal-Kleru u tan-nobbli, iżda wkoll il-'guilds' jew korporazzjonijiet talbennejja, mastrudaxxi, eċċ. Il-bniedem kellu jeddijiet mhux bħala bniedem, iżda bħala membru tal-organizzazzjoni li kien fiha, u bħala tali kien igawdi dawk li jsejħulhom "libertas, privilegium, honor, dignitas, status, ius." Fl-Ingilterra, il-Magna Charta Libertatum (1215) ikkonfermat id-drittijiet u l-libertajiet li n-nobbli kellhom igawdu bla ma jiġu mfixkla mis-sultan.

(iv) Fit-tagħlim tal-**Iskolastika** ġew żviluppati l-prinċipji tal-persuna umana bħal suġġett tad-drittijiet u tad-dmirijiet. Il-persuna umana kienet ikkunsidrata bħala l-ogħla ħaġa u l-aqwa perfezzjoni fil-ħolqien. Hija mżejna mhux biss bir-raġuni, iżda anke bil-libertà. Dawn il-prinċipji swew bħala pedament għad-duttrina soċjali tal-Knisja Kattolika u għall-iżvilupp tagħha.

(v) **Il-Kostituzzjoni Amerikana:** Il-formulazzjoni dettaljata tal-jeddijiet umani bħala jeddijiet anterjuri u superjuri għassetgħa tal-Istat ma saritx fil-Medju Evu u l-anqas fi żmien ir-Riforma, imma fi żminijiet iktar riċenti, cioè wara r-Rivoluzzjoni Amerikana, fl-1776, meta ġiet approvata l-liġi hekk

imsejħa, "Bill of Rights of the Constitution of Virginia".

(vi) **Ir-Rivoluzzjoni Franċiża:** Dawn l-idejali tal-libertà u tal-egwaljanza, fl-Ewropa ġew imxerrda u ppromulgati iktar tard. In konnessjoni mar-Rivoluzzjoni Franċiża u bħala riżultat tagħha, saret l-ewwel kodifikazzjoni tad-drittijiet tal-bniedem u taċ-ċittadini fid-'Declaration of Human Rights' tal-1789 u fil-Kostituzzjoni Franċiża tal-1791. Din serviet ta' mudell għal-liġijiet kostituzzjonali ta' pajjiżi oħra fl-Ewropa. Ta' min josserva li d-drittijiet umani, kif nafuhom illum, għandhom rabta ma' żewġ rivoluzzjonijiet: ir-Rivoluzzjoni Amerikana u dik Franċiża.

(vii) Skond il-**Marxiżmu-Leniniżmu**, jeżistu d-drittijiet taċ-ċittadini li huma fiddiskrezzjoni tal-Istat u jiddependu mil-liġi pożittiva u mhux mill-istess natura umana. Fi kliem ieħor, dawn il-jeddijiet jeżistu filbniedem, mhux għax tagħomlu Alla u l-anqas għaliex huma inerenti fin-natura tiegħu ta' bniedem, iżda għax tahomlu l-Istat li lejh il-bniedem huwa suġġett bħala ċittadin. Dawn il-jeddijiet l-Istat jista' jnaqqashom u f'xi każi partikolari anke jirtirahom.

(viii) Is-seklu tagħna kellu x-xorti ħażina li jirreġistra fl-istorja tiegħu l-preżenza u l-attività tal-Istati Totalitarji. Biżżejjed insemmu n-Naziżmu, il-Faxxiżmu u l-Istaliniżmu. Illum f'ċerti stati tal-Amerika Latina,

jeżisti r-reġim tas-Sigurtà Nazzjonali, bi gvern militari u dittatorjali. Dawn l-**istati totalitarji** jiċħdu l-awtonomija morali u responsabilitià tal-bniedem bħala persuna u fid-deċiżjonijiet tagħhom huma ggwidati mill-kriterju tal-utilitarjaniżmu: dak kollu li jiswa għall-pajjiż jew għall-Istat, huwa tajjeb jew għall-anqas tollerat. It-teżi ta' Hitler kienet: "What is useful to my own people, is just", u dik ta' Lenin: "What is useful to the Party, the vanguard of the proletariat, is moral." Jekk wieħed jimxi bi kriterji bħal dawn, id-drittijiet umani jiġu sagrifikati.

(ix) Fl-1948, ġiet ifformulata u ppublikata d-dikjarazzjoni dwar id-drittijiet umani, mill-Organizzazzjoni tal-Ġnus Magħquda. (U.N.O.) Però, dik id-dikjarazzjoni mhix perfetta u hemm raġuni għal dan in-nuqqas ta' perfezzjoni: Dik l-istqarrija mhix ħlief ilkompromess bejn żewġ mentalitajiet opposti, il-mentalità tal-pajjiżi ħielsa u dik tal-pajjiżi dominati mir-Russja Sovjetika. Madankollu dik id-dikjarazzjoni tiġbor fiha sett ta' prinċipji validi, li huma kkunsidrati bħal wieħed mill-prodotti importanti tas-seklu għoxrin.

(x) Is-seklu tagħna, barra miż-żewġ gwerer li għadda minnhom, kellu wkoll id-diżgrazzja li jġarrab l-esperjenza tal-**gruppi terroristiċi.** Dawn jissemmew ħafna fl-Italja, u fil-Ġermanja, iżda ma hemm ebda garanzija li għada pitgħada ma jixterdux f'pajjiżi oħra

tad-dinja. Huma differenti għaliex l-iskop determinat li għalih iħabirku ma huwiex l-istess. Xi wħud għandhom bħal għan tagħhom dak li jiksbu l-indipendenza ta' pajjiżhom mill-ħakma barranija, jew li tiġi rikonoxxuta s-sovranità tiegħu. Oħrajn, bħal ma huma l-Brigate Rosse fl-Italja, jidher li għandhom bħala skop tagħhom dak li jwaqqgħu l-istat liberali ibbażat fuq il-liġi, għaliex jikkonsidrawh bħal l-aġħar poter ripressiv. Minn għalihom li l-Istat kif inhu mfassal attwalment, mhux qed jiggarantixxi ljeddijiet umani, u l-anqas qed iġħin fil-promozzjoni tal-bniedem, iżda għall-kuntrarju qed joħnoqlu kull libertà. Għalhekk iridu jwaqqgħu l-istat biex, kif iġħidu huma, joħolqu soċjetà ġdida li fiha l-bniedem igawdi d-drittijiet tiegħu.

Din il-ħolma tagħhom, li joħolqu anarkiji, mhux biss hija ħolma impossibbli, iżda wkoll perikoluża ħafna, kif jidher mill-ħafna ħsara u vittmi umani li għamlet diġà f' diversi pajjiżi. Barra minn hekk, dawn ilgruppi terroristiċi, qed jużaw l-istess makkjavelliżmu u l-istess repressjoni li jużaw l-Istati Totalitarji u li huma, jgħidu li jikkundannaw; biex jalu għall-iskop tagħhom, għalihom kull mezz huwa leċitu anke l-qtil u s-sabotaġġ.

Issa wara li rajna, fuq fuq, kif it-teorija tad-drittijiet umani żviluppat matul issekli, tajjeb li nitkelmu direttament fuq issuġġett tagħna, jiġifieri l-liberta' tal-kux-

jenza u l-liberta' tal-kult jew liberta' reliġjuża.

Il-Libertà Reliġjusa fid-Digriet 'Dignitatis Humanae' u fl-Enciklika 'Redemptor Hominis'

L-ewwelnett tiġi l-liberta' tal-kuxjenza, għaliex din hija ż-żona l-iktar interna tal-liberta' u s-sede tal-konvinzjonijiet personali tal-bniedem. Iżda peress li fih hemm ruħ u ġisem, u l-ħajja tiegħu barra mill-aspett individwali għanda wkoll aspett soċjali, l-liberta' nterna tal-kuxjenza jeħtieġ li tiġi esternata fil-kult, fl-atti ta' qima, ċioe fit-twettiq tar-reliġjon.

Fid-Degriet "Dignitatis Humanae" dawn iżżewġ aspetti tal-liberta' huma meħuba flimkien. Il-Liberta' reliġjuża - jgħidilna dan id-Degriet (n.2.) "tikkonsisti filli l-bniedmin kollha għandhom ikunu ħielsa minn pressjoni kemm ta' individwi u kemm ta' gruppi soċjali u ta' kull setgħa umana u hekk li fil-ħwejjeġ reliġjużi l-anqas ħadd ma jkun imġiegħel li jmur kontra l-kuxjenza tiegħu jew li jkun imfixkel milli jimxi skond il-kuxjenza tiegħu fil-ħajja privata u pubblika, waħdu jew flimkien ma oħrajn, fil-limiti li jixirqu."

L-ewwelnett wieħed irid iqis l-*estensjoni* ta' dan id-dritt tal-liberta' reliġjuża. Dan il-jedd ma jirrigwardax il-kattoliċi jew l-insara biss iżda huwa estiż għal bniedmin kollha, hi x' inhi r-reliġjon tagħhom.

It-tieni, hija eskluża kull xorta ta' koer-

ċizzjoni, tiġi minn min tiġi, sewwa jekk ikun individwali dawk li jagħmluha kif jekk ikunu gruppi. Ħadd ma jista jagħmel din il-pressjoni jew koerċizzjoni fuq l-oħrajn, l-anqas l-Istat u kull min għandu setgħa oħra. Dan jgħodd ukoll għall-Awtorità Ekkleżjastika, li kif jammetti l-istess Konċilju Vatikan II, ma għandiex setgħa tagħmel vjolenza fuq il-kuxjenzi.

It-tielet, ta' min josserva li *s-sisien* ta' din il- liberta' reliġjuża, huma inerenti fil-persuna tal-bniedem stess u mhux fid-dispożizzjonijiet soġġettivi tiegħu. Fi kliem ieħor, dan id-dritt ma jiddependix mill-fatt jekk il-persuna tkunx fi-iżball jew le, ikolliex ħtija jew le. "Għaldaqstant, id-dritt għall din l-immunità, jibqa hemm anke f'dawk li ma jwettqux dmirihom li jfittxu l-verità u jħaddnuha." (Dignitatis Humanae u. 2.) Il-Konċilju jinsisti li kull bniedem għandu d-dmir li jfittex il-verità u jaċċetta din il-verita, madanakollu minnħabba d-dinjita' tal-persuna umana, anke jekk wieħed ikun fi-iżball jew ma jkollux rieda tajba, hemm bżonn li l-kuxjenza tiegħu tiġi rispettata.

Ir-raba, 'dwar il-*kontenut* tal-liberta reliġjuża, irridu nifhmu li dan ifisser qabel xejn u fuq kollox it-twemmin li ġej minn xi reliġjon bħal ma hija r-Reliġjon nisranija jew reliġjonijiet oħra. Pero' anke dawk li jistqarru li ma huma marbuta ma ebda reliġjon, ħafna drabi jibqgħalhom sett ta' valuri li huma jgħożżu, u xi prinċipji morali li fuqhom ifasslu l-imġieba tagħhom. Għandhom

dik li jsejħulha viżjoni tad-dinja (Weltanschauung) u idejal tal-ħajja. Dawn ukoll jeħtieġ li jiġu rispettati bħala parti mill-liberta' tal-kuxjenza. Pero' min jiċħad dana kollu u jasal għan-negazzjoni tal-istess kuxjenza umana, "ipso facto" ikun qed jirrinunza huwa stess għad-dritt tal-liberta' tal-kuxjenza.

Dan it-tifsir li tajna jinsab miġbur fit-tagħlim tal-Papa Gwanni Pawlu II, mogħti fl-Enċiklika "Redemptor Hominis" (n. 17) "Fost dawn id-drittijiet tal-bniedem hemm bil-ħaqq kollu dak tal-liberta' reliġjuża u d-dritt tal-liberta' tal-kuxjenza. Il-Konċilju Vatikan II ħass li kien jeħtieġ li jaħdem trattazzjoni twila dwar dan is-suġġett. Dan għamlu b'dokument, imsejjaħ "Dignitatis Humanae" li fih huwa ttratta l-kwistjoni mhux biss mill aspett teoloġiku jżda wkoll mill-aspett tal-liġi naturali, jiġifieri minn pożizzjoni biss umana fuq il-premessi ta' l-esperjenza tal-bniedem stess, tar-raġuni tiegħu u tas-sens tad-dinjita' tiegħu. Il-limitazzjoni tal-liberta' reliġjuża tal-bniedem u tal-kommunitajiet mhux biss hija esperjenza ta' tbatija imma hi, fuq kollox attakk fuq l-istess dinjita' tal-bniedmin, independentament mir-reliġjon li huma jħaddnu jew mill-idea dwar id-dinja li huma jkollhom It-tnaqqis u l-ksur tal-liberta' reliġjuża jmorru kontra d-dinjita' tal-bniedem u d-drittijiet oġġettivi tiegħu. Id-dokument tal-Konċilju li semmejna aktar 'il fuq igħid b' mod tiżżejjed ċar xi jfisser dan it-tnaqqis u

l-ksur tal-liberta' reliġjuża. Dan it-tnaqqis u dan il-ksur huma bla dubju inġustizzja radikali li teħodha kontra dak li hu fil-qalba tal-bniedem, dak li hu awtentikament uman."

Il-Liberta' Reliġjuza fil-kors tal-Istorja tal-Knisja

Jaqbel hawnhekk li mmorru pass lura u naghtu ħarsa panoramika lejn l-atteġja ment tal-Knisja Kattolika rigward id-dritt tal-liberta' reliġjuża matul is-sekli.

Iżda qabel xejn wieħed jeħtieġ jinnota li dan il-prinċipju li fuqhu qed nitkellmu jimplika żewġ drittijiet:

(1) li l-bniedem ma jiġix kostrett jemmen jew jaġixxi kontra l-konvinzjonijiet personali tiegħu;

(2) li ebda bniedem ma għandu jiġi mfixkel bil-forza jew bil-vjolenza milli jaġixxi skond il-konvinzjonijiet reliġjużi tiegħu. Issa fil-waqt li l-ewwel dritt ilhu rikonoxxut universalment madwar erba mitt sena, ċioe minn żmien ir-Riforma, t-tieni dritt li semmejna, dam ma ġie rikonoxxut u saħansitra fost il-Padri Konċiljari kien hemm min iddefenda l-indħil tal-istat kattoliku biex jirreprimi manifestazzjonijiet mhux kattoliċi.

Ħarsa iktar dettaljata lejn l-istorja tal-Knisja Kattolika turina kif fit-teorija u fil-

prattika, daqqa iktar u daqqa inqas, ġie osservat il-jedd tal-liberta' reliġjuża.

(1) Il-Knisja tal-martri: L-eluf li mietu martri kienu perzważ li għandhom dan iddritt tagħhom li ebda stat u ebda setgħa taddinja ma tista tfixkilhom li jwettqu dak li kienu jemmnu. Huma applikaw fil-prattika, il-prinċipju li fuqhu mxew l-Appostli. "Oportet magis obedire Deo quam hominibus." Jeħtieġ nobdu aktar lil Alla milli 'l-bniedmin (Atti 5. 29).

(2) L-Editt ta' Milan: (313) Bih Kostantinu ikkonċieda t-tolleranza lir-Reliġjon Nisranija u taha wkoll il-protezzjoni tiegħu. Dan ma jfisserx pero li b'dan l-editt, il-liberta' reliġjuża saret wieħed mill-jeddijiet umani rikonoxxuti fl-Imperu Ruman kollu għaliex anke wara dik id-data kien hemm ukoll persekuzzjonijiet, u repressjonijiet għall-inqas ta' xi kommunitajiet insara.

(3) Żvilupp taċ-Ċesaro-Papiżmu: Fl-Imperu Ruman, tal-Punent, u f'diversi pajjiżi tal-Ewropa, kien hemm kollaborazzjoni, għad li mhux dejjem faċli, bejn il-Knisja u l-Istat. L-Imperaturi kienu jinqdew bir-reliġjon u bil-Knisja bil-għan li jħarsu l-integrità u l-unifikazzjoni tal-imperu tagħhom. Il-Knisja, min-naħa tagħha, mhux l-ewwel darba li rrikorriet għas-setgħa tal-Istat, l-hekk imsejjaħ 'braccio secolare' sabiex tkun tista' twettaq ċerti attivitajiet tal-missjoni spiritwali tagħha. F'dawn iċ-ċirkustanzi, l-Awtoritajiet

ċivili mexxew persekuzzjoni kontra l-pagani u l-eretiċi, li kienu meqjusa bħala periklu għall-unità nazzjonali u għedewwa tal-Istat. Fl-Orjent, l-Istat f'ċerti epoki wasal biex jistrumentalizza r-reliġjon, u xi imperaturi kienu jippretendu li kellhom il-jedd jiddettaw dak li għandhom jemmnu u jagħmlu l-insara sudditi tagħhom. Jidher ċar li f'kuntest soċjali bħal dan mhux dejjem kien jiġi rispettat il-jedd tal-libertà reliġjuża.

(4) Il-Kittieba ekkleżjastiċi ta' l-ewwel żminijiet: Il-prinċipju tal-liberta' reliġjuża huwa affermat bosta drabi fil-kitbiet tagħhom. Hekk Tertulljanu fit-III seklu kiteb. "Huwa kontra n-natura tar-reliġjon li timponiha bil-forza; ir-reliġjon għandha tiġi mħaddna bil-liberta' u ħadd ma għandu jiġi sfurzat biex jaċċettaha." San Ġwann Kriżostmu: "L-insara m'għandhomx jipprovaw jeqirdu l-iżball bil-qawwa u l-forza; iżda għandhom jippromovu s-salvazzjoni tal-bniedem bil-paċenzja, bit-tagħlim, u bl-imħabba."

(5) Il-Medju Evu: Dan ma kienx perijodu sabih għall- liberta' reliġjuża. Kienu żminijiet ta' ħruxija li fihom nibtu istituzzjonijiet bħal ma huma l-inkwiżizzjoni u l-għetto tal-lhud. Fil-pajjiżi nsara, għad li kien hemm ċerta tolleranza limitata għannies ta' reliġjonijiet oħra bħal Mawmettani u l-Lhud, iżda b'ebda mod ma kienu jittolleraw li wieħed nisrani, jħaddan twemmin ieħor. Għalihom, il-verita' u l-unita' tal-

insara kienu jiġu qabel id-drittijet tal-individwu għall-ħajja u l-ħelsien, u biex jħarsu din l-unita tat-twemmin nisrani kienu jirrikorru għal mezzi severi li kienu kommuni f'dik l-epoka. Hekk il-piena tal-mewt għal min ikun ħati tal-ereżija daħlet fi Spanja fl-1194, fi Franza fl-1315 u fl-Ingilterra fl-1401.

(6) L'epoka tar-Riforma: Dak li qabel kien jifforma imperu wieħed, li kien jgħożż reliġjon waħda, issa nqasam f'ħafna stati mmexxija minn prinċpijiet li minnhom xi whud kienu favur ir-Reliġjon ta' Ruma u oħrajn kienu favur ir-riforma tal-protestanti. Atti ta' intolleranza ġraw kemm minnaħa kif ukoll mill-oħra. Jekk huwa veru li l-Kattoliċi ppersegwitaw lill-protestanti, kif ġara per eżempju fi Franza, daqshekk ieħor huwa veru li xi komunitajiet protestanti nqdew bis-setgħa tal-prinċpijiet biex jinforzaw ir-riforma u jirreprimu lil dawk li ma kienux jaqblu mal-opinjonijiet reliġjużi tagħhom. It-trattat magħruf bħala "Il-Paċi ta' Augsburg" (1555) ħareġ bil-kompromess "cujus regio, illius et religio" jiġifieri li s-sudditi kellhom iħaddnu t-twemmin li kellu l-prinċep tar-reġjun li jkunu fiha u jekk dan ma jogħġobhomx, iħallu dak il-pajjiż u jfittxu pajjiż ieħor fejn twemminhom ikun tolerat. Dan il-prinċipju jimplika d-dritt li l-prinċep jista' jimponi r-reliġjon fuq is-sudditi tiegħu u jobbliga lil min ma jaqbilx li jfittex l-eżilju. Din is-sitwazzjoni ma tiffavurixxix il-libertà reliġjuża.

(7) Skond il-lajċisti tas-seklu dsatax, il-libertà tal-kult kienet timplika żewġ affermazzjonijiet: (i) li l-kuxjenza hija kompletament awtonoma, jiġifieri l-anqas tirrikonoxxi l-liġi t'Alla u tal-Knisja; (ii) li r-reliġjon hija affari għal kollox privata u tirrigwarda biss l-għażla tal-individwu. Il-Papiet ta' dak is-seklu u b'mod partikolari l-Papa Piju IX kienu kontrarji għal dan it-tagħlim u sostnew dejjem li l-kuxjenza tiddependi mil-liġi mogħtija minn Alla, li r-reliġjon għandha aspett soċjali u l-kommunità kollha għandha tinteressa ruħha minnha. Il-Papa Ljun XIII, fl-enċiklika tiegħu dwar il-libertà, għad li l-kunċett tal-libertà reliġjuża fi żmienu kien għad ma laħaqx l-iżvilupp tal-lum, iżda jammetti xi għamliet ta' tolleranza reliġjuża meta jgħidilna: "Mingħajr ma jiġi mogħti ebda dritt ħlief għal dak li huwa veru u onest.....għar-raġunijiet tal-ġid komuni.....il-liġi umana tista' u anke għandha tittollera l-ħażen, iżda la għandha u l-anqas qatt tista' tapprovah."

(8) Għad li s-seklu għoxrin huwa magħruf bħala "L-epoka tal-Pluraliżmu", ma kienux nieqsa però l-persekuzzjonijiet reliġjużi kif ġara fl-istati totalitarji bħal ma kienet il-Ġermanja nazista. Kienu u għadhom komuni f'diversi pajjiżi r-restrizzjonijiet tal-libertà reliġjuża, bħal ma jiġri fost l-oħrajn fejn hemm reġim komunista u fl-istati islamiċi. It-tolleranza reliġjuża kienet suġġett li fuqu tkellmu l-Papiet anke qabel il-Konċilju. Skond il-Papa Piju XII, l-errur ma għan-

dux dritt li jeżisti, allura meta jkun hemm konflitt bejn il-verità oġġettiva u l-kuxjenza individwali, għandha tirbaħ ta' l-ewwel. Fi kliem ieħor, ir-reliġjon vera biss li għandha dritt li teżisti, iżda biex tinżamm il-paċi u ma jinħoloqx inkwiet, l-istat jaqbel li jittolera reliġjonijiet oħrajn. Il-Papa Ġwanni XXIII, jiddistingwi bejn l-iżball u min jiżbalja, id-dnub u min jidneb; il-falsità u d-dnub ma għandhomx jeddijiet, iżda min hu fl-iżball jew fid-dnub jibqa' dejjem bniedem, imżejjen bid-dinjità ta' persuna umana u b' jeddijiet umani li għandhom jiġu rispettati. (*)

(10) Il-Konċilju Vatikan II, barra mit-tolleranza li semmejna jipproklama wkoll il-libertà reliġjuża: Il-Loġika tad-Digriet 'Dignitatis Humanae' hija din: Il-bniedem għandu d-dritt u d-dmir li jfittex il-verità u jibqa' jistinka sa ma jsibha. Però ma jistax iwettaq dan id-dmir ħlief meta jkun ħieles. Din il-ħlusija tal-kuxjenza hija mitluba kemm mid-dinjità tal-persuna umana, kif ukoll mill-att tal-fidi li jagħmel il-bniedem li għandu t-twemmin veru. L-att tal-fidi, biex ikun ġenwin, jippresupponi l-libertà ta' l-individwu. Il-veritajiet reliġjużi ma humiex imposti fuq il-bniedem iżda proposti lilu biex jaċċettahom u jemminhom minn rajh.

(*) Fl-Enċiklika "Pacem in Terris" insista li kull bniedem għandu d-dritt iqim lil Alla "skond ir-regola ġusta tal-kuxjenza tiegħu."

Korollari tal-jedd tal-Libertà Reliġjuża:

Jekk jiġi ammess il-prinċipju tal-libertà reliġjuża, wieħed ikollu jammetti fil-prattika l-konsegwenzi jew korollari li joħorġu minnu. (*) Insemmu xi whud minnhom:

(1) Ħadd ma jista' jiġi sfurzat kontra l-volontà tiegħu li jikxef il-konvinzjonijiet reliġjużi u morali li jkollu. Ebda setgħa ma tista' tuża vjolenza fuq bniedem biex dan jistqarr dak li jemmen jew ma jemminx għax dan l-għemil jista' jkun ta' preġudizzju għalih u jtellfu l-ħlusija tiegħu. Huma eskluzi, għalhekk, il-metodi ipnotiċi, in-narco- analisi u l-lie-detector użati għal dan il-għan.

(2) Ħadd ma jista' jiġi mġiegħel li jipparteċipa bil-fors f'attività reliġjuża jew li jwettaq għemil reliġjuż bħal ma huwa l-ġurament, jekk dik l-attività jew dak l-għemil ma jkunx jaqbel mal-kuxjenza ta' dak l-individwu. Ħadd ma jista' jiġi mġiegħel jieħu sagrament kontra r-rieda ħielsa tiegħu.

(*) Dawn il-korollari jew applikazzjonijiet tal-prinċipju tal-libertà reliġjuża, sewwa fuq livell personali, kif ukoll fuq livell komunitarju u internazzjonali, huma mfissra ċar u bid-dettalji fil-messaġġ personali tal-Papa Ġwanni Pawlu II mibgħut fl-4 ta' Settembru, 1980, lill-Kapijiet tal-Istati li ffirmaw id-dikjarazzjoni ta' Helsinki u mgħarraf lid-Delegati tal-pajjiżi li ħadu sehem fil-laqgħa ta' Madrid fuq is-Sigurtà u l-ko-operazzjoni fl-Ewropa. (Ara Bullettin tal-Arċidjoċesi u Liturġja tal-Kelma, Nru. 29 paġna 308-313.

(3) Il-libertà reliġjuża tfisser mhux biss id-dritt li tippriedka, iżda wkoll dak li tieħu u tagħti istruzzjoni reliġjuża. Il-ħidma kateketika bil-metodi u l-'visual aids' tagħha, jaqgħu taħt dan id-dritt.

(4) Il-libertà reliġjuża timplika wkoll il-ħlusija li wieħed iwettaq fil-privat u fil-pubbliku dak kollu li jħoss li għandu jagħmel f'isem ir-reliġjon jew id-dmirijiet morali tiegħu. Hekk il-pellegrinaġġi, il-karità malmorda u mal-emarġinati, eċċ., jistgħu jiġu kkunsidrati bħala parti mill-jedd tal-libertà reliġjuża.

(5) Huma inklużi wkoll ir-riti funebri li f'isem ir-reliġjon wieħed jagħti lill-mejtin tiegħu, is-suffraġji li joffri għalihom, il-ħarsien tal-oqbra li huwa jqis bħala ħaġa sagra.

(6) Id-dritt li wieħed jesprimi bil-kelma u bil-kitba l-konvinzjonijiet reliġjużi u morali tiegħu, kif ukoll id-dritt li jitgħallem iktar fuqhom u li jagħmel riċerki dwarhom.

(7) Id-dritt li wieħed jiltaqa' ma' min hu ta' l-istess fehma reliġjuża tiegħu, li jifforma assoċjazzjonijiet u li jkun membru tagħhom, bil-libertà li jitlaq minnhom jekk iħoss li għandu jagħmel hekk.

(8) Hemm ukoll id-dritt li dawn l-assoċjazzjonijiet reliġjużi jippossiedu l-proprjetà tagħhom u jamministrawha mingħajr tfixkil. Mingħajr din il-proprjetà, li għandhom jiksbu b'mezzi leġittimi, ma jkunu qatt ħielsa biżżejjed biex jistgħu jwettqu l-attivitajiet proprji tagħhom.

(9) Id-dritt tal-ġenituri li jedukaw lil uliedhom skond il-konvinzjonijiet reliġjużi tagħhom, sakemm dawn jilħqu l-età li jistgħu jiddeċiedu għal rashom.

10) Id-dritt għall-edukazzjoni reliġjuża, anke fi skejjel statali; però wieħed għalliem jista' jirrifjuta li jagħmel dan jekk huwa stess ma jkollux l-istess twemmin reliġjuż; jiġifieri jkun applika għalih innifsu d-dritt tal-libertà reliġjuża.

(11) Id-dritt tal-ġenituri li jibgħatu lil uliedhom fi skejjel privati, li huma ispirati mill-prinċipji reliġjużi, li jaqblu mat-twemmin tagħhom, u li joffru garanzija li fihom il-prattika reliġjuża tiġi mħarsa.

(12) Id-dritt tal-objezzjoni tal-kuxjenza, meta l-istat jordna lis-sudditi tiegħu li jieħdu sehem fi gwerra jew f'attivitajiet oħra li huma kuntrarji għall-konvinzjonijiet reliġjużi tal-individwu. L-objettur tal-kuxjenza però ma jistax jirrifjuta li jieħu sehem f'xi ħidma oħra li tkun ta' ġid għall-pajjiż, għax kull ċittadin għandu l-obbligu li jgħin lil art twelidu; hekk per eżempju jekk ma jieħux sehem fit-taqbid bħala suldat, għax dan imur kontra l-kuxjenza tiegħu, għandu jgħin bħala nfermier jew f'xi xogħol ieħor.

(13) Suġġett tal-libertà reliġjuża jisgħu jkunu mhux biss individwi, iżda wkoll assoċjazzjonijiet jew komunitajiet.

(14) Il-libertà reliġjuża tikkonsisti mhux biss fil-ħarsien mill-inġerenza żejda tal-Istat, iżda wkoll minn kull tfixkil li tista' tagħmel kull persuna oħra. (third party). L-Istat, da parti tiegħu, mhux biss għandu jirrispetta din il-libertà reliġjuża, iżda għandu jieħu passi wkoll biex tiġi rispettata, minn kulħadd.

Il-Limiti tal-jedd tal-Libertà Reliġjuża

(i) Din il-libertà ma tfissirx il-jedd li wieħed jista' jaħseb u jagħmel dak li jrid — kif kien isejħilha Kant — "wild freedom"; iżda li wieħed ikollu sett ta' valuri morali, u jkun marbut li josservahom fil-ħajja tiegħu. Nistgħu ngħidu allura li l-ewwel limiti tal-libertà reliġjuża huwa ġej mill-kuxjenza tal-individwu stess li obbligata tosserva kodiċi ta' mġieba morali u reliġjuża.

(ii) Barra minn dan il-limiti li nistgħu nsejħulu intern, hemm ukoll limiti oħra. L-individwu huwa marbut ukoll bil-kodiċi ta' mġieba tal-komunità reliġjuża li huwa jħaddan. Il-liġijiet ta' din il-komunità jobbligawh fil-kuxjenza tiegħu. Hekk per eżempju, jekk wieħed huwa membru tas-Salvation Army, huwa marbut bil-liġijiet u obbligi ta' din id-denominazzjoni. Jista jekk irid, iħalli din id-denominazzjoni, iżda ma jistax jistqarr li għadu fiha u fl-istess ħin ma joqgħodx għaddirettivi tal-mexxejja tagħha.

(iii) Id-dritt tal-libertà ta' kuxjenza ma għadux jiġi nterpretat b'mod li joħloq pre-

ġudizzju legali għall-egwaljanza taċ-ċittadini kollha. L-individwu ma jistax, f'isem il-libertà reliġjuża tiegħu, jippretendi li għandu xi drittijiet fis-soċjetà, li ċ-ċittadini l-oħra ma jkollhomx bħalhom.

(iv) Limiti ieħor huwa l-istess dritt tal-libertà reliġjuża fl-oħrajn li għandhom twemmin differenti. Il-libertà tal-oħrajn tillimita f'ċertu sens il-libertà tiegħi. F'soċjetà pluralistika, mhux kult wieħed biss iżda kull għamla ta' kult jeħtieġ li tiġi rispettata. Bilfors għalhekk li jkun hemm xi forma ta' limitazzjoni reċiproka.

(v) Id-Digriet "Dignitatis Humanae" isemmi limiti ieħor li huwa "l-ordni pubbliku ġust" u jgħidilna "Billi s-soċjetà ċivili għandha l-jedd tħares lilha nfisha mill-abbużi li jistgħu jsiru bl-iskuża tal-libertà reliġjuża, huwa dmir fuq kollox tas-setgħa ċivili li tħares dan. Iżda dan għandu jsir mhux kif ġie ġie jew b'mod ħażin billi żżomm ma' naħa aktar milli ma' naħa oħra, imma skond irregoli ġuridiċi li jaqblu mal-ordni morali oġġettiv; dawn ir-regoli huma meħtieġa għallħarsien effikaċi tad-drittijiet għaċ-ċittadini kollha u għall-ftehim paċifiku bejniethom ... Dan kollu jagħmel sehem fundamentali millġid komuni u jidħol f'dak li jissejjaħ ordni pubbliku." (n. 7). Skond l-European Convention on Human Rights (art. 9) dawn ir-restrizzjonijiet da parti tal-Istat huma meħtieġa f'soċjetà demokratika, għas-sigurtà pubblika, għal raġunijiet ta' ordni, sanità u mo-

ralità, kif ukoll biex jissalvagwardaw il-jeddijiet u l-libertajiet tal-oħrajn."

Ir-relazzjonijiet tal-Knisja ma' l-oħrajn

Jekk nammettu l-prinċipju tal-libertà reliġjuża kif ukoll il-prinċipju tal-ekwità, cioè li l-bnedmin għandhom drittijiet ugwali, ikun aktar faċli għalina li nifhmu liema għandhom ikunu r-relazzjonijiet tal-Knisja ma' l-oħrajn. U l-ewwelnett dwar ir-relazzjonijiet bejn il-Knisja u l-Istat, ta' min jinnota:

(a) Il-Knisja m'għandhiex tkun "instrumentum regni", m'għandhiex tkun arma f' idejn l-Istat biex dan jilħaq l-iskopijiet tiegħu. Dan m'għandu qatt jippretendi li jiddettalha x'għandha tagħmel f'affarijiet li għandhom x'jaqsmu mar-Reliġjon. (*)

(b) Fil-kamp tiegħu, l-Istat huwa indipendenti u awtonomu mill-Knisja. (Cfr. Gaudium et Spes n. 76). Id-deċiżjonijiet kollha li jieħu l-Istat jeħodhom bir-responsabilità sħiħa tiegħu u għar-raġunijiet li jidhirlu li huma fl-aħjar interess tal-komunità ċivili.

(c) Iżda meta ngħidu li l-Knisja u l-Istat għandhom ikunu indipendenti minn xulxin, dan ma jfissirx li ma għandhomx jagħtu każ

(*) "Il-Libertà tal-Knisja hija prinċipju fundamentali fir-relazzjonijiet bejn il-Knisja u s-setgħat pubbliċi u l-ordni ċivili kollu." (D. H. n. 13).

ta' xulxin u fejn jistgħu, ma jgħinux wieħed lil ieħor. (*)

Biex napplikaw il-prinċipju tal-liberta reliġjuża fil-**ħidma** pastorali tagħna, irridu noqogħdu attenti li xi metodi u inizjattivi pastorali ma jkollhomx riħa ta' pressjoni u koerċizzjoni fuq l-oħrajn. Jeħtieġ li nirrispettaw dejjem il-jedd tal-libertà tal-kuxjenza. Fil-parabbola tal-qamħ u s-sikrana, il-qaddejja li kienu mgħaġġlin biex jaqilgħu l-ħāxixa ħażina riedu jużaw mezzi drastiċi; iżda Sid il-għalqa, li ordnalhom biex jistennew sa żmien il-ħsad, kien aktar għaqli. Dan igħallimna li meta nippriedkaw il-Vanġelu, għandu jkollna mhux biss żelu għall-verità, iżda mal-bnedmin nużaw ukoll, il-persważjoni, il-karità u l-paċenzja.

Nagħlaq billi nfissrilkom ix-xewqa tiegħi li d-dokument approvat mill-Konċilju Vatikan II fis-7 ta' Diċembru, 1965, li jġib l-isem "Dignitatis Humanae", cioè l-istqarrija dwar il-libertà reliġjuża, ikun imxerred iżjed fost l-insara ta' pajjiżna u li kulħadd u speċjalment il-Kleru jaqrah ta' spiss u jipprova jifhmu dejjem aħjar.

(Mid-Diskors lill-Kleru magħmul fil-5 ta' Jannar, 1980).

(*) "Huma jeżerċitaw dan is-servizz aktar bil-qawwa għall-ġid ta' kulħadd, aktar ma jżommu sewwa bejniethom kooperazzjoni għaqlija, skond kif jitolbu ċ-ċirkustanzi tal-postijiet u taż-żminijiet Gawdiun et Spes n. 76

L-ISPIRTU TA' DUN ĠORĠ PRECA

Ma ġejtx hawnhekk il-lejla biex ninseġ il-paniġierku ta' Dun Ġorġ Preca, għaliex naf li kien il-bniedem li jobgħod it-tifħir u jaħarbu; u allura l-paniġierki ma jaqblu xejn ma' l-istil tal-ħajja tiegħu. U lanqas ġejt biex nagħmlilkom xi appell ħalli nagħmlu monument lil Dun Ġorġ Preca. Niftakar bħalissa f'dak l-arkitett illi bena Knisja kbira u sabiħa, u f'din il-Knisja ma kien hemm l-ebda statwa, l-ebda monument tiegħu, iżda biss lapida żgħira illi fuqa kien hemm miktubin dawn il-kelmiet: "Jekk inti qiegħed tfittex monument, ħares madwarek", għax il-knisja stess, din il-binja kollha kemm hi hija l-monument ta' l-arkitett li waqqafha. U jiena nista' ngħid illi Dun Ġorġ diġà għandu l-monument tiegħu — intom, il-membri tas-Soċjetà tal-Museum — il-monument ħaj ta' dana l-Fundatur tagħkom, li tat-Twelid tiegħu lium qegħdin niċċelebraw l-Ewwel Ċentinarju.

Il-lejla, għalhekk, indur lejkom u nħeġġiġkom.

Żommu dejjem ħaj fikom l-ispirtu ta' Dun Gorg. Nista' napplika l-kelmiet li smajna meħudin mill-ittri ta' l-Appostlu Missierna San Pawl. Żommu dejjem quddiem għajnejkom l-eżempju tiegħu u t- tagħlim li intom smajtu minn għandu. Għożżu r-rigal illi ġie fdat f'idejkom. Naħseb li biex iżżommu ħaj

fikom l-ispirtu ta' Dun Gorg Preca hemm bżonn li l-ħajja tagħkom tkun magħguna ma' spiritwalità mibnija fuq prinċipji sodi. Dun Gorg ma kkuntentax biss bl-azzjoni u bil-ħidma. Imma Dnu Gorg ried li qabel xejn ikun hemm il-konverżjoni interna. Ried illi dawk illi jkunu veri kollaboraturi tiegħu. jkollhom spiritwalità mibnija fuq il-fidi Nisranija, fuq it-tama tal-ħajja li għad trid tiġi, fuq il-Karità lejn Alla u lejn il-proxxmu; fuq l-abnegazzjoni. Din hija, mela, l-ewwel sejħa tiegħi: **Żommu dejjem ħajja fikom l-ispiritwalità li għallimkom Dun Ġorġ**, il-Fundatur tagħkom.

It-Tieni sejħa tiegħi: **Żommu dejjem magħqudin mal-Knisja,** anke jekk dan ikun ifisser għalikom sagrifiċċju. Għaliex aħna nafu li fil-Knisja hemm l-element divin u l-element uman, u xi darba l-element uman li fiha l-Knisja jġagħalna nsofru. Imma, proprju hawnhekk tidher l-imħabba u r-rabta tagħna mal-Knisja, meta aħna nkunu lesti illi niċċaħdu mill-opinjoni tagħna, forsi anke nbaxxu rasna, basta l-Knisja tibqa' miexja 'l quddiem. U meta jasal il-waqt, imbagħad, Alla stess jippremjana, Alla stess juri min kellu raġun, kif ġara sewwa sew fil-ħajja ta' Dun Ġorġ Preca. Ibqgħu dejjem aħdmu id f'id mal-Knisja, il-għaliex jekk tagħmlu xort'oħra, jista' jkun li jkollkom ħafna attività u taħlu ħafna enerġija, imma tkunu mexjin barra mit-triq. Jekk ma tibqgħux magħqudin mal-Knisja, ma jistax ikun li intom tagħtu frott tajjeb ta' apostolat.

It-tielet rakkomandazzjoni li nixtieq nagħmlilkom hija: illi **tieħdu dejjem bis-serjetà l-Apostolat Katekistiku** li hu fdalkom f'idejkom: it-Tagħlim tad-Duttrina, liżżgħar u anke lill-kbar; it-Tagħlim tad-Duttrina, bil-kelma ħajja li toħroġ mill-fomm u anke bil-kitba, għax il-kitba tibqa'. Dun Ġorġ, anke llum, għadu jkellimna b'dawk l-artikli, b'dawk l-ittri, b'dawk il-karti volanti li huwa kien iqassam u li fihom tant tagħlim sabiħ u profond dwar ir-Reliġjon għażiża tagħna. Taqtgħux qalbkom. Tistennewx riżultati immedjati. Tistennewx li ser taraw il-frott b'għajnejkom, il-għaliex fil-Knisja jista' jkun li xi darba wieħed jiżra' u ieħor jaħsad. Imma, bi spirtu ta' fidi u b'tama fil-għajnuna t'Alla, ibqgħu dejjem mexjin 'l quddiem f'dan l-Apostolat importanti u fundamentali għall-ħajja tal-Knisja.

Imbagħad, ir-raba' u l-aħħar rakkomandazzjoni li nagħmlilkom. Tikkuntentawx biss bl-istruzzjoni; tikkuntentawx biss li tagħtu t-tagħlim; imma **ppruvaw iffurmaw l-erwieħ**: ippruvaw iffurmaw lit-tfal, liż-żgħażagħ li jkollkom afdati f'idejkom. Mhux biżżejjed li jkunu jafu d-Duttrina bl-amment; mhux biżżejjed li jkunu jafu jwieġbu għad-diffikultajiet li jinqalgħulhom; imma l-importanti hu li jkunu jafu jgħixu l-messaġġ tal-Vanġelu Mqaddes; l-importanti hu li huma jidħlu fl-intimità ma' Kristu; igħixu ħajja ta' ħbiberija ma' l-Imgħallem Divin tagħna. Il-għaliex kellu raġun il-kbir Papa San Piju X, li

bir-raġun kollu nistgħu nsejħulu "il-Papa tal-Katekiżmu", meta qal li "It-Tagħlim tad-Duttrina, biex isir bis-serjetà u biex iħalli l-frott, hemm bżonn li jkun 'ad emendationem vitae' — biex il-ħajja tinbidel, biex il-ħajja tittrasforma ruħha għall-aħjar, biex dawk li jkunu jirċievu din il-formazzjoni jsiru aktar jixbhu lil Kristu.

Dawn huma r-rakkomandazzjonijiet li jien nixtieq nagħmlilkom il-lejla. U jiena għandi fiduċja kbira, anzi ngħid li jiena ċert illi, kif fi-imgħoddi intom dejjem tajtu widen għall-kelma tar-Raġħaj Spiritwali tagħkom, anke din id-darba tagħtuni widen ukoll.

U għalhekk jiena, nitlob u nittama li din is-Sena Ċentinarja li intom qegħdin tiċċelebraw, tkun sena glorjuża mhux biss għalikom, is-Soċjetà tal-Museum, imma tkun paġna sabiħa, paġna miktuba b'karattri taddeheb, anke fi-istorja tal-Knisja f'dawn il-Gżejjer.

(L-Omelija fiċ-Ċentinarju tat-Twelid ta' Dun Ġorġ Preca, 11 - 2 - 1980).

IL-KNISJA FI DJALOGU MAL-BNEDMIN

Matul l-elfejn sena li ila teżisti l-Knisja Kattolika għamlet dak kollu li setgħet biex twettaq bil-mezzi kollha possibbli, l-ordni li ħallielha Kristu l-Fundatur tagħha

meta qal lill-Appostli: "Morru mela, agħmlu dixxipli mill-ġnus kollha, u għammduhom fl-isem tal-Missier u ta' l-Iben u ta' l-Ispirtu s-Santu, u għallmuhom iħarsu dak kollu li ordnajtilkom jien." (Mt 28: 19-20a)

Fuq il-pedament sod tar-rivelazzjoni, hija fasslet il-prinċipji tat-twemmin u ta' l-imġieba li l-insara wliedha għandhom igħożżu u jsegwu fil-ħajja tagħhom.

Il-Knisja thossu bħala dover tagħha li thares bla mittiefes id-depożitu tal-fidi u li tinterpreta l-liġi t'Alla u tagħmel dan bil-fiduċja għaliex għadha temmen fil-wegħda ta' Kristu: "Hekku li jiena magħkom sa l-aħħar taż-żmien." (Mt 28:20) "Matul il-kors tassekli, il-Knisja għasset u għaddiet lill-oħrajn it-tagħlim li rċeviet minn għand Kristu u mingħand l-Appostli". (Digriet 'Dignitatis Humanae' n. 12).

Il-Knisja bla ma tbiddel xejn mis-sustanza tat-tagħlim tagħha, tipprova tagħti espressjoni iktar ċara tiegħu u tapprofondih skond il-ħtieġa taż-żminijiet.

Għalhekk fi-epoka tagħna sar il-Konċilju Vatikan II, u li fih il-Knisja Kattolika stqarret il-prinċipji tat-tagħlim tagħha.

Il-Knisja tistenna li wliedha mhux biss jilqgħu u jifhmu sewwa l-prinċipji li hija tgħallem, iżda wkoll li jistqarruhom bla rispetti umani quddiem kulħadd. Lil uliedha tagħmlilhom l-istess twissija li hemm fl-ittra

lil-Lhud: "Tħallux li tinġibdu 'l barra mittriq b'tagħlim xorta oħra u barrani". (Lhud 13:9).

Il-Knisja tixtieq li l-bnedmin kollha jilqgħu t-tagħlim tagħha, iżda trid li min jagħmel hekk, jilqa' dan it-tagħlim minn rajh u bla ma jkun forzat minn ħadd. "Għalkemm fil-ħajja tal-Poplu t'Alla, matul il-mixja tiegħu fit-taqlib tal-istorja umana, xi kultant kien hemm imġieba li ma taqbilx mal-ispirtu evanġeliku, anzi kienet kontrarja għalih, iżda t-tagħlim tal-Knisja dejjem kien u għadu li ħadd ma għandu jiġi mġiegħel bil-forza biex iħaddan il-fidi". (Digriet 'Dignitatis Humanae 12).

Għalhekk il-Knisja, għad li għandha messaġġ ta' verità indiskutibbli u meħtieġ għall-ħajja ta' dejjem, ma tippreżentahx lill-bnedmin billi timponihulhom bil-fors, iżda biss toffrihulhom bil-mezzi leġittimi tal-edukazzjoni umana, tal-persważjoni interjuri, u tal-konversazzjoni komuni dejjem fir-rispett tal-libertà personali u ċivili. (Cfr. "Ecclesiam Suam" tal-Papa Pawlu VI n. 77).

Il-Knisja taf ukoll li hemm bosta u bosta bnedmin li ma humiex lesti jilqgħu t-tagħlim tagħha, għax jaħsbuha u jirraġunaw b'mod għal kollox differenti minn kif taħsibha u tirraġuna hi.

Rigward dawk li għandhom prinċipji differenti minn tagħha, il-Knisja, fil-waqt li

tipprova tifhimhom u tara sa fejn tista' tasal magħhom, tistenna minn għandhom li jirrispettaw il-libertà tagħha u li ma jfixklux il-ħidmiet li twettaq. Il-Knisja tinsisti li dan il-prinċipju tal-libertà reliġjuża "għandu tabilħaqq is-sisien tiegħu fid-dinjità nfisha tal-persuna umana", (Digriet 'Dignitatis Humanae' n. 2), u li huwa "prinċipju fundamentali fir-relazzjonijiet bejn il-Knisja u s-setgħat pubbliċi u fl-ordni ċivili kollu". (Dignitatis Humanae n. 13), u tesiġi li dan il-prinċipju "ikun mhux biss imxandar bil-kliem jew imwettaq bil-liġi, iżda jkun ukoll imdaħħal fil-prattika bis-sinċerità." (Dign. Hum. n. 13).

Għad li l-Knisja ma tista' qatt tissagrifika l-prinċipji tagħha, għax inkella tkun qegħda tmur kontra r-rieda ta' Kristu, il-Fundatur tagħha, iżda hija lesta li tidħol fi djalogu mal-bnedmin kollha ta' rieda tajba. Hija tinnota bi pjaċir dawk l-elementi fis-soċjetà tal-lum li jiffavorixxu dan id-djalogu bħal ma huma: "l-ideja kif wieħed jifhem ir-relazzjoni bejn dak li huwa sagru u dak li huwa profan, ideja li llum saret drawwa mxerrda ħafna; id-dinamiżmu li jittrasforma s-soċjetà moderna; il-pluraliżmu bilmodi kif jintwera; kif ukoll il-maturità talbniedem, kemm reliġjuż kemm ukoll jekk ma huwiex, li permezz tal-edukazzjoni ċivili, sar kapaċi jaħseb, jitkellem u jittratta ma' l-oħrajn bid-dinjità ta' djalogu." (Enċ. "Ecc. Suam" n. 80).

Però, min irid jidħol fi djalogu mal-Knisja, jeħtieġ li jkun jaf minn qabel li hija ma tistax tasal għall-kompromess ambigwu rigward il-prinċipji tal-ħsieb u tal-azzjoni li għandhom idawwlu l-professjoni nisranija tagħha". ("Ecclesiam Suam" n.91) Għad li tfittex li tikkopera f'dak kollu li jista' jkun ta' ġid għas-soċjetà, il-Knisja tafferma u tiddefendi bi sħiħ u bis-sinċerità r-reliġjon u l-valuri umani.

Il-Knisja taf ukoll li hemm xi wħud li bil-kelma "djalogu" ma jifhmux l-istess ħaġa li tifhem hi u li jistennew minnha sagrifiċċji li hija ma tistax tagħmel mingħajr ma tittradixxi l-missjoni tagħha. Iżda l-esperjenza ta' elfejn sena għallmitha tistenna bissabar is-siegħa t'Alla u f'ċirkostanzi simili ttenni l-kelmiet tal-Papa Pawlu VI: "Aħna ma naqtgħux qalbna li anke dawn, ġurnata jistgħu jifthu kollokwiju pożittiv mal-Knisja." (Eccl. Suam, n. 109).

B'dawn is-sentimenti li semmejna u b'din il-mentalità tal-Knisja, sa mill-1975 beda jiltaqa' f'Għawdex is-Sinodu Djoċesan sabiex jipprova jifhem aħjar it-tagħlim u l-proposti tal-Konċilju Vatikan II u tal-Papiet ta' wara l-Konċilju. Fid-dokumenti tas-Sinodu, dawk li jistqarru lejalment li huma wlied il-Knisja, jistgħu jsibu gwida li fuqha jirregolaw l-imġieba tagħhom. Dawk imbagħad li għażlu toroq oħra, għandhom għall-anqas l-opportunità li jekk iridu u mingħajr impożizzjoni ta' ħadd, mid-dokumenti tas-Sinodu jsiru

jafu kif taħsibha u ma taħsibhiex il-Knisja lokali.

Fost id-dokumenti tas-Sinodu Djoċesan kien ġie approvat fl-1978, dokument pastorali dwar il-Familja Nisranija. F'dan id-dokument, barra mis-suġġerimenti prattiċi, hemm imfissra wkoll il-prinċipji u l-valuri morali dwar ir-rabta taż-żwieġ, il-prokrejazzjoni ta' l-ulied, il-ħarsien tal-ħajja sa mill-bidu tagħha u l-edukazzjoni fil-familja u barra mill-familja.

F'dan il-Kungress Pastorali li llum qed nikkonkludu, aħna ippruvajna nsibu fliimkien l-aħjar mezzi biex dan it-tagħlim, mhux biss nifhmuh, iżda nwettquh ukoll fil-ħajja ta' kuljum. Nittamaw li bil-għajnuna ta' Alla u tal-Imqaddsa Omm Tiegħu, il-konklużjonijiet ta' dan il-Kungress, ikunu għalina bħala programm ta' ħidma għas-snin li ġejjin.

(Diskors fi tmiem il-Kungress Pastorali Djoċesan, 27 - 5 - 80).

Il-Qima tal-Għawdxin lejn il-Madonna, fl-imgħoddi u llum

Madwar 100 sena ilu, l-isqof t'Għawdex ta' dak iż-żmien li kien Mons. Pietru Pace ħabrek biex tinbena din il-Knisja tal-Madonna ta' Lourdes, biex il-barranin li jkunu ġejjin lejn Għawdex għal-ewwel darba, jintebħu li Għawdex huwa gżira tal-Madonna. Infatti

ħafna mill-barranin li jiġu hawn malli jitfgħu riġlejjhom fl-art jitfgħu ħarsithom 'l fuq u jilmħu dik il-Madonna bajda li hemm qalb il-ħaxix taħt ir-riħ tal-Knisja. Għalihom din tfisser xi ħaġa: tfisser li fuq l-iskoll il-Madonna hija miqjuma, il-Madonna għandha id-devoti tagħha.

U l-Għawdxin mhux biss taż-żmien l-Isqof Pietru Pace, imma anke nistgħu ngħidu, tal-ġenerazzjonijiet ta' qabilna, anke missirijietna u ommijietna kellhom qima, ħerqana lejn l-Imqaddsa Verġni Marija. Għawdex, għad li gżira żgħira, huwa miżgħud bil-knejjes u kappelli ddedikati lil-Madonna.

Imbgħad xi ngħidu għan-numru tanniċeċ tal-Madonna imxerrdin fit-toroq 'l hawn u 'l hemm. U dari ma kontx tidħol ġewwa familja illi ma ssibx il-kwadru tal-Madonna, aktarx bid-dawl jixgħel quddiemu; ma kontx tiltaqa' ma' Għawdxi jew Għawdxija li ma kellhomx fuqhom il-labtu jew d-domna tal-Madonna.

U l-qima tagħhom lejn Sidtna Marija, l-Għawdxin kienu juruha mhux biss f'dawn l-affarijiet żgħar, f'dawn is-sinjali esterni, imma kienu juruha wkoll billi jitolbu bil-ħerqa lill-Madonna bit-talba tar-Rużarju, bil-kurunelli li kienu jgħidu lill-Madonna; biċċa minnhom kurunelli tant sbiħ, mimlijin tagħlim, anke tagħlim teoloġiku profond.

Ħafna mill-Għawdxin ta' qabilna, barra mit-talb kienu jżidu wkoll il penitenzi, u għal-

hekk ma kienux jarawha bi kbira li jagħmlu pellegrinaġġi bil-mixi biex iżuru l-Madonna ta' Pinu jew il-Madonna tal-Qala, għax kienu jafu li l-penitenza hija parti mill-ħajja nisranija, oħrajn kellhom għall-qalbhom il-ġurnata tal-Erbgħat u tas-Sibtijiet, li fiha kienu jsumu jew jastjenu mill-ikel tal-laħam. Jiġifieri, il-qima tagħhom kienu juruha, f'kull mezz u b'kull mod.

Imma l-ġenerazzjoni li tiela, ż-żgħażagħ u t-tfal ta' illum, din il-qima lejn il-Madonna għadha teżisti fihom jew le? Il-qima lejn il-Madonna hija termometru, hija sinjal, għaliex meta l-ħajja nisranija tkun fil-fervur tagħha, allura jkun hemm devozzjoni sinċiera lejn il-Madonna; pero' meta l-fervur tal-ħajja nisranija jonqos, tbatti wkoll id-Devozzjoni lejn il-Madonna, u xi drabi tgħib għal kollox.

Hemm xi mistoqsijiet li għandhom ibernu ġewwa moħħna, mhux biss f'moħħi bħala ragħaj spiritwali tagħkom, imma anke f'moħħkom bħala ġenituri ta' dawn it-tfal, bħala edukaturi tagħhom, bħala nies li tixtiequ li r-reliġjon għażiża tagħna tibqa' dejjem b' għeruq sodi ġewwa pajjiżna: "Iż-żgħażagħ tagħna fadlilhom qima lejn il-Madonna? X'eżempju tajjeb qed nagħtuhom aħna?"

Qabel xejn nafu min hija l-Madonna? Nafu kif il-Madonna twassalna għand Kristu? "Nafu x'sehem għandha fl-istorja tas-Salvazzjoni? Nafu kif Alla inqeda propju bil-Madonna biex jibgħat 'l feddej tagħna fid-dinja? Nafu kif il-Madonna tindaħal fil-ħajja

tagħna spiritwali ta' kull wieħed u waħda minna?

Imbgħad, għandna għall-qalbna l-manifestazzjonijiet, l-atti ta' qima lejn il-Madonna? Neħduhom b'dik is-serjeta' li kienu jeħduhom l-antiki tagħna?"

Dawn huma xi ftit domandi li jinħtieġu tweġiba. Ma nistax nagħtiha jien; it-tweġiba irid jagħtiha kull wieħed u kull waħda minnkom.

Da parti tiegħi, l-appell li nixtieq nagħmel huwa dan: 'Ngħożżu 'l uliedna, napprezzaw fihom rigal t'Alla l-Imbierek'. Kien hemm darba wieħed li qal kull tarbija li titwieled, kull tarbija li tiftaħ ħalqa biex tibki, hija sinjal li Alla għadu ma nesiex id-dinja; hija sinjal li Alla għadu ma qatax qalbu minn l-art li huwa ħalaq. Għalina li nemmnu, kull tifel, kull tifla, kull tarbija, għandhom ruħ maħluqa mill-Mulej, iddestinata għas-sema.

Pero' jiddispjaċini ngħid li ċerti ġenituri huma tant għomja, mexjin daqshekk fiċ-ċpar, għax minngħalihom illi kullma obbligati jagħmlu ma uliedhom, huwa li jlibbsuhom, li jitimgħuhom tajjeb, li jaħsbulhom għal dar sabieħa u forsi anke lussusa fejn joqgħodu, u dan ikun kollox. Dan huwa żball; dan huwa paganeżmu; dan huwa raġunar ta' min ma għandhux dawl tal-fidi. Min għandu d-dawl tal-fidi jaf u jemmen li aħna għandna obbligu morali kbir lejn dawn t-tfal u ż-żgħażagħ lejn din il-ġenerazzjoni l-ġdida. L-obligu li

nedukawhom kristjanament l-obligu li nressquhom lejn Kristu.

Issa it-Triq li twassal lejn Kristu hija Marija. Allura jekk irridu illi l-ħidma edukattiva tagħna fost dawn it-tfal u ż-żgħażagħ tkun nisranija; ħidma ispirata mill-fidi tagħna, hemm bżonn li fil-formazzjoni li nagħtu lit-tfal, indaħħlu dan l-element; ikun hemm ukoll din il-qima lejn s-sultana tas-Smewwiet u l-art.

Jekk tabilħaqq irridu nagħtu edukazzjoni nisranija lil uliedna, jekk tabilħaqq nixtiequ li din il-ġenerazzjoni ġdida tibqa' marbuta ma Kristu u mal-Knisja tiegħu hemm bżonn li aħna ninjettaw fihom devozzjoni awtentika lejn il-Madonna.

(Mid-diskors tal-manifestazzjoni Marjana
15 - 7 - 80)

Alla ma ħalaqniex ilsiera

Sa miż-żmenijiet l-iktar qodma l-għawdxin kellhom devozzjoni lejn il-Madonna tal-Mellieħa; difatti kienu jaqsmu il-fliegu b'xi dgħajsa, jinżlu l-Marfa jew l-ewwel art li jsibu, imbagħad jitilqulha bil-mixi; u difatti fadlilna din l-espressjoni: "għadna l-bogħod għal tal-Mellieħa", ilgħaliex it-triq kienet twila u biex tagħmel it-triq - mhux b'xi karazza imma bil-mixi, - trid iż-żmien u trid is-saħħa.

U din id-devozzjoni lejn il-Madonna tal-Mellieħa ma kienitx xi ħaġa tal-Għawdxin biss, nistgħu ngħidu li l-Maltin kollha kellhom devozzjoni lejn din ix-xbiha tal-Madonna meqjuma f'dan is-Santwarju. Difatti poeta tas-seklu l-ieħor, Ġian Anton Vassalli għandu poeżija "Il-Ġifen Tork" li fiha jiddeskrivi kif il-Maltin li kienu lsiera fuq ġifen tat-Torok, irnexxilhom jeħilsu mill-jasar tagħhom wara li għamlu wegħda li jiġu hawn pellegrinaġġ fis-Satwarju tal-Mellieħa u iġibu magħhom il-ktajjen li bihom kienu marbutin.

Jiena naħseb li l-lejla tajjeb li nitkellmu daqxejn rigward il-jasar għaliex mhux dawk biss li huma marbutin bil-ktajjen jew bil-ħbula huma lsiera, imma huwa lsir kull bniedem li ma jistax igawdi l-libertà li Alla l-Imbierek mar jagħti lil kull wieħed fost il-bniedmin.

Lilna l-bnedmin, Alla ma ħalaqniex lsiera ma ħalaqniex skjavi, imma lil kull wieħed u waħda minna tana dak li jgħidulhom il-jeddijiet fondamentali. Li tkun liberu, li tkun hieles ma jfissirx li tagħmel kapriċċik, li tagħmel dak li jaqbillek u dak li jogħġbok. Li tkun hieles ifisser illi inti tkun tista' twettaq dak li huma jeddijiet tiegħek; li inti tkun tista' tagħmel it-tajjeb kif thoss li huwa tajjeb filkuxjenza tiegħek u quddiem Alla. U kull bniedem li huwa nfixkel fit-twettiq ta' dawn il-jeddijiet tiegħu, dak ftit jew wisq huwa lsir, ftit jew wisq qed ibagħti mill-iskjavitu.

Din l-esperjenza għaddew minnha il-

ħaddiema polakki, illi propju f'dawn il-ġranet huma semmgħu leħinnhom biex jiddefendu l-jeddijiet tagħhom, il-għaliex ma riedux jibqgħu iktar f'dik il-kwalita ta' jasar li kienu fiha u illum dawn ħutna l-pollakki iltaqgħu f'Santwarju ta' Cestakova biex jitolbu 'l Madonna ħalli tagħtihom il-ħelsien u l-qawwa biex jistgħu jiksbu dan il-ħelsien u aħna minn hawn hekk niftakru fihom għaliex magħqudin flimkien bl-istess fidi u bl-istess devozzjoni lejn l-Imqaddsa Verġni Marija. Nitolbu għalihom biex jiksbu 'l ħelsien mill-iskjavitu mhux tax-xwieni, imma mill-jasar li minnħabba fih ma jistgħux iwettqu l-jeddijiet tagħhom bħala bnedmin.

U jien xtaqt li illejla nkellimkom anke fuq jasar ieħor, jasar li forsi iktar perikoluż, għax dak li tkellimna fuqu s'issa huwa jasar estern li jiġi barra, u minn madwarna. Hemm ukoll jasar li jiġi minna nfusna, minn natura tagħna stess, mill ġibdiet tagħna illi jekk aħna nagħtuhom wisa żżejjed jistgħu jwassluna għall-dnub u għall-ħtija. Huwa il-jasar tad-drawwiet ħżiena, il-jasar tal-vizzju. Ħadd minna il-bnedmin ma jista' jgħid li huwa għal kollox ħieles minn din it-tirannija tal-ġibdiet ħżiena, il-għaliex kollha kemm aħna għandna fina dik li nsejħulha l-konkupixxenza, inħossu fina l-ġibda għad-dnub. Għalhekk huwa meħtieġ li nħabirku kontinwament biex nakwistaw dik il-libertà interjuri, dik il-ħlusija mill-ġibdiet ħżiena tagħna, nfusna biex inkunu nistgħu nagħmlu t-tajjeb u nogħġbu 'l Alla.

Għalhekk anke għalina nfusna għandna nitolbuha lil-Madonna biex tagħtina l-ħelsien; għall inqas il-ħelsien mill-iskjavitu' tal-ġibdiet il-ħżiena, il-ħelsien illi bih aħna nkunu nistgħu nimxu fit-triq it-tajba li twassal fil-glorja ta' dejjem.

Nistgħu għalhekk nirripetu l-istess talba li għamlu l-Maltin tal-imgħoddi lil Sidtna Marija, kif insibuha fil-poeżija li semmejna:

Ja Madonna tal-Mellieħa
isma t-talba tal-imjassrin
li neħilsu minn dan il-jasar
itlob 'l Ibnek il-ħanin.
agħmel int għal ħniena tiegħek
li aħna nibqgħu rebbeħin,

Ħadd għalxejn lilek ma talab
ġmiel u hena tas-Smewwiet
quddiem Alla, O Marija
kelma tiegħek dejjem swiet.
lil min b'qalbu talab lilek
it-thennija dejjem ġiet.

(Omelija fi-okkażjoni tal-pellegrinaġġ għall-Madonna tal-Mellieħa: 26 - 8 - 80)

Kristu, Sultan tal-Kuxjenzi.

Inġbarna hawn sabiex nagħtu l-qima tagħna lil Kristu Sultan u nistqarru li aħna sudditi fidili Lejh.

Pero' dan Kristu huwa l-istess wieħed li mistoqsi minn Pilatu jekk hux sultan, wieġeb "Jien għalhekk twelidt u għalhekk ġejt fid-dinja, biex nixħed għall-verità u kull min iħobb il-verità, jisma leħni! Gw. 18:37.

Minn dan il-kliem nistgħu nkejjlu min huma dawn li jistgħu jissejħu tabilħaqq sudditi fidili ta' Kristu Sultan u min huma dawk li ma jistħoqqilhomx dan l-isem.

Huma sudditi fidili ta' Kristu dawk li jħobbu l-verità u propju sabiex isibu din il-verità jisimgħu l-leħen tiegħu u jimxu warajh.

Mela r-relazzjonijiet li jorbtu flimkien lil Kristu mas-sudditi tiegħu huma rabtiet interjuri, rabtiet tal-moħħ u tal-qalb. Huma veri sudditi ta' Kristu dawk li jgħarfuh bħala Feddej tagħhom, jaċċettaw it-tagħlim tiegħu u jħobbuh iżjed milli jħobbu kull bniedem jew kull ħaġa oħra.

Kristu huwa qabel xejn u fuq kollox, Sultan tal-kuxjenzi tal-bniedmin. L-ewwel att li bih nagħrfu lil Kristu bħala sultan tagħna, huwa att interjuri, deċiżjoni tal-kuxjenza tagħna. Biex naċċettaw lil Kristu f'ħajjitna, jeħtieġ qabel xejn li nissottomettu Lejh il-kuxjenza tagħna. Il-kuxjenza li tippretendi li hija awtonoma li tgħid hi weħida mingħajr ma jindaħlilha ħadd xi inhu t-tajjeb u x'inhu l-ħażin, ma hix kuxjenza nisranija u min għandu Kuxjenza bħal din jinganna ruħu jekk jaħseb li huwa sudditu ta' Kristu. Il-kuxjenza nisranija tfittex il-verita',

tixtieq toqgħod għal liġi u tapplikaha għall-għemejjel tagħha kollha. Fid-deċiżjonijiet tagħha, l-kuxjenza nisranija ma timxix skond il-kapriċċi tagħha jew skond il-korrenti tal-moda u tal-opinjonijiet tal-bniedmin, iżda tuża dejjem il-kejl li tana Kristu u tapplika għaliha nfisha u għall-oħrajn, dak li għallem Hu bil-kelma u bl-eżempju tiegħu.

Kristu Sultan **idawwal** il-kuxjenzi tagħna l-insara bit-tagħlim qaddis tiegħu. M'aħniex bħal dawk il-bniedmin li mixjin fid-dlam, li ma jafux jagħżlu bejn it-tajjeb u l-ħażin, li ma jafux x'hemm jistennihom wara l-mewt. Aħna l-insara t-Triq nafuha għax għallimiel-na Kristu, u l-għażla bejn it-tajjeb u l-ħażin kapaċi nagħmluha fid-dawl li tana Huwa stess.

Kristu Sultan **iqawwi** l-kuxjenzi tagħna permezz tal-grazzja tiegħu. Aħna nafu li t-triq tas-sewwa bosta drabi hija mwiegħra, nafu li min jipprova jagħmel it-tajjeb jiltaqgħa ma ħafna tfixkil, pero' aħna nemmnu li Kristu ma jitlaqniex weħidna. Dan is-sultan mhux biss jagħtina l-liġi tiegħu biex nobduha, iżda jagħtina kontinwament l-għajnuna biex nirbħu d-diffikultajiet u ngħixu kif irid Hu.

Kristu Sultan **inaddaf** bid-demm tiegħu il-kuxjenzi tagħna mill-għemil mejjet biex naqdu lil Alla ħaj. (Lhud 9:14). Aħna nittamaw li niksbu l-maħfra ta' ħtijietna bis-sagramenti mqaddsa, li bis-saħħa tal-fidwa li

kisbilna bit-tixrid ta' demmu jaħfrulna dnubietna u jerġgħu jagħmluna ħbieb ma Alla. Kristu Sultan ħasbilna wkoll sabiex inkunu nistgħu nsibu l-fejqan tal-kuxjenzi tagħna fil-mard spiritwali li jiġi fuqna.

Fl-aħħarnett, Kristu Sultan jiġġudika l-kuxjenzi tagħna. Dan huwa mħallef li ma jaħrablu xejn u li jagħraf il-ħsibijiet u x-xewqat l-iktar moħbija fil-qalb tal-bniedem. Il-ġudizzju tiegħu ma fih ebda dell ta' qerq jew żball. It-tribunal ta' Kristu huwa l-uniku wieħed kompetenti li jiġġudika bla għelt il-kuxjenzi, għaliex Alla waħdu li kapaċi jagħraf il-verita' sħiħa dwar il-kuxjenza tal-bniedem u jagħrbel dak kollu li hemm moħbi f'dan is-santwarju tal-qalb umana.

Minn hawn u ftit ieħor nirreċitaw flimkien il-att tal-konsagrazzjoni lil Kristu Sultan. Nagħmlu bis-serjeta kollha din il-konsagrazzjoni u ikoll kemm aħna nwiegħdu solennement li nagħmlu kull ma nistgħu biex Kristu jsaltan dejjem fil-kuxjenza tagħna. Hekk Ikun.

(Diskors; Festa ta' Kristu Sultan).
(23 ta' Novembru, 1980)

Dahla

I PARTI (L-ITTRI PASTORALI)

1. Il-Valuri Fundamentali 1
2. L-Edukazzjoni għar-Responsabilità 30
3. L-Ewkaristija u l-Fidwa tal-bnedmin 52
4. Il-Missjoni tal-Mara Nisranija 68
5. L-Edukazzjoni Reliġjuża 79
6. Il-Knisja u n-Nies tax-Xogħol 86

II PARTI (SILTIET MILL-ITTRI ĊIRKULARI)

Il-Ħajja kkonsagrata lil Alla 113
Il-Madonna u t-Tama tal-Umanità 114
Bir-Rużarju nagħrfu aħjar lil Kristu 116
Il-Milied, Festa Nisranija 117
Il-Pjaga tad-Dagħa 120
L-Armonija tar-Rużarju Mqaddes 124
It-Talb għal Mejtin 128
Id-Drittijiet t'Alla 130
Id-Drawwa Qaddisa tar-Rużarju 132
L-Għajnuna lill-Foqra 133
L-Apostolat tat-Talb 135
Ir-Rużarju talba tal-Familja 137
Il-Preċett tal-Karità 137
Il-Kotba Mqaddsa 138

III PARTI (SILTIET MINN TAĦDIDIET)

Is-Sengħa tat-Talb 141
It-Triq tal-Vjolenza jew it-Triq ta' l-Imħabba 145
Ninqdew sewwa bil-Libertà 148
Il-Qawwa tal-Kelma ta' Kristu 155
Nibnu Soċjeta' Aħjar 160
Il-Fidi tal-Poplu Tagħna 163
Alla, iċ-Ċentru ta' Kollox 168
Il-Libertà Reliġjuża 171
L-Ispirtu ta' Dun Ġorġ Preca 194
Il-Knisja fi Djalogu mal-Bnedmin 197
Il-Qima tal-Għawdxin lejn il-Madonna fi-imgħoddi u l-lum 202
Alla ma Ħalaqniex ilsiera 206
Kristu Sultan tal-Kuxjenzi 209

Stampat fil-"Gozo Press", Għajnsielem, Għawdex.